



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.6.2017  
COM(2017) 364 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-AWDITURI**

**IL-KONTIJET ANNWALI TAL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP 2016**

Kontijiet annwali  
tal-Fond Ewropew għall-  
Iżvilupp 2016

## WERREJ

ĊERTIFIKAZZJONI TAL-KONTIJIET.....	3
IMPLIMENTAZZJONI U KONTABBILTÀ TAR-RIŻORSI TAL-FEŻ .....	4
FONDI ĠESTITI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA .....	7
RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FEŻ .....	9
NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FEŻ .....	19
DĦUL .....	37
SPEJJEŻ .....	38
RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FONDI FIDUĊJARJI TAL-UE KKONSOLIDATI FIL-FEŻ .....	48
KONTIJIET ANNWALI FINALI TAL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE.....	49
INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE .....	50
KONTIJIET ANNWALI FINALI TAL-FOND FIDUĊJARJU TAL-UE GĦALL-AFRIKA.....	56
INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IL-FOND FIDUĊJARJU TAL-UE GĦALL-AFRIKA .....	57
RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI TAL-FEŻ U TAL-FONDI FIDUĊJARJI TAL-UE ....	63
RAPPORT TAL-FEŻ DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA.....	68
RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI - FONDI ĠESTITI MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT .....	82

## **ĊERTIFIKAZZJONI TAL-KONTIJIET**

Il-kontijiet annwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena 2016 tħejjew skont it-Titolu IX tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp u skont il-prinċipji, ir-regoli u l-metodi tal-kontabbiltà stipulati fl-anness tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Nirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħi għat-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Ksibt l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-produzzjoni tal-kontijiet li juru l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-implimentazzjoni baġitarja mingħand l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni u mill-BEI, li jggarantixxu l-kredibbiltà tagħha.

B'dan niċċertifika li fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, u ta' tali kontrolli li jien qist meħtieġa biex niffirma l-kontijiet, għandi aċċertament raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-aspetti materjali kollha.

[bil-firma]

Rosa ALDEA BUSQUETS

**L-Uffiċjal tal-Kontabbiltà**

It-23 ta' Ġunju 2017

# IMPLIMENTAZZJONI U KONTABBILTÀ TAR-RIŻORSI TAL-FEŻ

## 1. IL-KUNTEST

L-Unjoni Ewropea (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għaliha bħala l-UE) għandha relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' għadd kbir ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-objettiv ewlieni huwa li jiġi promoss l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali, bl-għan ewlieni li jitnaqqas u jinqered il-faqar fuq perjodu ta' żmien twil, billi l-pajjiżi benefiċjarji jiġu pprovduti b'għajjnuna għall-iżvilupp u assistenza teknika. Sabiex jikseb dan, l-UE tfassal, b'mod konġunt mal-pajjiżi sħab, strateġiji ta' kooperazzjoni u timmobilizza r-riżorsi finanzjarji biex timplimentahom. Dawn ir-riżorsi tal-UE allokatu għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiġu minn tliet sorsi:

- Il-baġit tal-UE;
- Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp;
- Il-Bank Ewropew tal-Investment.

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-FEŻ) huwa l-istrument ewlieni li jipprovdi l-għajjnuna tal-UE għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala l-AKP) u lill-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala l-OCTs).

Il-FEŻ mhuwiex iffinanzjat mill-baġit tal-UE. Huwa stabbilit permezz ta' ftehim intern tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, u ġestit minn kumitat speċifiku. Il-Kummissjoni Ewropea (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għaliha bħala l-Kummissjoni) hija responsabbli għall-implimentazzjoni finanzjarja tal-operazzjonijiet imwettqa bir-riżorsi tal-FEŻ. Il-Bank Ewropew tal-Investment (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-BEI) jiġġestixxi l-Faċilità tal-Investment.

Matul il-perjodu 2014-2020, l-għajjnuna ġeografika mogħtija lill-Istati AKP u lill-OCTs se tkompli tkun iffinanzjata primarjament mill-FEŻ. Kull FEŻ normalment jiġi approvat għal perjodu ta' madwar ħames snin u jkun irregolat bir-Regolament Finanzjarju tiegħu stess, li jirrikjedi t-tnejjija ta' rapporti finanzjarji għal kull FEŻ individwali. Għaldaqstant, ir-rapporti finanzjarji jitħejjew separatament għal kull FEŻ fir-rigward tal-parti li hija ġestita mill-Kummissjoni. Dawn ir-rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati wkoll b'mod aggregat sabiex jiprovdu ħarsa globali lejn is-sitwazzjoni finanzjarja tar-riżorsi li għalihom hija responsabbli l-Kummissjoni.

Il-Ftehim Intern li jstabbilixxi l-Ħdax-il FEŻ ġie ffirmat mill-Istati Membri parteċipanti, li ltaqgħu fil-Kunsill, f'Ġunju 2013<sup>1</sup>. Huwa daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2015. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità bejn it-tmiem tal-Għaxar FEŻ u d-dħul fis-seħħ tal-Ħdax-il FEŻ, il-Kummissjoni pproponiet miżuri ta' tranżizzjoni, magħrufa bħala l-Faċilità ta' Tranżizzjoni (FT)<sup>2</sup>. L-FT hija ppreżentata fl-ambitu tal-Ħdax-il FEŻ.

Fl-istess żmien ġie emendat ir-Regolament Finanzjarju tal-Għaxar FEŻ<sup>3</sup> u ġie adottat ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid applikabbli għall-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>4</sup>. Dawn daħlu fis-seħħ fit-30 ta' Mejju 2014.

<sup>1</sup> ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

<sup>2</sup> Il-ħolqien tal-Faċilità ta' Tranżizzjoni l-ewwel kienet ġiet proposta bħala artikolu tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Ħdax-il FEŻ (COM(2013) 445). Madankollu, il-Kummissjoni pproponiet, bħala alternattiva, il-ħolqien tal-Faċilità ta' Tranżizzjoni permezz ta' deċiżjoni speċifika tal-Kunsill (Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-miżuri ta' tranżizzjoni għall-ġestjoni tal-FEŻ mill-1 ta' Jannar 2014 sad-dħul fis-seħħ tal-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), COM(2013) 663).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar FEŻ. ĠU L 78, 19.2.2008, p. 1.

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 567/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 215/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp fir-rigward tal-applikazzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni bejn l-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Intern dwar il-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp. ĠU L 157, 27.5.2014, p. 52.

Fit-2 ta' Marzu 2015, il-Kunsill adotta r-Regolament Finanzjarju tal-Ħdax-il FEŻ<sup>5</sup> u r-Regoli ta' Implimentazzjoni<sup>6</sup>. Dawn daħlu fis-seħħ fis-6 ta' Marzu 2015.

Fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, ġiet stabbilita l-Faċilità ta' Investiment. Din il-Faċilità ta' Investiment hija ġestita mill-BEI u tintuża biex tappoġġa l-iżvilupp tas-settur privat fl-Istati AKP billi essenzjalment tiffinanzja – iżda mhux esklussivament – l-investimenti privati. Il-Faċilità hija maħsuba bħala fond rinnovabbli, sabiex il-ħlas lura tas-self ikun jista' jiġi investit mill-ġdid f'operazzjonijiet oħrajn, bir-riżultat li l-faċilità tkun tirrinova lilha nnifisha u tkun finanzjarjament indipendenti. Billi l-Faċilità ta' Investiment mhijiex ġestita mill-Kummissjoni, hija ma tiġix ikkonsolidata fl-ewwel parti tal-kontijiet annwali – ir-rapporti finanzjarji tal-FEŻ u r-rapport relatat dwar l-implimentazzjoni finanzjarja. Ir-rapporti finanzjarji tal-Faċilità ta' Investiment huma inklużi bħala parti separata tal-kontijiet annwali (il-parti II) biex jipprovdu stampa sħiħa tal-għajjnuna għall-iżvilupp tal-FEŻ<sup>7</sup>.

## 2. KIF JIĠI FFINANZJAT IL-FEŻ?

Il-Kunsill Ewropew tat-2 ta' Diċembru 2013 adotta l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2014-2020. F'dan il-kuntest, ġie deċiż li l-kooperazzjoni ġeografika mal-Istati tal-AKP ma tiġix integrata (ibbaġitizzata) fil-baġit tal-UE, iżda tkompli tkun iffinanzjata permezz tal-FEŻ intergovernattiv eżistenti.

Il-baġit tal-UE huwa annwali u skont il-prinċipju baġitarju tal-annwalità, in-nefqa u d-dħul huma ppjanati u awtorizzati għal sena waħda. Għall-kuntrarju tal-UE, il-FEŻ huwa fond li jopera fuq il-bażi tal-multiannwalità. Kull FEŻ jistabbilixxi fond kumplessiv biex jimplimenta l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ġeneralment, matul perjodu ta' ħames snin. Billi r-riżorsi jiġu allokati fuq bażi pluriennali, il-fondi allokati jistgħu jintużaw matul il-perjodu tal-FEŻ. In-nuqqas tal-annwalità tal-baġit huwa enfasizzat fir-rapportar baġitarju, fejn l-implimentazzjoni baġitarja ta' kull FEŻ titkejjel fl-isfond tal-fondi totali.

Ir-riżorsi tal-FEŻ huma kontribuzzjonijiet "ad hoc" mill-Istati Membri tal-UE. Kważi kull ħames snin, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri jiltaqgħu fil-livell intergovernattiv biex jiddeċiedu dwar l-ammont kumplessiv li se jiġi allokat lill-fond u biex jissorveljaw l-implimentazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni mbagħad tiġġestixxi l-fond f'konformità mal-politika tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Billi l-Istati Membri għandhom il-politiki tagħhom stess dwar l-iżvilupp u l-għajjnuna, b'mod parallel mal-politika tal-Unjoni, l-Istati Membri jridu jikkoordinaw il-politiki tagħhom mal-UE biex jiżguraw li huma komplimentari.

Minbarra l-kontribuzzjonijiet imsemmija hawn fuq, huwa possibbli wkoll għall-Istati Membri li jidħlu f'arranġamenti ta' kofinanzjament jew li jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji lill-FEŻ.

## 3. IR-RAPPORTAR FI TMIEM IS-SENA

### 3.1. KONTIJET ANNWALI

F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ, ir-rapporti finanzjarji tal-FEŻ jitħejjew fuq il-bażi tar-regoli dwar il-kontabbiltà abbażi tad-dovuti li minnhom infushom huma bbażati fuq l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (International Public Sector Accounting Standards - IPSAS). Ir-regoli tal-kontabbiltà adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni huma applikati mill-Istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE sabiex tiġi stabbilita ġabra ta' regoli uniformi għall-kontabbiltà, il-valutazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet bl-għan li jiġi armonizzat il-proċess għat-tfassil tar-rapporti finanzjarji u l-konsolidazzjoni, kif mitlub mill-Artikolu 152 tar-Regolament Finanzjarju tal-UE. Dawn ir-regoli tal-kontabbiltà tal-UE jiġu applikati wkoll għall-FEŻ, filwaqt li tittieħed inkonsiderazzjoni n-natura speċifika tal-attivitàjiet tiegħu.

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp. ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17-38.

<sup>6</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp. ĠU L 58, 3.3.2015, p. 1-16.

<sup>7</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 567/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 215/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp fir-rigward tal-applikazzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni bejn l-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Intern dwar il-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp. ĠU L 157, 27.5.2014, l-Artikolu 43.

It-tnejn tal-kontijiet annwali tal-FEŻ hija fdata lill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, li huwa l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-FEŻ. Dan l-uffiċjal jiżgura li l-kontijiet annwali tal-FEŻ jippreżentaw ħarsa vera u ġusta lejn il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ.

Il-kontijiet annwali jiġu ppreżentati kif ġej:

Parti I: Fondi ġestiti mill-Kummissjoni

- (i) Rapporti finanzjarji u noti ta' spjegazzjoni tal-FEŻ
- (ii) Rapporti finanzjarji tal-fondi fiduċjarji tal-UE kkonsolidati fil-FEŻ
- (iii) Rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-FEŻ u tal-fondi fiduċjarji tal-UE
- (iv) Rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tal-FEŻ

Parti II: Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni - Fondi ġestiti mill-BEI

- (i) Rapporti finanzjarji tal-Faċilità ta' Investiment

Il-parti "Rapporti finanzjarji tal-fondi fiduċjarji Ewropej ikkonsolidati fil-FEŻ" tinkludi r-rapporti finanzjarji taż-żewġ fondi fiduċjarji maħluqa skont il-FEŻ: Il-Fond Fiduċjarju Bêkou tal-UE (ara t-taqsima "Rapporti finanzjarji tal-Fond Fiduċjarju Bêkou tal-UE") u l-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika<sup>8</sup> (ara t-taqsima "Rapporti finanzjarji tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika"). Ir-rapporti finanzjarji individwali tal-fondi fiduċjarji jitħejjew taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-KE u huma soġġetti għal awditjar estern imwettaq minn awditur privat. Ir-rapporti finanzjarji tal-fondi fiduċjarji inklużi f'dawn il-kontijiet annwali huma r-rapporti finanzjarji finali, jiġifieri wara li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa tal-awditjar.

Ta' min jinnota li t-tqassim tar-rapporti finanzjarji u tan-noti ta' spjegazzjoni nbidel fl-2016. Il-bidliet huma purament fil-preżentazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja u għandhom l-għan li jagħtu allinjament aktar mill-qrib mal-entitajiet l-oħrajn tal-UE. L-ammonti komparattivi tal-2015 huma ppreżentati skont il-format il-ġdid.

Il-kontijiet annwali jiġu adottati mill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara u ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-kwittanza.

## **4. AWDITJAR U KWITTANZA**

### **4.1. AWDITJAR**

Il-kontijiet annwali tal-FEŻ u l-ġestjoni tar-riżorsi jiġu ssorveljati mill-awditur estern tiegħu, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (li minn hawn 'il quddiem issir referenza għaliha bħala l-QEA), li tfassal rapport annwali għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill.

### **4.2. KWITTANZA**

Il-kontroll finali jkun il-kwittanza tal-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ għal sena finanzjarja partikolari. Il-Parlament Ewropew huwa l-awtorità tal-kwittanza tal-FEŻ. Dan ifisser li wara l-awditjar u l-finalizzazzjoni tal-kontijiet annwali, ikun imiss lill-Kunsill li jirrakkomanda u mbagħad lill-Parlament Ewropew li jiddeċiedi jekk jagħtix il-kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ għal sena finanzjarja partikolari. Din id-deċiżjoni hija bbażata fuq rieżami tal-kontijiet u fuq ir-rapport annwali tal-QEA (li jinkludi dikjarazzjoni ta' aċċertament uffiċjali) u t-tweġibiet tal-Kummissjoni, kif ukoll il-mistoqsijiet sussegwenti u aktar talbiet għall-informazzjoni lill-Kummissjoni.

---

<sup>8</sup>L-2016 hija l-ewwel sena li fiha jinħarġu r-rapporti finanzjarji tal-EUTF għall-Afrika u b'hekk dawn jiġu inklużi wkoll għall-ewwel darba fir-rapporti finanzjarji tal-FEŻ. It-tranżazzjonijiet tal-2015 huma riflessi fiċ-ċifri komparattivi.

# FONDI ĠESTITI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA

*Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ta' hawn taħt ma taqbilx mal-għadd finali.*



## WERREJ

IMPLIMENTAZZJONI U KONTABBILTÀ TAR-RIŻORSI TAL-FEŻ.....	4
FONDI ĠESTITI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA .....	7
RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FEŻ .....	9
KARTA BILANĊJALI TAL-FEŻ.....	10
RAPPORT TAL-INTROJTU TAL-FEŻ .....	11
RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS TAL-FEŻ.....	12
DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI TAL-FEŻ .....	13
KARTA BILANĊJALI TAL-FEŻ.....	14
RAPPORT TAL-INTROJTU MILL-FEŻ.....	15
DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI TAL-FEŻ .....	16
NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FEŻ .....	19
RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FONDI FIDUĊJARJI TAL-UE KKONSOLIDATI FIL-FEŻ .....	48
KONTIJIET ANNWALI FINALI TAL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE .....	49
INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE .....	50
KARTA BILANĊJALI .....	52
RAPPORT TAL-INTROJTU .....	53
RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS .....	54
DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI .....	55
KONTIJIET ANNWALI FINALI TAL-FOND FIDUĊJARJU TAL-UE GĦALL-AFRIKA .....	56
INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IL-FOND FIDUĊJARJU TAL-UE GĦALL-AFRIKA .....	57
KARTA BILANĊJALI .....	59
RAPPORT TAL-INTROJTU.....	60
RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS .....	61
DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI .....	62
RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI TAL-FEŻ U TAL-FONDI FIDUĊJARJI TAL-UE.....	63
KARTA BILANĊJALI KONSOLIDATA .....	64
RAPPORT TAL-INTROJTU KONSOLIDAT .....	65
RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS KONSOLIDAT.....	66
DIKJARAZZJONI KONSOLIDATA TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI .....	67
RAPPORT TAL-FEŻ DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA .....	68
RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI - FONDI ĠESTITI MILL-BANK EWROPEW TAL- INVESTIMENT .....	82

## **RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FEŻ**

*Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ma taqbilx mal-għadd finali.*

## KARTA BILANĊJALI TAL-FEŻ

EUR miljuni

	Nota	31.12.2016	31.12.2015
<b>ASSI MHUX KURRENTI</b>			
<i>Prefinanzjament</i>	2.1	409	516
<i>Kontribuzzjonijiet għall-Fond Fiduċjarju</i>	2.2	98	34
		<b>507</b>	<b>550</b>
<b>ASSI KURRENTI</b>			
<i>Prefinanzjament</i>	2.1	1 372	1 145
<i>Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju</i>	2.3	132	171
<i>Flus u l-ekwivalenti ta' flus</i>	2.4	680	504
		<b>2 184</b>	<b>1 820</b>
<b>ASSI TOTALI</b>			
		<b>2 691</b>	<b>2 370</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI</b>			
<i>Provedimenti</i>	2.5	(4)	(4)
<i>Obbligazzjonijiet finanzjarji</i>	2.6	(6)	(10)
		<b>(10)</b>	<b>(14)</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI</b>			
<i>Ammonti pagabbli</i>	2.7	(549)	(520)
<i>Imposti dovuti u introjtu differit</i>	2.8	(776)	(855)
		<b>(1 324)</b>	<b>(1 376)</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI</b>			
		<b>(1 334)</b>	<b>(1 389)</b>
<b>ASSI NETTI</b>			
		<b>1 357</b>	<b>980</b>
<b>FONDI U RIŻERVI</b>			
<i>Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi</i>	2.9	42 323	38 873
<i>Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati</i>	2.9	2 252	2 252
<i>Trasferimenti ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi</i>	2.9	—	—
<i>Riżultat ekonomiku riportat mis-snin preċedenti</i>		(40 146)	(36 994)
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>		(3 073)	(3 152)
<b>ASSI NETTI</b>			
		<b>1 357</b>	<b>980</b>

## IR-RAPPORT TAL-INTROJTU TAL-FEŻ

EUR miljuni

	Nota	2016	2015
<b>DĦUL</b>			
<b>Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju</b>	3.1		
<i>Irkupru tal-ispejjeż</i>		8	90
		<b>8</b>	<b>90</b>
<b>Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju</b>			
<i>Introjtu finanzjarju</i>	3.2	3	8
<i>Introjtu ieħor</i>		62	42
		<b>66</b>	<b>50</b>
<b>Dħul Totali</b>		<b>73</b>	<b>140</b>
<b>SPEJJEŻ</b>			
<i>Strumenti tal-għajjnuna</i>	3.3	(2 970)	(3 059)
<i>Spejjeż ta' kofinanzjament</i>	3.4	15	(69)
<i>Spejjeż finanzjarji</i>	3.6	4	(1)
<i>Spejjeż oħrajn</i>	3.7	(196)	(162)
<b>Spejjeż Totali</b>		<b>(3 146)</b>	<b>(3 291)</b>
<b>RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA</b>		<b>(3 073)</b>	<b>(3 152)</b>

## RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS TAL-FEŻ

EUR miljuni

	Nota	2016	2015
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>		(3 073)	(3 152)
<b>Attivitajiet operatorji</b>			
<i>Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet</i>		3 450	3 200
<i>(Żieda)/tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji</i>		(64)	5
<i>(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament</i>		(120)	214
<i>(Żieda)/tnaqqis fl-ammonti riċevibbli ta' skambju u fl-ammonti rekuperabbli mhux ta' skambju</i>		39	(87)
<i>Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti</i>		—	4
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji</i>		(4)	(24)
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli</i>		28	(179)
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-imposti dovuti u fl-introjtu differit</i>		(80)	131
<b>FLUSSI TAL-FLUS NETTI</b>		<b>177</b>	<b>113</b>
<b>Żieda netta / tnaqqis nett fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus</b>		<b>177</b>	<b>113</b>
<i>Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena</i>	2.4	504	391
<i>Flus u ekwivalenti fi tmiem is-sena</i>	2.4	680	504

## DIKJARAZZJONI TAL-BIDLJET FL-ASSI NETTI TAL-FEŻ

	Kapital tal-fond - FEŻ attivi (A)	Fondi mhux eżerċitati - FEŻ attivi (B)	Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi (C) = (A) - (B)	Riżervi Kumulattivi (D)	Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati (E)	EUR miljuni Assi Netti Totali (C)+(D)+(E)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2014</b>	<b>45 691</b>	<b>10 018</b>	<b>35 673</b>	<b>(36 994)</b>	<b>2 252</b>	<b>932</b>
<i>Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet</i>		(4 795)	4 795	—	—	4 795
<i>Tnaqqis fil-kapital — fondi impenjati skont il-Faċilità ta' Tranżizzjoni</i>	(1 595)		(1 595)			(1 595)
<i>Rikonoxximent tal-kapital tal-#dax-il FEŻ</i>	29 367	29 367	—			—
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	—	—	—	(3 152)	—	(3 152)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2015</b>	<b>73 464</b>	<b>34 590</b>	<b>38 873</b>	<b>(40 146)</b>	<b>2 252</b>	<b>980</b>
<i>Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet</i>		(3 450)	3 450			3 450
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>			—	(3 073)		(3 073)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2016</b>	<b>73 464</b>	<b>31 140</b>	<b>42 323</b>	<b>(43 219)</b>	<b>2 252</b>	<b>1 357</b>

## KARTA BILANĊJALI TAL-FEŻ

EUR miljuni

	31.12.2016					31.12.2015				
	Nota	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Hdax-il FEŻ	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Hdax-il FEŻ	
<b>ASSI MHUX KURRENTI</b>										
Prefinanzjament	2.1	—	32	242	135	—	63	368	84	
Kontribuzzjonijiet għall-Fond Fiduċjarju	2.2	—	—	—	98	—	—	—	34	
		—	<b>32</b>	<b>242</b>	<b>232</b>	—	<b>63</b>	<b>368</b>	<b>118</b>	
<b>ASSI KURRENTI</b>										
Prefinanzjament	2.1	1	50	909	412	3	67	879	195	
Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju	2.3	1	71	59	2	1	65	103	2	
Kontijiet ta' kollegament	2.3	196	424	3 424	—	214	657	1 190	—	
Flus u ekwivalenti ta' flus	2.4	—	—	—	680	—	—	—	504	
		<b>198</b>	<b>544</b>	<b>4 391</b>	<b>1 094</b>	<b>218</b>	<b>790</b>	<b>2 172</b>	<b>701</b>	
<b>ASSI TOTALI</b>		<b>198</b>	<b>577</b>	<b>4 633</b>	<b>1 327</b>	<b>218</b>	<b>853</b>	<b>2 541</b>	<b>819</b>	
<b>OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI</b>										
Provvedimenti	2.5	—	—	—	(4)	—	—	—	(4)	
Obbligazzjonijiet finanzjarji	2.6	—	—	(6)	—	—	—	(10)	—	
		—	—	<b>(6)</b>	<b>(4)</b>	—	—	<b>(10)</b>	<b>(4)</b>	
<b>OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI</b>										
Ammonti pagabbli	2.7	(0)	(12)	(438)	(99)	(0)	(14)	(492)	(14)	
Kontijiet ta' kollegament	2.3	—	—	—	(4 043)	—	—	—	(2 062)	
Imposti dovuti u introjtu differit	2.8	(1)	(93)	(567)	(115)	(3)	(114)	(682)	(57)	
		<b>(1)</b>	<b>(104)</b>	<b>(1 005)</b>	<b>(4 257)</b>	<b>(3)</b>	<b>(128)</b>	<b>(1 174)</b>	<b>(2 132)</b>	
<b>OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI</b>		<b>(1)</b>	<b>(104)</b>	<b>(1 011)</b>	<b>(4 261)</b>	<b>(3)</b>	<b>(128)</b>	<b>(1 184)</b>	<b>(2 136)</b>	
<b>ASSI NETTI</b>		<b>197</b>	<b>472</b>	<b>3 622</b>	<b>(2 934)</b>	<b>214</b>	<b>726</b>	<b>1 357</b>	<b>(1 317)</b>	
<b>FONDI U RIŻERVI</b>										
Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi	2.9	12 164	10 973	19 187	—	12 164	10 973	15 737	—	
Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati	2.9	627	1 625	—	—	627	1 625	—	—	
Trasferimenti ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi	2.9	(2 496)	2 214	247	35	(2 476)	2 376	35	65	
Riżultat ekonomiku riportat mis-snin preċedenti		(10 100)	(14 248)	(14 415)	(1 382)	(10 107)	(14 223)	(12 183)	(481)	
Riżultat ekonomiku tas-sena		2	(91)	(1 397)	(1 587)	6	(26)	(2 232)	(901)	
<b>ASSI NETTI</b>		<b>197</b>	<b>472</b>	<b>3 622</b>	<b>(2 934)</b>	<b>214</b>	<b>726</b>	<b>1 357</b>	<b>(1 317)</b>	

## RAPPORT TAL-INTROJTU MILL-FEŻ

EUR miljuni

Nota	2016				2015				
	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	
<b>DĦUL</b>									
<b>Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju</b>	3.1								
<i>Irkupru tal-ispejjeż</i>		1	5	(2)	4	1	10	77	2
		<b>1</b>	<b>5</b>	<b>(2)</b>	<b>4</b>	<b>1</b>	<b>10</b>	<b>77</b>	<b>2</b>
<b>Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju</b>	3.2								
<i>Introjtu finanzjarju</i>		(0)	2	2	(1)	(0)	6	0	2
<i>Introjtu ieħor</i>		2	17	40	3	3	15	22	2
		<b>2</b>	<b>19</b>	<b>43</b>	<b>2</b>	<b>3</b>	<b>21</b>	<b>22</b>	<b>4</b>
<b>Dħul totali</b>		<b>3</b>	<b>23</b>	<b>41</b>	<b>7</b>	<b>4</b>	<b>30</b>	<b>99</b>	<b>6</b>
<b>SPEJJEŻ</b>									
<i>Strumenti tal-għajnuna</i>	3.3	2	(95)	(1 411)	(1 465)	5	(47)	(2 197)	(820)
<i>Spejjeż ta' kofinanzjament</i>	3.4	—	—	15	—	—	—	(68)	(1)
<i>Spejjeż finanzjarji</i>	3.6	(0)	(0)	4	(0)	0	7	(8)	(0)
<i>Spejjeż oħrajn</i>	3.7	(3)	(19)	(46)	(129)	(3)	(15)	(58)	(86)
<b>Spejjeż totali</b>		<b>(1)</b>	<b>(114)</b>	<b>(1 437)</b>	<b>(1 594)</b>	<b>2</b>	<b>(56)</b>	<b>(2 331)</b>	<b>(907)</b>
<b>RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA</b>		<b>2</b>	<b>(91)</b>	<b>(1 397)</b>	<b>(1 587)</b>	<b>6</b>	<b>(25)</b>	<b>(2 232)</b>	<b>(901)</b>



## DIKJARAZZJONI TAL-BIDLJET FL-ASSI NETTI TAL-FEŻ

EUR miljuni

It-Tmien FEŻ	Kapital tal-fond - FEŻ attivi (A)	Fondi mhux eżerċitati - FEŻ attivi (B)	Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi (C) = (A) - (B)	Riżervi Kumulattivi (D)	Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati (E)	Trasferimenti ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi (F)	Assi Netti Totali (C)+(D)+(E)+(F)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2014</b>	<b>12 840</b>	—	<b>12 840</b>	<b>(10 107)</b>	<b>627</b>	<b>(3 147)</b>	<b>214</b>
<i>Tnaqqis fil-kapital — fondi impenjati skont il-Faċilità ta' Tranżizzjoni</i>	(676)		(676)				(676)
<i>Trasferimenti lejn / mill-Għaxar FEŻ</i>			—			(6)	(6)
<i>Trasferimenti lejn / mill-Ħdax-il FEŻ</i>						676	676
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>			—	6			6
<b>BILANĊ FIL-31.12.2015</b>	<b>12 164</b>	—	<b>12 164</b>	<b>(10 100)</b>	<b>627</b>	<b>(2 476)</b>	<b>214</b>
<i>Trasferimenti lejn / mill-Għaxar FEŻ</i>			—			(20)	(20)
<i>Trasferimenti lejn / mill-Ħdax-il FEŻ</i>			—			—	—
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>			—	2			2
<b>BILANĊ FIL-31.12.2016</b>	<b>12 164</b>	—	<b>12 164</b>	<b>(10 098)</b>	<b>627</b>	<b>(2 496)</b>	<b>197</b>

EUR miljuni

Id-Disa' FEŻ	Kapital tal-fond - FEŻ attivi (A)	Fondi mhux eżerċitati - FEŻ attivi (B)	Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi (C) = (A) - (B)	Riżervi Kumulattivi (D)	Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati (E)	Trasferimenti ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi (F)	Assi Netti Totali (C)+(D)+(E)+(F)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2014</b>	<b>11 699</b>	—	<b>11 699</b>	<b>(14 223)</b>	<b>1 625</b>	<b>1 758</b>	<b>860</b>
<i>Tnaqqis fil-kapital — fondi impenjati skont il-Faċilità ta' Tranżizzjoni</i>	(727)	—	(727)				(727)
<i>Trasferimenti lejn / mill-Għaxar FEŻ</i>			—			(109)	(109)
<i>Trasferimenti lejn / mill-Ħdax-il FEŻ</i>						727	727
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>			—	(26)			(26)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2015</b>	<b>10 973</b>	—	<b>10 973</b>	<b>(14 249)</b>	<b>1 625</b>	<b>2 376</b>	<b>726</b>
<i>Trasferimenti lejn / mill-Għaxar FEŻ</i>			—			(163)	(163)
<i>Trasferimenti lejn / mill-Ħdax-il FEŻ</i>			—			—	—
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>			—	(91)			(91)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2016</b>	<b>10 973</b>	—	<b>10 973</b>	<b>(14 339)</b>	<b>1 625</b>	<b>2 214</b>	<b>472</b>

Il-kontijiet annwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp 2016

L-Għaxar FEŻ	Kapital tal-fond - FEŻ attivi (A)	Fondi mhux eżerċitati - FEŻ attivi (B)	Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi (C) = (A) - (B)	Riżervi Kumulattivi (D)	Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati (E)	Trasferimenti ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi (F)	EUR miljuni
							Assi Netti Totali (C)+(D)+(E)+(F)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2014</b>	<b>21 152</b>	<b>10 018</b>	<b>11 134</b>	<b>(12 183)</b>	<b>—</b>	<b>(209)</b>	<b>(1 258)</b>
<i>Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet</i>		(4 795)	4 795				4 795
<i>Tnaqqis fil-kapital - fondi impenjati skont il-Faċilità ta' Tranżizzjoni</i>	(192)		(192)				(192)
<i>Trasferimenti lejn / mit-Tmien u d-Disa' FEŻ</i>			—			84	84
<i>Trasferimenti lejn / mill-Ħdax-il FEŻ</i>			—			160	160
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>			—	(2 232)			(2 232)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2015</b>	<b>20 960</b>	<b>5 223</b>	<b>15 737</b>	<b>(14 415)</b>	<b>—</b>	<b>35</b>	<b>1 357</b>
<i>Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet</i>		(3 450)	3 450				3 450
<i>Trasferimenti lejn / mit-Tmien u d-Disa' FEŻ</i>			—			182	182
<i>Trasferimenti lejn / mill-Ħdax-il FEŻ</i>			—			30	30
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>			—	(1 397)			(1 397)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2016</b>	<b>20 960</b>	<b>1 773</b>	<b>19 187</b>	<b>(15 812)</b>	<b>—</b>	<b>247</b>	<b>3 622</b>

Il-Ħdax-il FEŻ	Kapital tal-fond - FEŻ attivi (A)	Fondi mhux eżerċitati - FEŻ attivi (B)	Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi (C) = (A) - (B)	Riżervi Kumulattivi (D)	Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati (E)	Trasferimenti ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi (F)	EUR miljuni
							Assi Netti Totali (C)+(D)+(E)+(F)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2014</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	<b>(481)</b>	<b>—</b>	<b>1 597</b>	<b>1 116</b>
<i>Rikonoxximent tal-kapital tal-Ħdax-il FEŻ skont il-Ftehim Intern</i>	29 367	(29 367)	—				—
<i>Trasferimenti lejn / mit-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar FEŻ</i>			—			(1 532)	(1 532)
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>			—	(901)			(901)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2015</b>	<b>29 367</b>	<b>(29 367)</b>	<b>—</b>	<b>(1 382)</b>	<b>—</b>	<b>65</b>	<b>(1 317)</b>
<i>Trasferimenti lejn / mit-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar FEŻ</i>			—			(30)	(30)
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>			—	(1 587)			(1 587)

<b>BILANĊ FIL-31.12.2016</b>	<b>29 367</b>	<b>(29 367)</b>	<b>—</b>	<b>(2 969)</b>	<b>—</b>	<b>35</b>	<b>(2 934)</b>
------------------------------	---------------	-----------------	----------	----------------	----------	-----------	----------------

## **NOTI GĦAR-RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FEŻ**

*Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ma taqbilx mal-għadd finali.*

## 1. POLITIKI KONTABILISTIĊI SINIFIKANTI

### 1.1. IL-PRINĊIPJI KONTABILISTIĊI

L-objettiv tar-rapporti finanzjarji huwa li jipprovdu informazzjoni dwar il-pożizzjoni finanzjarja, il-prestazzjoni u l-fluss tal-flus ta' entità li hija utli għal firxa wiesgħa ta' utenti.

Il-kunsiderazzjonijiet kumplessivi (jew il-prinċipji kontabilistiċi) li għandhom jiġu segwiti meta jitħejjew ir-rapporti finanzjarji huma stipulati fir-Regola Kontabilistika 1 tal-UE "Rapporti Finanzjarji" u huma l-istess bħal dawk deskritti fl-IPSAS 1: preżentazzjoni ġusta, bażi tad-dovuti, negozju avvjat, konsistenza tal-preżentazzjoni, materjalità, aggregazzjoni, tpaċija u informazzjoni komparattiva. Il-karatteristiċi kwalitattivi tar-rapportar finanzjarju huma r-rilevanza, l-affidabilità, il-komprensibilità u l-komparabilità.

### 1.2. IL-BAŻI TAT-THEJJJA

#### 1.2.1. Il-perjodu tar-rapportar

Ir-rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull sena. Is-sena kontabilistika tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru.

#### 1.2.2. Il-munita u l-bażi għall-konverżjoni

Il-kontijiet annwali huma ppreżentati f'miljuni ta' euro, bl-euro tkun il-munita funzjonali u tar-rapportar tal-FEŻ. It-tranżazzjonijiet f'munita barranin jiġu kkonvertiti f'euro bl-użu tar-rati tal-kambju prevalenti fid-dati tat-tranżazzjonijiet. Il-qliġ u t-telf tal-kambju li jirriżultaw mis-saldu ta' tranżazzjonijiet f'munita barranin u mill-konverżjoni mill-ġdid skont ir-rati tal-kambju fi tmiem is-sena tal-assi u l-obbligazzjonijiet monetarji denominati f'munita barranin huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu. Japplikaw metodi ta' konverżjoni differenti għal proprjetà, impjanti u tagħmir u assi intanġibbli, li jżommu l-valur tagħhom f'euro fid-data meta jkunu nextraw.

Il-bilanċi fl-aħħar tas-sena tal-assi u l-obbligazzjonijiet monetarji denominati f'munita barranin huma kkonvertiti f'euro fuq il-bażi tar-rati tal-kambju tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li japplikaw fil-31 ta' Diċembru.

#### Ir-rati tal-kambju tal-euro

Munita	31.12.2016	31.12.2015	Munita	31.12.2016	31.12.2015
<b>BGN</b>	<b>1,9558</b>	1,9558	<b>PLN</b>	<b>4,4103</b>	4,2639
<b>CZK</b>	<b>27,0210</b>	27,0230	<b>RON</b>	<b>4,5390</b>	4,5240
<b>DKK</b>	<b>7,4344</b>	7,4626	<b>SEK</b>	<b>9,5525</b>	9,1895
<b>GBP</b>	<b>0,8562</b>	0,7340	<b>CHF</b>	<b>1,0739</b>	1,0835
<b>HRK</b>	<b>7,5597</b>	7,6380	<b>JPY</b>	<b>123,4000</b>	131,0700
<b>HUF</b>	<b>309,8300</b>	315,9800	<b>USD</b>	<b>1,0541</b>	1,0887

#### 1.2.3. L-użu tal-stimi

F'konformità mal-IPSAS u mal-prinċipji kontabilistiċi aċċettati b'mod ġenerali, ir-rapporti finanzjarji bilfors iridu jinkludu ammonti bbażati fuq stimi u suppożizzjonijiet mill-maniġment ibbażati fuq l-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. Stimi sinifikanti jinkludu, iżda mhumiex limitati għal; dħul u imposti dovuti u differiti, provvedimenti, riskju finanzjarju fuq il-kontijiet riċevibbli, assi u obbligazzjonijiet kontinġenti u l-grad ta' indeboliment tal-assi. Ir-riżultati reali jistgħu jkunu differenti minn dawk l-istimi.

L-istimi raġonevoli huma parti essenzjali mit-thejjja ta' rapporti finanzjarji u ma jimminawx il-kredibilità tagħhom. Stima tista' tkun teħtieġ reviżjoni jekk iseħħu bidliet fiċ-ċirkostanzi li fuqhom kienet ibbażata l-istima jew bħala riżultat ta' informazzjoni ġdida jew aktar esperjenza. Min-natura tagħha, ir-reviżjoni ta' stima ma tirrelatax ma' perjodi preċedenti u mhijiex il-korrezzjoni ta' żball. L-effett ta' bidla fl-istima kontabilistika għandu jiġi rikonoxxut fl-eċċess jew fid-defiċit fil-perjodi meta ssir magħrufa tali bidla.

## 1.3. IL-KARTA BILANĊJALI

### 1.3.1. Assi intanġibbli

Il-liċenzji ta' softwer tal-kompjuter akkwistati jiġu ddikjarati skont il-kost storiku nieqes l-amortizzazzjoni akkumulata u t-telf mill-indeboliment. L-assi jiġu amortizzati fuq bażi lineari matul il-ħajjiet utli stmati tagħhom. L-istima tal-ħajja utli ta' assi intanġibbli tiddependi fuq il-ħajja ekonomika jew legali speċifika tagħhom iddeterminata permezz ta' ftehim. Assi intanġibbli żviluppjati internament jiġu kapitalizzati meta jkunu ssodisfati l-kriterji rilevanti tar-regoli kontabilistiċi tal-UE. L-ispejjeż kapitalizzabbli jinkludu l-ispejjeż direttament attribwibbli kollha neċessarji sabiex jinħoloq, jiġi prodott u jittejjja l-assi biex ikun jista' jopera bil-mod maħsub mill-maniġment. L-ispejjeż assoċjati mal-attivitajiet ta' riċerka, l-ispejjeż tal-iżvilupp mhux kapitalizzabbli u l-ispejjeż tal-manutenzjoni huma rikonoxxuti bħala spejjeż li jiġu imġarrba.

### 1.3.2. Proprjetà, impjanti u tagħmir

Il-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir kollha jiġu ddikjarati skont il-kost storiku nieqes id-deprezzament akkumulat u t-telf mill-indeboliment. Il-kost storiku jinkludi n-nefqa attribwibbli direttament għall-akkwiżizzjoni jew għall-konstruzzjoni tal-assi. L-ispejjeż sussegwenti huma inklużi fl-ammont riportat tal-assi jew jiġu rikonoxxuti bħala assi separat, kif xieraq, biss meta jkun probabbli li l-benefiċċji ekonomiċi futuri jew il-potenzjal tas-servizz assoċjat mal-entrata jmorru għand l-entità u li l-kost ta' dan ikun jista' jitkejjel b'mod kredibbli. L-ispejjeż tat-tiswija u tal-manutenzjoni jiġu ddebitati fir-rapport tal-introjtu matul il-perjodu finanzjarju li fih ikunu saru. L-art u x-xogħlijiet artistiki ma jiġux deprezzati billi huma jitqiesu li għandhom ħajja utli indefinita. L-assi taħt konstruzzjoni ma jiġux deprezzati billi dawn għadhom mhumiex disponibbli għall-użu. Id-deprezzament fuq assi oħrajn jiġi kkalkolat bl-użu tal-metodu tal-linja dritta sabiex jiġi allokat il-kost tagħhom nieqes il-valuri residwi tagħhom matul il-ħajjiet utli stmati tagħhom, kif ġej:

Tip ta' assi	Rata ta' deprezzament lineari
<i>Binjiet</i>	<i>minn 4 % sa 10 %</i>
<i>Impjanti u tagħmir</i>	<i>minn 10 % sa 25 %</i>
<i>Għamara u vetturi</i>	<i>minn 10 % sa 25 %</i>
<i>Hardwer tal-kompjuter</i>	<i>minn 25 % sa 33 %</i>
<i>Oħrajn</i>	<i>minn 10 % sa 33 %</i>

Il-qliġ jew it-telf fuq disponimenti jiġu ddeterminati billi r-rikavat nieqes l-ispejjeż tal-bejgħ jitqabbel mal-ammont riportat tal-assi disposti u jiġu inklużi fir-rapport tal-introjtu.

### Lokazzjonijiet

Il-lokazzjonijiet ta' assi tanġibbli, meta l-entità jkollha sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċji kollha tas-sjieda, jiġu kklassifikati bħala lokazzjonijiet finanzjarji. Il-lokazzjonijiet finanzjarji jiġu kkapitalizzati fil-bidu nett tal-lokazzjoni skont l-inqas minn bejn il-valur ġust tal-assi mogħti b'lokazzjoni u l-valur preżenti tal-pagamenti minimi tal-lokazzjoni. L-element tal-imgħax tal-pagament tal-lokazzjoni finanzjarja jiġi ddebitat fir-rapport tal-introjtu matul il-perjodu tal-lokazzjoni b'rata perjodika kostanti apparagun tal-bilanċ pendenti. L-obbligi tal-kiri, wara li jkunu tnaqqsu l-imposti finanzjarji, jiġu inklużi fl-obbligazzjonijiet finanzjarji (kurrenti u mhux kurrenti). L-element tal-imgħax tal-kost finanzjarju jiġi ddebitat fir-rapport tal-introjtu matul il-perjodu tal-lokazzjoni b'mod li jipproduċi rata tal-imgħax perjodika kostanti fuq il-bilanċ li jibqa' tal-obbligazzjoni għal kull perjodu. L-assi miżmuma taħt lokazzjonijiet finanzjarji jiġu deprezzati matul l-iqsar ħajja utli tal-assi u t-terminu tal-lokazzjoni.

Il-lokazzjonijiet fejn il-lokatur iżomm sehem sinifikanti mir-riskji u l-benefiċċji inerenti għas-sjieda huma kklassifikati bħala lokazzjonijiet operatorji. Il-pagamenti li jsiru taħt lokazzjonijiet operatorji jiġu ddebitati fir-rapport tal-introjtu fuq bażi lineari matul il-perjodu tal-lokazzjoni.

### 1.3.3. Indeboliment ta' assi mhux finanzjarji

L-assi li għandhom ħajja utli indefinita mhumiex soġġetti għal amortizzament/deprezzament u jiġu ttestjati kull sena għal indeboliment. L-assi li huma soġġetti għal amortizzament/deprezzament jiġu rieżaminati għal indeboliment kull meta attivitajiet jew bidliet fiċ-ċirkostanzi jindikaw li l-ammont riportat

ma jkunx jista' jiġi rkuprat. Telf minn indeboliment huwa rikonoxxut għall-ammont li bih l-ammont riportat tal-assi jaqbeż l-ammont rekuperabbli tiegħu. L-ammont rekuperabbli huwa l-ogħla minn bejn il-valur ġust tal-assi nieqes l-ispejjeż tal-bejgħ u l-valur fl-użu tiegħu.

L-assi intanġibbli u l-valuri residwi u l-ħajja utli tal-proprjetà, tal-impjanti u tat-tagħmir jiġu rieżaminati, u aġġustati, jekk ikun xieraq, mill-inqas darba fis-sena. L-ammont riportat ta' assi jitnaqqas minnufih għall-ammont rekuperabbli tiegħu jekk l-ammont riportat tal-assi jkun akbar mill-ammont rekuperabbli stmat tiegħu. Jekk ir-raġunijiet għall-indeboliment rikonoxxuti fis-snin preċedenti ma japplikawx aktar, it-telf minn indeboliment jitreġġa' lura kif xieraq.

#### 1.3.4. Assi finanzjarji

L-assi finanzjarji jiġu kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin: assi finanzjarji skont il-valur ġust permezz ta' profitt jew telf; self u riċevibbli; investimenti miżmuma sal-maturità; u assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ. Il-klassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tiġi ddeterminata mar-rikonoxximent inizjali u terġa' tiġi evalwata f'kull data tal-karta bilanċjali.

##### (i) Assi finanzjarji skont il-valur ġust permezz ta' profitt jew telf

Assi finanzjarji jiġu kklassifikati f'din il-kategorija jekk jiġi akkwistat primarjament għall-fini ta' bejgħ fuq perjodu qasir jew jekk tkun għażlet hekk l-entità. Id-derivattivi jiġu kkattegorizzati wkoll f'din il-kategorija. L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti jekk ikunu mistennija li jiġu realizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta bilanċjali. Matul din is-sena finanzjarja, l-entità ma żammet l-ebda investiment f'din il-kategorija.

##### (ii) Self u riċevibbli

Is-self u r-riċevibbli huma assi finanzjarji mhux derivattivi b'pagamenti fissi jew determinabbli li mhumiex ikkwotati f'suq attiv. Dawn jinħolqu meta l-entità tipprova flus, oġġetti jew servizzi direttament lil debitur bl-ebda intenzjoni li tinnegozja r-riċevibbli. Dawn huma inklużi fl-assi mhux kurrenti, ħlief għall-maturitajiet fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta bilanċjali. Is-self u r-riċevibbli jinkludu depożiti ta' żmien fiss b'maturità oriġinali ta' aktar minn tliet xhur.

##### (iii) Investimenti miżmuma sad-data tal-maturità

L-investimenti miżmuma sal-maturità huma assi finanzjarji mhux derivattivi b'pagamenti fissi jew determinabbli u maturitajiet fissi li l-entità għandha l-intenzjoni pożittiva u l-kapaċità li iżomm sal-maturità. Matul din is-sena finanzjarja, l-entità ma żammet l-ebda investiment f'din il-kategorija.

##### (iv) Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ

Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma assi mhux derivattivi li huma nnominati f'din il-kategorija jew li ma huma kklassifikati f'ebda waħda mill-kategoriji l-oħrajn. Huma kklassifikati bħala assi kurrenti jew mhux kurrenti, skont il-perjodu ta' żmien li fih l-entità tistenna li iżommhom, li ġeneralment ikun id-data tal-maturità.

#### Rikonoxximent u kejl inizjali

Ix-xiri u l-bejgħ ta' assi finanzjarji skont il-valur ġust permezz ta' profitt u telf, miżmuma sal-maturità u disponibbli għall-bejgħ huma rikonoxxuti fid-data tan-negozju - id-data li fiha l-entità timpenja ruħha li tixtri jew tbigħ l-assi. L-ekwivalenti ta' flus, is-self u d-depożiti ta' żmien fiss huma rikonoxxuti fid-data tas-saldu. L-istrumenti finanzjarji huma inizjalment rikonoxxuti skont il-valur ġust. Għall-assi finanzjarji kollha mhux riportati skont il-valur ġust permezz ta' profitt u telf, l-ispejjeż tat-tranżazzjoni jiġi ddeduttu mal-valur ġust fir-rikonoxximent inizjali.

L-istrumenti finanzjarji ma jibqgħux rikonoxxuti meta jiskadu d-drittijiet li jiġu riċevuti l-flussi tal-flus mill-investimenti jew meta l-entità tkun ittrasferixxiet b'mod sostanzjali r-riskji u l-benefiċċji kollha tas-sjeda lil parti oħra.

## Kejl sussegwenti

L-assi finanzjarji skont il-valur ġust permezz ta' profitt u telf sussegwentement jiġu riportati skont il-valur ġust, bil-qliġ u t-telf li jirriżultaw mill-bidliet fil-valur ġust jiġu inklużi fir-rapport tal-introjtu fil-perjodu li fih jirriżultaw.

Is-self u r-riċevibbli u l-investimenti miżmuma sal-maturità jiġu riportati bil-kost amortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv.

L-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ jiġu riportati sussegwentement skont il-valur ġust. Il-qliġ u t-telf li jirriżultaw mill-bidliet fil-valur ġust jiġu rikonossuti fir-riżerva tal-valur ġust. L-imgħax fuq l-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ ikkalkolat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv jiġi rikonossut fir-rapport tal-introjtu.

L-entità tivvaluta fid-data ta' kull karta bilanċjali jekk hemmx evidenza oġġettiva li assi finanzjarju huwa indebolit u jekk telf minn indeboliment għandux jiġi rreġistrat fir-rapport tal-introjtu.

### 1.3.5. Ammonti tal-prefinanzjament

Il-prefinanzjament huwa pagament intenzjonat biex jipprovdi lill-benefiċjarju b'avvanz ta' flus, jiġifieri fond. Dan jista' jinqasam f'għadd ta' pagamenti fuq perjodu definit fil-kuntratt, fid-deċiżjoni, fil-ftehim jew fl-att ġuridiku bażiku partikolari. Il-float jew l-avvanz jintuża għall-fini li għalih ikun ġie pprovdut matul il-perjodu definit fil-ftehim jew inkella jitħallas lura. Jekk il-benefiċjarju ma jġarrabx nefqa eliġibbli, huwa għandu l-obbligu li jrodd lura l-avvanz ta' prefinanzjament lill-entità. L-ammont tal-prefinanzjament jista' jitnaqqas (kompletament jew parzjalment) bl-aċċettazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli (li huma rikonossuti bħala spejjeż).

Il-prefinanzjament huwa, f'dati sussegwenti tal-karta bilanċjali, imkejjejl fl-ammont inizjalment rikonossut fil-karta bilanċjali għajr l-ispejjeż eliġibbli (inklużi l-ammonti stmati fejn meħtieġ) minfuqa matul il-perjodu.

### 1.3.6. Ir-riċevibbli u r-rekuperabbli

Billi r-regoli tal-kontabbiltà tal-UE jirrikjedu preżentazzjoni separata tat-tranżazzjonijiet ta' skambju u mhux ta' skambju, għall-fini tat-tnejn tal-kontijiet, ir-riċevibbli huma definiti bħala li ġejjin minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju u r-rekuperabbli huma definiti bħala li ġejjin minn tranżazzjonijiet ta' skambju (meta l-entità tirċievi valur minn entità oħra mingħajr ma tagħti direttament prezz fil-borża bejn wieħed u ieħor ugwali).

Ir-riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju jissodisfaw id-definizzjoni tal-istrumenti finanzjarji u, b'hekk, huma kklassifikati bħala self u riċevibbli u jitkejju skont dan (ara 1.3.4 fuq).

Ir-rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jiġu riportati fl-ammont oriġinali (aġġustat għall-imgħax u l-penali) nieqes il-valutazzjoni negattiva minħabba indeboliment. Valutazzjoni negattiva minħabba indeboliment tiġi stabbilita meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-entità mhux se tkun tista' tiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-rekuperabbli. L-ammont tal-valutazzjoni negattiva huwa d-differenza bejn l-ammont riportat tal-assi u l-ammont li jista' jiġi rkuprat. L-ammont tal-valutazzjoni negattiva huwa rikonossut fir-rapport tal-introjtu.

### 1.3.7. Flus u ekwivalenti ta' flus

Il-flus u l-ekwivalenti ta' flus huma strumenti finanzjarji u jinkludu l-kontanti, id-depożiti eżerċitabbli jew eżerċitabbli f'qasir żmien miżmuma fil-banek u investimenti ferm likwidi oħrajn għal perjodu ta' żmien qasir bil-maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew inqas.

### 1.3.8. Provvedimenti

Il-provvedimenti jiġu rikonossuti meta l-entità jkollha obbligu preżenti, legali jew kostruttivi, lejn il-partijiet terzi bħala riżultat ta' attivitajiet imgħoddija, meta jkun aktar probabbli milli le li jkun hemm ħtieġa ta' fluss ta' ħruġ ta' riżorsi biex jiġi saldat l-obbligu u meta l-ammont ikun jista' jiġi stmat b'mod



kredibbli. Il-provvedimenti ma jiġux rikonoxxuti għal telf operatorju fil-futur. L-ammont tal-provvediment huwa l-aqwa stima tan-nefqa li mistennija tkun meħtieġa sabiex jiġi saldat l-obbligu preżenti fid-data tar-rapportar. Meta l-provvediment jinvolvi għadd kbir ta' entrati, l-obbligu jiġi stmat permezz tal-ponderazzjoni tal-eżiti kollha possibbli bil-probabbiltajiet assoċjati tagħhom (il-metodu tal-"valur mistenni").

### 1.3.9. Ammonti pagabbli

Inklużi taħt kontijiet pagabbli nsibu kemm l-ammonti relatati ma' tranżazzjonijiet ta' skambju, bħax-xiri ta' oġġetti u servizzi, kif ukoll l-ammonti relatati ma' tranżazzjonijiet mhux ta' skambju relatati ma', pereżempju, pretensjonijiet tal-ispejjeż mill-benefiċjarji, għotjiet jew finanzjament ieħor mill-UE.

Meta jiġu pprovduti għotjiet jew finanzjament ieħor lill-benefiċjarji, il-pretensjonijiet tal-spejjeż jiġu rreġistrati bħala ammonti pagabbli għall-ammont mitlub meta tiġi riċevuta l-pretensjoni tal-kost. Wara verifika u aċċettazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli, l-ammonti pagabbli jiġu vvalutati fl-ammont aċċettat u eliġibbli.

L-ammonti pagabbli li jirriżultaw mix-xiri ta' oġġetti u servizzi jiġu rikonoxxuti hekk kif tasal il-fattura għall-ammont oriġinali u l-ispejjeż korrispondenti jiddaħflu fil-kontijiet meta l-provvisti jew is-servizzi jiġu kkonsenjati u aċċettati mill-entità.

### 1.3.10. Introjtu u imposti dovuti u differiti

It-tranżazzjonijiet u l-attivitajiet jiġu rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji fil-perjodu li miegħu huma relatati. Fl-aħħar tas-sena, jekk fattura tkun għadha ma ħarġitx iżda s-servizz ikun ġie pprovdut, il-provvisti jkunu ġew ikkonsenjati mill-entità jew ikun jeżisti ftehim kuntrattwali (pereżempju, b'referenza għal kuntratt), introjtu akkumulat jiġi stipulat fir-rapporti finanzjarji. Barra minn hekk, fl-aħħar tas-sena, jekk tinħareġ fattura iżda s-servizzi jkunu għadhom ma ġewx ipprovduti jew l-oġġetti fornuti jkunu għadhom ma ġewx ikkonsenjati, id-dħul jiġi differit u rikonoxxut fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

L-ispejjeż jiġu kontabilizzati wkoll fil-perjodu li miegħu jkunu relatati. Fl-aħħar tal-perjodu kontabilistiku, l-ispejjeż dovuti jiġu rikonoxxuti fuq il-bażi ta' ammont stmat tal-obbligu tat-trasferiment għall-perjodu. Il-kalkolu tal-ispejjeż dovuti jsir skont il-linji gwida operazzjonali u prattiċi dettaljati maħruġa mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà li għandhom l-għan li jiżguraw li r-rapporti finanzjarji jipprovdu rappreżentazzjoni leali tal-fenomini ekonomiċi u oħrajn li huma jippretendu li jirrappreżentaw. *Mutatis mutandis*, jekk ikun sar pagament bil-quddiem għal servizzi jew oġġetti li jkunu għadhom ma ġewx riċevuti, l-ispiża tiġi differita u rikonoxxuta fil-perjodu kontabilistiku sussegwenti.

## 1.4. RAPPORT TAL-INTROJTU

### 1.4.1. Dħul

Id-dħul jinkludi l-influssi gross ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz riċevuti u riċevibbli mill-entità, li jirrappreżentaw żieda fl-assi netti, għajr żidiet relatati ma' kontribuzzjonijiet mis-sidien.

Skont in-natura tat-tranżazzjonijiet bażi fir-rapport tal-introjtu, issir distinzjoni bejn:

*(i) Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju*

Id-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju huma t-taxxi u t-trasferimenti minħabba li t-trasferent jipprovdi riżorsi lill-entità benefiċjarja mingħajr ma din tipprovdi direttament prezz fil-borża li jkun bejn wieħed u ieħor ugwali.

It-trasferimenti huma influssi ta' benefiċċji ekonomiċi futuri jew potenzjal ta' servizz minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju, għajr it-taxxi. L-entità għandha tirrikonoxxi assi fir-rigward tat-trasferimenti meta l-entità tikkontrolla r-riżorsi bħala riżultat ta' attività passata (it-trasferiment) u tistenna li tirċievi benefiċċji ekonomiċi futuri jew potenzjal ta' servizz minn dawn ir-riżorsi, kif ukoll meta l-valur ġust ikun jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Influss ta' riżorsi minn tranżazzjoni mhux ta' skambju rikonoxxuta bħala assi (jiġifieri flus) huwa rikonoxxut ukoll bħala dħul, ħlief sal-punt li l-entità jkollha obbligu preżenti fir-rigward ta' dak it-trasferiment (kundizzjoni), li jkun irid jiġi ssodisfat qabel ikun jista' jiġi rikonoxxut id-dħul. Sakemm tiġi ssodisfata l-kundizzjoni, id-dħul jiġi differit u rikonoxxut bħala obligazzjoni (prefinanzjament riċevut).

*(ii) Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju*

Id-dħul mill-bejgħ ta' oġġetti u servizzi jiġi rikonoxxut meta r-riskju u l-benefiċċji sinifikanti tas-sjieda tal-oġġetti jiġu ttrasferiti lill-akkwiredent. Id-dħul assoċjat ma' tranżazzjoni li tinvolvi l-forniment ta' servizzi jiġi rikonoxxut b'referenza għall-istadju ta' meta titlesta t-tranżazzjoni fid-data tar-rapportar.

### 1.4.2. Spejjeż

L-ispejjeż huma tnaqqisiet fil-benefiċċji ekonomiċi jew fil-potenzjal ta' servizz matul il-perjodu ta' rapportar fil-forma ta' flussi ta' ħruġ jew konsum ta' assi jew tiġrib ta' obligazzjonijiet li jirriżultaw fi tnaqqisiet fl-ekwità/assi netti. Huma jinkludu kemm l-ispejjeż minn tranżazzjoni ta' skambju kif ukoll l-ispejjeż minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju.

L-ispejjeż minn tranżazzjonijiet ta' skambju li ġejjin mix-xiri ta' oġġetti u servizzi jiġu rikonoxxuti meta l-provvisti jiġu kkonsenjati u aċċettati mill-entità. Huma jiġu vvalutati skont l-ammont oriġinali tal-fattura. Barra minn hekk, fid-data tal-karta bilanċjali, l-ispejjeż relatati mas-servizz mogħti matul il-perjodu li għalih ma tkunx għada waslet jew ġiet aċċettata fattura jiġu rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu.

L-ispejjeż minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-ispejjeż operatorji tal-entità. Huma jirrelataw mat-traferimenti lill-benefiċjarji u jistgħu jkunu ta' tliet tipi: intitolamenti, trasferimenti skont ftehim u għotjiet diskrezzjonarji, kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet. It-trasferimenti jiġu rikonoxxuti bħala spejjeż fil-perjodu li matulu jkunu seħħew l-attivitajiet li jwasslu għat-trasferiment, sakemm in-natura tat-trasferiment tkun permessa mir-regolament jew ikun ġie ffirmat ftehim li jawtorizza t-trasferiment; ikun issodisfat kull kriterju ta' eliġibilità mill-benefiċjarju; u tkun tista' ssir stima raġonevoli tal-ammont.

Meta tasal talba għall-ħlas jew pretensjoni għall-ispejjeż u din tissodisfa l-kriterji ta' rikonoxximent, hija tiġi rikonoxxuta bħala spiża għall-ammont eliġibbli. Fl-aħħar tas-sena, l-ispejjeż eliġibbli mġarrba dovuti lill-benefiċjarji, iżda li jkunu għadhom ma ġewx irrapportati, jiġu stmati u rreġistrati bħala spejjeż dovuti.

## **1.5. ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI**

### **1.5.1. Assi kontinġenti**

Assi kontinġenti huwa assi possibbli li jinħoloq minn attivitajiet passati u li l-eżistenza tiegħu tkun ikkonfermata biss mill-okkorrenza jew min-nuqqas ta' okkorrenza ta' attività futura mhux ċerta waħda, jew aktar, li ma jkunux fil-kontroll sħiħ tal-entità. Assi kontinġenti jiġi divulgat meta jkun hemm probabbiltà ta' influż ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz.

### **1.5.2. Obbligazzjonijiet kontinġenti**

Obbligazzjoni kontinġenti hija obbligu possibbli li jinħoloq minn attivitajiet imgħoddija u li l-eżistenza tiegħu tkun ikkonfermata biss mill-okkorrenza jew min-nuqqas ta' okkorrenza ta' attività futura mhux ċerta waħda, jew aktar, li ma jkunux fil-kontroll sħiħ tal-entità; jew obbligu preżenti li jinħoloq minn attivitajiet passati, iżda li ma jiġix rikonoxxut minħabba li: mhux probabbli li jkun meħtieġ fluż ta' ħruġ ta' riżorsi li jkun fihom il-benefiċċji ekonomiċi jew il-potenzjal ta' servizz għas-saldu tal-obbligu jew, fiċ-ċirkostanzi rari fejn l-ammont tal-obbligu ma jkunx jista' jitkejjel b'affidabbiltà suffiċjenti.

## **1.6. KOFINANZJAMENT**

Il-kontribuzzjonijiet tal-kofinanzjament riċevuti jissodisfaw il-kriterji tad-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju taħt kundizzjoni u jiġu ppreżentati bħala ammonti pagabbli lill-Istati Membri, lil Stati terzi u lil oħrajn. Il-FEŻ huwa mitlub li juża l-kontribuzzjonijiet sabiex jipprovdi servizzi lil partijiet terzi jew inkella huwa mitlub li jirritorna l-assi (il-kontribuzzjonijiet riċevuti). L-ammonti pagabbli pendenti relatati mal-ftehimiet tal-kofinanzjament jirrappreżentaw il-kontribuzzjonijiet tal-kofinanzjament riċevuti wara li jitnaqqsu l-ispejjeż imgħarrba b'rabta mal-proġett. L-effett fuq l-assi netti huwa żero.

L-ispejjeż relatati mal-kofinanzjament ta' proġetti jiġu rikonoxxuti hekk kif jiġgħarrbu. L-ammont korrispondenti ta' kontribuzzjonijiet huwa rikonoxxut bħala dħul operatorju u l-effett fuq ir-riżultat ekonomiku tas-sena huwa żero.

## 2. NOTI GĦALL-KARTA BILANĊJALI

### ASSI

#### 2.1. PREFINANZJAMENT

Ħafna kuntratti jipprevedu ħlasijiet ta' avvanzi qabel il-bidu tax-xogħlijiet, il-konsenja tal-provvisti jew il-forniment tas-servizzi. Xi drabi, l-iskedi tal-ħlasijiet tal-kuntratti jipprevedu ħlasijiet fuq il-bażi tar-rapporti tal-progress. Il-prefinanzjament normalment jitħallas fil-munita tal-pajjiż jew tat-territorju fejn jitwettagħ il-proġett.

Iż-żmien tal-irkuprabbiltà jew tal-użu tal-prefinanzjament jirregola jekk jiġix divulgat bħala assi ta' prefinanzjament kurrenti jew mhux kurrenti. L-użu huwa definit mill-ftehim sottostanti tal-proġett. Kull ħlas lura jew użu dovut fi żmien 12-il xahar mid-data tar-rapportar jiġi ddikjarat bħala prefinanzjament kurrenti. Billi ħafna mill-proġetti tal-FEŻ huma fin-natura tagħhom għal perjodu ta' żmien twil, huwa meħtieġ li l-avvanzi relatati jkunu disponibbli għal aktar minn sena waħda. Għaldaqstant, xi ammonti ta' prefinanzjament jintwerew bħala assi mhux kurrenti.

EUR miljuni

	Nota	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax- il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
<i>Prefinanzjament mhux kurrenti</i>	2.1.1	—	32	242	135	409	516
<i>Prefinanzjament kurrenti</i>	2.1.2	1	50	909	412	1 372	1 145
<b>Total</b>		<b>1</b>	<b>82</b>	<b>1 151</b>	<b>546</b>	<b>1 781</b>	<b>1 661</b>

##### 2.1.1. Prefinanzjament mhux kurrenti

EUR miljuni

	31.12.2016	31.12.2015
<b>Ġestjoni Diretta</b>	<b>71</b>	<b>65</b>
<i>Implimentata minn:</i>		
<i>Il-Kummissjoni</i>	39	43
<i>Aġenziji eżekuttivi tal-UE</i>	4	1
<i>Delegazzjonijiet tal-EU</i>	29	21
<b>Ġestjoni Indiretta</b>	<b>338</b>	<b>451</b>
<i>Implimentata minn:</i>		
<i>Il-BEI u l-FEI</i>	180	323
<i>Organizzazzjonijiet internazzjonali</i>	87	90
<i>Korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku</i>	25	3
<i>Korpi tal-liġi pubblika</i>	13	10
<i>Pajjiżi terzi</i>	34	25
<b>Total</b>	<b>409</b>	<b>516</b>

##### 2.1.2. Prefinanzjament kurrenti

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
<i>Prefinanzjament (gross)</i>	9	231	2 945	1 560	4 745	4 250
<i>Ikklerjati permezz ta'</i>	(8)	(181)	(2 037)	(1 148)	(3 373)	(3 105)

cut-off

<b>Total</b>	<b>1</b>	<b>50</b>	<b>909</b>	<b>412</b>	<b>1 372</b>	<b>1 145</b>
--------------	----------	-----------	------------	------------	--------------	--------------

EUR miljuni

	31.12.2016	31.12.2015
<b>Ġestjoni Diretta</b>	<b>246</b>	<b>283</b>
<i>Implimentata minn:</i>		
<i>Il-Kummissjoni</i>	115	123
<i>Aġenzji eżekuttivi tal-UE</i>	10	1
<i>Delegazzjonijiet tal-EU</i>	122	159
<b>Ġestjoni Indiretta</b>	<b>1 125</b>	<b>861</b>
<i>Implimentata minn:</i>		
<i>Il-BEI u l-FEI</i>	372	235
<i>Organizzazzjonijiet internazzjonali</i>	432	336
<i>Korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku</i>	121	5
<i>Korpi tal-liġi pubblika</i>	53	56
<i>Pajjiżi terzi</i>	148	229
<b>Total</b>	<b>1 372</b>	<b>1 145</b>

Il-prefinanzjament globali fil-31 ta' Diċembru 2016 (EUR 1 781 miljun) huwa komparabbli mal-prefinanzjament totali fil-31 ta' Diċembru 2015 (EUR 1 661 miljun).

Iż-żieda żgħira fil-prefinanzjament kurrenti b'EUR 227 miljun, meta mqabbel mal-31 ta' Diċembru 2015, hija spjegata minn għadd kbir ta' kuntratti ġodda li għalihom kien għad ma hemmx spejjeż imġarrba fl-2016. Din iż-żieda tiġi kkompensata bi tnaqqis fil-prefinanzjament fit-tul (ara n-Nota 2.1.1).

### 2.1.3. Garanziji riċevuti fir-rigward tal-prefinanzjament

Il-garanziji jinżammu sabiex ikun żgurat il-prefinanzjament u jiġu rilaxxati meta titihallas il-pretensjoni finali għal proġett. Fil-31 ta' Diċembru 2016, il-garanziji li waslu mill-FEŻ fir-rigward tal-prefinanzjament kienu jammontaw għal EUR 53 miljun (EUR 83 miljun fl-2015).

Il-biċċa l-kbira tal-prefinanzjament jitħallas permezz tal-ġestjoni indiretta. F'dan il-każ, il-benefiċjarju tal-garanzija ma jkunx il-FEŻ iżda l-awtorità kontraenti.

## 2.2. KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-FOND FIDUĊJARJU

Din l-intestatura tirrappreżenta l-ammont imħallas bħala kontribuzzjonijiet għall-Fond Fiduċjarju Bêkou tal-UE u għall-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika. Il-kontribuzzjonijiet huma netti mill-ispejjeż imġarrba mill-fondi fiduċjarji u attribwibbli għall-FEŻ.

Il-kontribuzzjonijiet għall-fond fiduċjarju jiġu implimentati mill-FEŻ permezz tal-mod ta' ġestjoni diretta.

EUR miljuni

Fondi Fiduċjarji	Kontribuzzjoni netta fil-31.12.2015	Kontribuzzjonijiet imħallsa fl-2016	Allokazzjoni tal-ispejjeż netti tal-fondi fiduċjarji fl-2016	Kontribuzzjoni netta fil-31.12.2016
Afrika	–	99	(27)	72
Bêkou	34	–	(8)	26

<b>Total</b>	<b>34</b>	<b>99</b>	<b>(35)</b>	<b>98</b>
--------------	-----------	-----------	-------------	-----------

## 2.3. REKUPERABBLI MHUX TA' SKAMBJU U RIĊEVIBBLI TA' SKAMBJU

EUR miljuni

	Nota	31.12.2016	31.12.2015
Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	2.3.1	62	104
Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju	2.3.2	70	67
<b>Total</b>		<b>132</b>	<b>171</b>

### 2.3.1. Rekuperabbli minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
Stati Membri	—	0	40	—	40	90
Akkwirenti	4	9	6	0	18	23
Korpi pubbliċi	—	13	10	0	23	16
Stati terzi	0	3	1	—	4	2
Valutazzjoni negattiva	(3)	(17)	(5)	—	(25)	(29)
Kontijiet ta' kollegament ma' istituzzjonijiet tal-UE	—	—	—	2	2	1
<b>Total</b>	<b>1</b>	<b>8</b>	<b>51</b>	<b>2</b>	<b>62</b>	<b>104</b>

Ir-rekuperabbli mill-Istati Membri jinkludu kontribuzzjonijiet ordinarji kif ukoll ammonti li għadhom iridu jiġu riċevuti bħala konsegwenza tal-aġġustamenti għall-Faċilità ta' Tranżizzjoni. L-attivitajiet tal-Faċilità ta' Tranżizzjoni kienu ffinanzjati permezz ta' ammonti diżimpenjati minn FEŻ preċedenti u l-movimenti ta' kapital relatati kienu rreġistrati fl-2015.

L-ammonti huma miġbura fil-qosor fit-tabella ta' hawn taħt:

EUR miljuni

Stati Membri	Ammonti li għandhom jaslu mill-Istati Membri	Ammonti li jridu jitnaqqsu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri	Ammont nett fil-31.12.2016
Il-Belġju	25	—	25
Ċipru	0	—	0
Ir-Repubblika Ċeka	2	—	2
Il-Greċja	0	—	0
Il-Latvja	0	—	0
Il-Portugall	0	—	0
Ir-Rumanija	2	—	2
Is-Slovenja	1	—	1
Ir-Renju Unit	10	—	10
<b>Total</b>	<b>40</b>	<b>—</b>	<b>40</b>

### 2.3.2. Riċevibbli minn tranżazzjonijiet ta' skambju

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
Introjtu dovut	0	63	7	0	70	67
Kontijiet ta' kollegament bejn	196	424	3 424	(4 043)	(0)	0

il-FEŻ

<b>Total</b>	<b>196</b>	<b>487</b>	<b>3 431</b>	<b>(4 043)</b>	<b>70</b>	<b>67</b>
--------------	------------	------------	--------------	----------------	-----------	-----------

Taħt l-introjt dovut hemm primarjament l-ammonti ta' imgħax dovut fuq prefinanzjament relatat ma' proġetti (EUR 63 miljun) u relatat mal-Fond Fiduċjarju UE-Afrika (EUR 7 miljun).

Għal raġunijiet ta' effiċjenza, it-teżor waħdieni li jkopri l-FEŻ kollha huwa allokat għall-Ħdax-il FEŻ<sup>9</sup>; dan iwassal għal operazzjonijiet bejn id-diversi FEŻ, li jiġu bbilanċjati fil-kontijiet ta' kollegament bejn id-diversi karti bilanċjali tal-FEŻ. Il-kontijiet ta' kollegament huma ppreżentati biss fil-FEŻ individwali.

## 2.4. FLUS U EKWIVALENTI TA' FLUS<sup>10</sup>

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	31.12.2016	EUR miljuni 31.12.2015
<b>Kontijiet speċjali:</b>						
<i>L-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri</i>	—	—	—	291	291	126
<b>Kontijiet kurrenti:</b>						
<i>Banek kummerċjali</i>	—	—	—	389	389	377
<i>Il-fond Speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo*</i>	—	—	—	—	—	1
<b>Total</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	<b>680</b>	<b>680</b>	<b>504</b>

\*Dan il-bilanċ jirrappreżenta l-ammonti disponibbli għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/583/KE.

Iż-żieda kumplessiva fil-flus u l-ekwivalenti ta' flus hija prinċipalment spjegata minn flus bil-quddiem tal-ewwel kontribuzzjoni tal-2017 minn xi Stati Membri f'Diċembru 2016.

Jeħtieġ li jiġi nnotat li hemm fondi ta' STABEX miżmuma minn Stati AKP benefiċjarji u li, għalhekk, mhumiex inklużi fuq il-karta bilanċjali tal-FEŻ. STABEX huwa l-akronimu għal skema finanzjarja ta' kumpens tal-UE għall-istabbilizzazzjoni tal-qligħ mill-esportazzjoni tal-pajjiżi AKP. Ladarba l-Kummissjoni u l-Istat benefiċjarju (tal-AKP) jkunu laħqu ftehim dwar kif għandhom jintużaw il-fondi ta' STABEX, tiġi ffirmata konvenzjoni tat-trasferiment miż-żewġ partijiet. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 211 tal-Ftehim ta' Lomé IV<sup>11</sup> (kif rivedut), il-fondi jiġu ttrasferiti f'kont b'żewġ firmatarji (tal-Kummissjoni u tal-Istat Benefiċjarju) li jrendi l-imgħax, miftuħ f'isem l-Istat AKP. Il-fondi jibqgħu f'dawn il-kontijiet ta' żewġ firmatarji sakemm Qafas tal-Obbligi Reċiproċi (FMO) jiġġustifika trasferiment għal proġett. L-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni jżomm l-awtorità tal-firma fuq il-kont sabiex jiżgura li l-fondi jiġu żborżati kif maħsub. Il-fondi fil-kontijiet b'żewġ firmatarji huma l-proprjetà tal-Istat AKP u konsegwentement ma jiġux irreġistrati bħala assi fil-kontijiet tal-FEŻ. It-trasferimenti lejn dawn il-kontijiet jiġu rreġistrati bħala pagamenti ta' STABEX. Ara wkoll in-Nota **3.1.1** għal aktar informazzjoni.

Bil-ħsieb li titjeb il-preżentazzjoni fil-kontijiet annwali tal-2016, ġiet rieżaminata l-klassifikazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-banek. Iċ-ċifri komparattivi għall-2015 huma divulgati kif xieraq.

## OBBLIGAZZJONIJIET

### 2.5. PROVVEDIMENTI

<sup>9</sup> F'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, it-teżor huwa ppreżentat fil-karta bilanċjali tal-Ħdax-il FEŻ.

<sup>10</sup> F'konformità mal-Artikolu 59 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, it-teżor huwa ppreżentat fil-karta bilanċjali tal-Ħdax-il FEŻ. In-natura tad-diversi kontijiet bankarji hija deskritta fil-Kapitolu 5, Ġestjoni tar-Riskju Finanzjarju.

<sup>11</sup> ĠU L 156, 29.5.1998, p. 3-106.



EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L- Għaxar FEŻ	Il- Hdax- il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
<i>Provedimenti</i>	—	—	—	4	4	4
<b>Total</b>	—	—	—	<b>4</b>	<b>4</b>	<b>4</b>

Il-provediment huwa l-aħjar stima possibbli tal-amont probabbli li għandu jitħallas mill-FEŻ sabiex jiġi ffinanzjat l-għeluq ordnat taċ-Ċentru għall-Iżvilupp (ĊŻI), deċiż mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE (id-Deċiżjoni Nru 4/2014 tat-23 ta' Ottubru 2014).

L-ammont (EUR 1,2 miljun) jinkludi l-kawżi tal-qorti li nfetħu kontra iċ-ĊŻI u l-ispejjeż mistennija li jifdal tal-fażi passiva (pereż. il-kompiti amministrattivi residwi, litigazzjonijiet residwi oħra, l-arkivji, eċċ.) li bdew fil-31 ta' Diċembru 2016 (ara n-Nota 4.3.2).

## 2.6. OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Hdax-il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
<i>Kofinanzjament - ammonti pagabbli</i>	—	—	6	—	6	10
<b>Total</b>	—	—	<b>6</b>	—	<b>6</b>	<b>10</b>

Il-bidla fl-obbligazzjonijiet tal-kofinanzjament totali hija spjegata fin-Nota 2.7.2.1.

## 2.7. AMMONTI PAGABBLI

EUR miljuni

	Nota	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L- Għaxar FEŻ	Il- Hdax- il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
<i>Ammonti pagabbli kurrenti</i>	2.7.1	0	12	112	97	222	180
<i>Ammonti pagabbli oħra</i>	2.7.2	—	(0)	325	2	327	340
<b>Total</b>		<b>0</b>	<b>12</b>	<b>438</b>	<b>99</b>	<b>549</b>	<b>520</b>

### 2.7.1. Ammonti pagabbli kurrenti

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L- Għaxar FEŻ	Il- Hdax- il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
<i>Fornituri</i>	0	11	69	19	98	79
<i>Stati Membri</i>	—	—	0	—	0	0
<i>Stati terzi</i>	0	0	29	61	91	83
<i>Korpi pubbliċi</i>	0	1	18	14	32	21
<i>Ammonti pagabbli kurrenti oħrajn</i>	0	1	(4)	4	1	(3)
<b>Total</b>	<b>0</b>	<b>12</b>	<b>112</b>	<b>97</b>	<b>222</b>	<b>180</b>

L-ammonti pagabbli jinkludu d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż riċevuti mill-FEŻ marbutin mal-attività tal-għotja tiegħu. Dawn jiġu rreġistrati għall-ammont li jkun qed jintalab mill-mument li tiġi riċevuta t-talba. L-istess proċedura tapplika għall-fatturi u n-noti tal-kreditu riċevuti skont l-attivitajiet tal-akkwist. Il-pretensjonijiet tal-ispejjeż ikkonċernati ttieħdu f'kunsiderazzjoni għall-proċeduri ta' "cut-off" fl-aħħar tas-sena. Wara l-entrati tal-cut-off, l-ammonti eliġibbli stmati ġew rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtju.

## 2.7.2. Ammonti pagabbli varji

EUR miljuni

	Nota	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il- Ħdax- il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
<i>Ammonti pagabbli tal-kofinanzjament</i>	2.7.2.1	—	—	63	1	64	31
<i>Kontribuzzjonijiet kapitali tal-fond differiti</i>	2.7.2.2	—	—	261	—	261	307
<i>Ammonti pagabbli varji oħrajn</i>	2.7.2.3	—	—	—	2	2	2
<b>Total</b>		—	—	<b>324</b>	<b>3</b>	<b>327</b>	<b>340</b>

### 2.7.2.1. Ammonti pagabbli tal-kofinanzjament

It-tqassim tal-ammonti pagabbli tal-kofinanzjament kurrenti u mhux kurrenti skont l-Istat Membru huwa miġbur fil-qosor fit-tabella ta' hawn taħt:

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
<b>Kofinanzjament mhux kurrenti</b>						
<i>Il-Belġju</i>	—	—	2	—	2	1
<i>Il-Ġermanja</i>	—	—	0	—	0	1
<i>Ir-Renju Unit</i>	—	—	1	—	1	3
<i>L-Iżvezja</i>	—	—	2	—	2	4
<i>Il-Kanada</i>	—	—	0	—	0	1
	—	—	<b>6</b>	—	<b>6</b>	<b>10</b>
<b>Kofinanzjament kurrenti</b>						
<i>Il-Belġju</i>	—	—	3	1	4	3
<i>Id-Danimarka</i>	—	—	1	0	1	1
<i>Franza</i>	—	—	37	—	37	10
<i>Il-Ġermanja</i>	—	—	1	—	1	1
<i>In-Netherlands</i>	—	—	1	—	1	1
<i>Spanja</i>	—	—	3	—	3	3
<i>Ir-Renju Unit</i>	—	—	11	—	11	1
<i>L-Iżvezja</i>	—	—	7	—	7	12
<i>Il-Kanada</i>	—	—	0	—	0	(1)
	—	—	<b>63</b>	<b>1</b>	<b>64</b>	<b>31</b>
<b>Total</b>	—	—	<b>69</b>	<b>1</b>	<b>70</b>	<b>41</b>

L-ammonti pagabbli ta' kofinanzjament kurrenti u mhux kurrenti totali żdiedu b'EUR 29 miljun meta mqabbla mal-perjodu ta' rappurtar preċedenti.

Fl-2016, waslu kontribuzzjonijiet ġodda ta' kofinanzjament mir-Renju Unit (EUR 9,4 miljun), mill-Belġju (EUR 3,3 miljun) u mill-Iżvezja (EUR 0,9 miljun).

Dawn l-ammonti pagabbli ta' kofinanzjament kurrenti u mhux kurrenti totali żdiedu bi EUR 15-il miljun biex jiġu rikonoxxuti d-dħul u l-ispejjeż marbuta mal-proġetti ta' kofinanzjament (ara n-Noti **3.1.2** u **3.4**).

### 2.7.2.2. Kontribuzzjonijiet kapitali tal-fond differiti

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
<i>Ir-Renju Unit</i>	—	—	252	—	252	259
<i>L-Iżvezja</i>	—	—	—	—	—	48
<i>L-Ungerija</i>	—	—	9	—	9	—
<b>Total</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	<b>261</b>	<b>—</b>	<b>261</b>	<b>307</b>

L-intestatura kontribuzzjonijiet kapitali tal-fond differiti tirrigwarda l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri mħallsin bil-quddiem.

#### 2.7.2.3. Ammonti pagabbli varji oħrajn

Taħt din l-intestatura hemm primarjament id-dħul ta' flus mhux allokati u l-pagamenti rritornati.

## 2.8. IMPOSTI DOVUTI U INTROJTU DIFFERIT

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
<i>Imposti dovuti</i>	1	93	567	110	770	853
<i>Dovuti u differimenti oħrajn</i>	—	(0)	(0)	6	6	2
<b>Total</b>	<b>1</b>	<b>93</b>	<b>567</b>	<b>115</b>	<b>776</b>	<b>855</b>

L-imposti dovuti jinkludu l-ispejjeż operatorji stmati għall-kuntratti li għadhom għaddejnin jew li ntemmu mingħajr pretensjonijiet tal-ispejjeż ivvalidati fejn l-ispejjeż eliġibbli tal-2016 imgħarrba mill-benefiċjarji tal-FEŻ ġew stmati bl-użu tal-aħjar informazzjoni disponibbli dwar il-kuntratti eżistenti. Il-porzjon tal-imposti dovuti stmati li jirrigwarda l-prefinanzjament imħallas kien irregjistrat bħala tnaqqis tal-ammonti ta' prefinanzjament (ara n-Nota 2.1).

## ASSI NETTI

### 2.9. KAPITAL TAL-FOND

#### 2.9.1. Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L- Għaxar FEŻ	Il-Ħdax- il FEŻ	Total
<i>Kapital tal-fond</i>	12 164	10 973	20 960	29 367	73 464
<i>Kapital tal-fond mhux eżerċitat</i>	(0)	(0)	(5 223)	(29 367)	(34 590)
<b>Kapital tal-fond eżerċitat fil- 31.12.2015</b>	<b>12 164</b>	<b>10 973</b>	<b>15 737</b>	<b>—</b>	<b>38 873</b>
<i>Kapital tal-fond</i>	12 164	10 973	20 960	29 367	73 464
<i>Kapital tal-fond mhux eżerċitat</i>	—	(0)	(1 773)	(29 367)	(31 140)
<b>Kapital tal-fond eżerċitat fil- 31.12.2016</b>	<b>12 164</b>	<b>10 973</b>	<b>19 187</b>	<b>—</b>	<b>42 323</b>

Il-kapital tal-fond jirrappreżenta l-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-fond rilevanti tal-FEŻ kif stipulat f'kull wieħed mill-Ftehimiet Interni. Il-fondi mhux eżerċitati jirrappreżentaw l-allokazzjoni inizjali li għadha ma ġietx eżerċitata mill-Istati Membri.

Il-kapital tal-fond eżerċitat jirrappreżenta l-ammont tal-allokazzjonijiet inizjali li kienu eżerċitati sabiex jiġu ttrasferiti għall-kontijiet tat-teżor mill-Istati Membri (ara n-Nota 2.9.2 ta' hawn taħt).

### 2.9.2. Kapital tal-fond eżerċitat u mhux eżerċitat skont kull Stat Membru

Kontribuzzjonijiet	%	Kapital mhux eżerċitat fil-31.12.2015	Kapital eżerċitat fl-2016	EUR miljuni	
				Kapital mhux eżerċitat fil-31.12.2016	Kapital mhux eżerċitat fil-31.12.2016
L-Awstrija	2.41	126	(83)		43
Il-Belġju	3.53	184	(122)		63
Il-Bulgarija	0.14	7	(5)		2
Ċipru	0.09	5	(3)		2
Ir-Repubblika Ċeka	0.51	27	(18)		9
Id-Danimarka	2.00	104	(69)		35
L-Estonja	0.05	3	(2)		1
Il-Finlandja	1.47	77	(51)		26
Franza	19.55	1 021	(674)		347
Il-Ġermanja	20.50	1 071	(707)		364
Il-Greċja	1.47	77	(51)		26
L-Ungerija	0.55	29	(19)		10
L-Irlanda	0.91	48	(31)		16
L-Italja	12.86	672	(444)		228
Il-Latvja	0.07	4	(2)		1
Il-Litwanja	0.12	6	(4)		2
Il-Lussemburgu	0.27	14	(9)		5
Malta	0.03	2	(1)		1
In-Netherlands	4.85	253	(167)		86
Il-Polonja	1.30	68	(45)		23
Il-Portugall	1.15	60	(40)		20
Ir-Rumanija	0.37	19	(13)		7
Is-Slovakkja	0.21	11	(7)		4
Is-Slovenja	0.18	9	(6)		3
Spanja	7.85	410	(271)		139
L-Iżvezja	2.74	143	(95)		49
Ir-Renju Unit	14.82	774	(511)		263
<b>Total</b>	<b>100.00</b>	<b>5 223</b>	<b>(3 450)</b>		<b>1 773</b>

Il-kapital eżerċitat fl-2016 jinkludi kollu kemm hu l-kapital eżerċitat mill-Għaxar FEŻ. L-ammont totali huwa kompost minn eżerċitar ordinarju (EUR 3 450 miljun). Il-kapital tat-Tmien u tad-Disa' FEŻ ġie eżerċitat u riċevut fl-intier tiegħu. Sa issa ma ġie eżerċitat ebda kapital mill-Idax-il FEŻ.

### 2.9.3. Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Idax-il FEŻ	EUR miljuni	
					31.12.2016	31.12.2015
Fondi ttrasferiti minn FEŻ magħluqa	627	1 625	—	—	2 252	2 252

Din l-intestatura tinkludi r-riżorsi ttrasferiti mill-FEŻ magħluqa għat-Tmien u d-Disa' FEŻ.

2.9.4. Trasferimenti ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L- Għaxar FEŻ	Il-Ħdax- il FEŻ	EUR miljuni Total
<b>Bilanċ fil-31.12.2014</b>	<b>(3 147)</b>	<b>1 758</b>	<b>(209)</b>	<b>1 597</b>	<b>—</b>
<i>Trasferiment ta' ammonti diżimpenjati għall-għaxar riżerva ta' prestazzjoni tal-FEŻ minn FEŻ preċedenti</i>	(6)	(109)	114	—	—
<i>Trasferiment ta' ammonti diżimpenjati għar-riżerva ta' prestazzjoni tal-Ħdax-il FEŻ minn FEŻ preċedenti</i>	—	—	(32)	32	—
<i>Trasferimenti mill-għaxar u l- ħdax-il riżerva ta' prestazzjoni għall-Faċilità ta' Tranżizzjoni Irkupri mill-Faċilità ta'</i>	—	—	(41)	41	—
<i>Tranżizzjoni għall-għaxar u l- ħdax-il riżerva ta' prestazzjoni Ir-ritorn tal-fondi impenjati skont il-Faċilità ta' Tranżizzjoni</i>	676	727	192	(1 595)	—
<b>Bilanċ fil-31.12.2015</b>	<b>(2 476)</b>	<b>2 376</b>	<b>35</b>	<b>65</b>	<b>—</b>
<i>Trasferiment ta' ammonti diżimpenjati għall-għaxar riżerva ta' prestazzjoni tal-FEŻ minn FEŻ preċedenti</i>	(20)	(163)	182	—	—
<i>Trasferiment ta' ammonti diżimpenjati għar-riżerva ta' prestazzjoni tal-Ħdax-il FEŻ minn FEŻ preċedenti</i>	—	—	(356)	356	—
<i>Trasferiment mill-ħdax-il riżerva tal-prestazzjoni għall-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (l-Għaxar FEŻ)</i>	—	—	386	(386)	—
<b>Bilanċ fil-31.12.2016</b>	<b>(2 496)</b>	<b>2 214</b>	<b>247</b>	<b>35</b>	<b>—</b>

Din l-intestatura tinkludi r-riżorsi ttrasferiti bejn il-FEŻ attivi.

Wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Cotonou, il-fondi kollha mhux użati f'FEŻ preċedentament attivi jiġu trasferiti għall-aktar FEŻ li nfetaħ riċentement wara d-diżimpenn. Ir-riżorsi ttrasferiti minn FEŻ oħrajn iżidu l-appropriazzjonijiet tal-fond destinatariju u jnaqqsu dawk tal-fond tal-orijini. Il-fondi ttrasferiti għar-riżerva tal-prestazzjoni tal-Għaxar u l-Ħdax-il FEŻ jistgħu jiġu impenjati biss taħt kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Ftehimiet Interni.

Fl-2016, ittiegħdu EUR 386miljun mill-ħdax-il riżerva ta' prestazzjoni sabiex jiffinanzjaw il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika skont l-Għaxar FEŻ.

### 3. NOTI GĦAR-RAPPORT TAL-INTROJTU

#### DĦUL

EUR miljuni

	Nota	2016	2015
Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju	3.1	8	90
Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju	3.2	66	50
<b>Total</b>		<b>73</b>	<b>140</b>

#### 3.1. DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJET MHUX TA' SKAMBJU

EUR miljuni

	Nota	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	2016	2015
Irkupru tal-ispejjeż		0	5	13	4	23	20
L-irkupru tal-fondi ta' STABEX	3.1.1	1	—	—	—	1	1
Kofinanzjament tad-dħul	3.1.2	—	—	(15)	—	(15)	69
<b>Total</b>		<b>1</b>	<b>5</b>	<b>(2)</b>	<b>4</b>	<b>8</b>	<b>90</b>

Id-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju jista' jinqasam skont il-mod ta' ġestjoni kif ġej:

EUR miljuni

	2016	2015
<b>Ġestjoni Diretta</b>	<b>6</b>	<b>61</b>
Implimentata minn:		
Il-Kummissjoni	1	3
Id-delegazzjonijiet tal-EU	5	58
<b>Ġestjoni Indiretta</b>	<b>2</b>	<b>29</b>
Implimentata minn:		
Pajjiżi terzi	(0)	14
Organizzazzjonijiet internazzjonali	2	14
Korpi tal-liġi pubblika	0	0
Korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku	0	1
<b>Total</b>	<b>8</b>	<b>90</b>

##### 3.1.1. L-irkupru tal-fondi ta' STABEX

Matul l-2016, ġew irritornati EUR 1 miljun lill-FEŻ minn kontijiet b'żewġ firmatarji fil-pajjiżi AKP. Dan id-dħul huwa inkluż taħt id-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju (irkupru ta' fondi STABEX) fir-rapport tal-introjtu tat-Tmien FEŻ.

##### 3.1.2. Kofinanzjament tad-dħul

Il-kontribuzzjonijiet ta' kofinanzjament riċevuti jissodisfaw il-kriterji tad-dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju taħt ċerti kundizzjonijiet u, bħala tali, ma għandhomx jaffettwaw ir-rapport tal-introjtu. Il-kontribuzzjonijiet riċevuti jibqgħu taħt l-obbligazzjonijiet (ara n-Nota **2.7.2.1**) sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet marbuta mal-fondi mogħtija, jiġifieri jiġġarrbu l-ispejjeż eliġibbli (ara n-Nota **3.4**). L-ammont korrispondenti mbagħad jiġi rikonoxxut bħala dħul mhux ta' skambju mill-kofinanzjament. Konsegwentement, l-effett fuq ir-riżultat ekonomiku tas-sena huwa żero.

## 3.2. DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET TA' SKAMBJU

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L- Għaxar FEŻ	Il-Ħdax- il FEŻ	2016	2015
<i>Introjtu finanzjarju</i>	(0)	2	2	(1)	3	8
<i>Introjtu ieħor</i>	2	17	40	3	62	42
<b>Total</b>	<b>2</b>	<b>19</b>	<b>43</b>	<b>2</b>	<b>66</b>	<b>50</b>

L-introjtu finanzjarju jinkludi, fil-biċċa l-kbira tiegħu, imgħax fuq il-prefinanzjament li fl-2016 kien jammonta għal EUR 3 miljun<sup>12</sup> (2015: EUR 7 miljun).

Introjtu ieħor jirrigwarda interament il-qligħ realizzat u mhux realizzat mill-munita barranija.

## SPEJJEŻ

## 3.3. STRUMENTI TA' GĦAJNUNA

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L- Għaxar FEŻ	Il-Ħdax- il FEŻ	2016	2015
<i>Għajnuna programmabbli</i>	1	(3)	1 007	746	1 751	1 971
<i>Appoġġ makroekonomiku</i>	—	39	—	—	39	51
<i>Politika settorjali</i>	(0)	18	—	—	18	(24)
<i>Proġetti intra-AKP</i>	—	41	301	351	693	746
<i>Sussidji tar-rati tal-imgħax</i>	(3)	—	—	—	(3)	(6)
<i>Għajnuna ta' emerġenza</i>	—	(0)	98	300	398	285
<i>Programmi ta' għajnuna oħrajn relatati mal-FEŻ ta' qabel</i>	—	1	—	—	1	0
<i>Appoġġ istituzzjonali</i>	—	—	5	33	38	34
<i>Kumpens fuq riċevuti tal-espertazzjoni</i>	(0)	0	—	—	0	(3)
<i>Kontribuzzjonijiet għal Fondi Fiduċjarji</i>	—	—	—	35	35	5
<b>Total</b>	<b>(2)</b>	<b>95</b>	<b>1 411</b>	<b>1 465</b>	<b>2 970</b>	<b>3 059</b>

L-ispejjeż operatorji tal-FEŻ ikopru l-istrumenti tal-għajnuna varji u jieħdu forom differenti, skont kif il-flus jitħallsu u jiġu ġestiti.

## 3.4. SPEJJEŻ TA' KOFINANZJAMENT

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L- Għaxar FEŻ	Il-Ħdax- il FEŻ	2016	2015
<i>Kofinanzjament</i>	—	—	(15)	—	(15)	69

Taħt din l-intestatura hemm inklużi l-ispejjeż li saru fuq proġetti ta' kofinanzjament fl-2016. Ta' min jinnota li l-ispejjeż imgħarrba jinkludu l-ammonti stmati relatati mal-eżerċizzju ta' cut-off (u konsegwentement treġġigħ lura tal-ammonti stmati relatati mas-sena li għaddiet). Minħabba li t-treġġigħ

<sup>12</sup> Rikonoxxut skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(2)d tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Ħdax-il FEŻ.



lura tal-ispejjeż stmati tal-2015 (EUR 50 miljun) jaqbeż l-ispejjeż imġarrba fl-2016 (EUR 35 miljun), l-ispejjeż tal-kofinanzjament huma negattivi għall-2016. Id-dħul negattiv korrispondenti kien rikonoxxut fir-rapport tal-introjtju (ara n-Nota 3.1.2).

### 3.5. STRUMENTI TA' GĦAJNUNA U SPEJJEŻ TA' KOFINANZJAMENT SKONT IT-TIP TA' ĠESTJONI

	EUR miljuni	
	2016	2015
<b>Ġestjoni Diretta</b>	<b>1 173</b>	<b>1 106</b>
<i>Implimentata minn:</i>		
<i>Il-Kummissjoni</i>	140	99
<i>L-aġenziji eżekuttivi tal-UE</i>	10	2
<i>Fondi Fiduċjarji</i>	36	5
<i>Id-delegazzjonijiet tal-EU</i>	987	1 000
<b>Ġestjoni Indiretta</b>	<b>1 781</b>	<b>2 023</b>
<i>Implimentata minn:</i>		
<i>Il-BEI u l-FEI</i>	5	31
<i>Organizzazzjonijiet internazzjonali</i>	821	990
<i>Korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku</i>	143	31
<i>Korpi tal-liġi pubblika</i>	57	70
<i>Pajjiżi terzi</i>	756	900
<i>Korpi rregolati mil-liġi privata li jimplementaw</i>	(1)	1
<i>Sħubija Pubblika-Privata</i>		
<b>Total</b>	<b>2 954</b>	<b>3 128</b>

### 3.6. L-ISPEJJEŻ TAL-FINANZJAMENT

	EUR miljuni					
	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Idax-il FEŻ	2016	2015
<i>Valutazzjoni negattiva tar-riċevibbli</i>	0	0	(4)	—	(4)	1
<i>Spejjeż finanzjarji oħrajn</i>	—	—	—	0	0	0
<b>Total</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>(4)</b>	<b>0</b>	<b>(4)</b>	<b>1</b>

L-intestatura tal-valutazzjoni negattiva tar-riċevibbli tinkludi stima tal-għeluq tal-ispejjeż fuq ir-riċevibbli irrekuperabbli u tinkludi ukoll it-treġġiġh lura tal-ammonti stmati relatati mas-sena li għaddiet. Minħabba li t-treġġiġh lura tal-ammonti tal-2015 (EUR 29 miljun) jaqbeż l-ammonti stmati fl-2016 (EUR 25 miljun), l-ispejjeż globali relatati mal-valutazzjoni negattiva tar-riċevibbli huma negattivi għall-2016.

### 3.7. SPEJJEŻ OĦRAJN

	EUR miljuni					
	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Idax-il FEŻ	2016	2015
<i>Spejjeż amministrattivi u tal-IT</i>	—	(0)	4	126	129	113
<i>Provvediment għar-riskji u l-imposti</i>	—	—	—	—	—	4
<i>Telf realizzati fuq id-debituri tan-negozju</i>	0	0	0	—	0	2
<i>Telf mill-kambju</i>	3	19	42	3	66	44
<b>Total</b>	<b>3</b>	<b>19</b>	<b>46</b>	<b>129</b>	<b>196</b>	<b>162</b>

Din l-intestatura tinkludi n-nefqa ta' appoġġ, jiġifieri l-ispejjeż amministrattivi relatati mal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-FEŻ. Din tinkludi l-ispejjeż għat-tħejjija, is-segwitu, il-monitoraġġ, u l-evalwazzjoni tal-proġetti kif ukoll l-ispejjeż għan-netwerks tal-kompjuter, l-assistenza teknika eċċ.

## 4. ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI U DIVULGAZZJONIJIET IMPORTANTI OĦRAJN

### 4.1. ASSI KONTINĠENTI

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
Garanziji ta' prestazzjoni	(0)	4	5	0	9	13
Garanziji ta' żamma	—	4	3	—	7	6
<b>Total</b>	<b>(0)</b>	<b>7</b>	<b>8</b>	<b>0</b>	<b>16</b>	<b>20</b>

Il-garanziji ta' prestazzjoni jintalbu sabiex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-finanzjament mill-FEŻ jissodisfaw l-obbligi tal-kuntratti tagħhom mal-FEŻ.

Il-garanziji ta' żamma jikkonċernaw biss il-kuntratti tax-xogħlijiet. Tipikament, 10 % tal-pagamenti interim lill-benefiċjarji jinżammu biex jiġi żgurat li l-kuntrattur jissodisfa l-obbligazzjonijiet tiegħu. Dawn l-ammonti miżmuma jiġu riflessi bħala ammonti pagabbli. Soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità kontraenti, il-kuntrattur jista' minflok jippreżenta garanzija ta' żamma li tissostitwixxi l-ammonti miżmuma fuq il-pagamenti interim. Dawn il-garanziji riċevuti jiġu divulgati bħala assi kontinġenti.

Fil-każ ta' kuntratti ġestiti b'mod indirett, il-garanziji jappartjenu għal awtorità kontraenti oħra minbarra l-FEŻ, u dawn ma jiġux irregjstrati mill-FEŻ.

### 4.2. DIVULGAZZJONIJIET SINIFIKANTI OĦRAJN

#### 4.2.1. Impenji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati

L-ammont divulgat hawn taħt huwa l-RAL ("Reste à Liquider") baġitarju li minnu tnaqqsu l-ammonti relatati li ġew inklużi bħala spejjeż fir-rapport tal-introjtu. L-RAL baġitarju huwa ammont li jirrappreżenta l-impenji miftuħa li għalihom għadhom ma sarux pagamenti u/jew diżimpenji. Din hija l-konsegwenza normali tal-eżistenza ta' programmi pluriennali.

EUR miljuni

	It-Tmien FEŻ	Id-Disa' FEŻ	L-Għaxar FEŻ	Il-Ħdax-il FEŻ	31.12.2016	31.12.2015
Impenji pendenti li għadhom ma ġewx iddebitati	2	202	2 406	4 136	6 746	5 821
<b>Total</b>	<b>2</b>	<b>202</b>	<b>2 406</b>	<b>4 136</b>	<b>6 746</b>	<b>5 821</b>

Fil-31 ta' Diċembru 2016, l-RAL baġitarju kien jammonta għal EUR 7 665 miljun (2015: EUR 6 809 miljun).

#### 4.2.2. Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi

Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ftiehem f'Ġunju 2014 "li jipproċedi għall-għeluq ordnat taċ-ĊŻI", u fl-istess ħin "biex jiġi żgurat li l-proġetti ta' appoġġ tas-settur privat implimentati miċ-ĊŻI fil-pajjiżi u r-reġjuni tal-AKP tlestew kollha kemm huma". Għal dan l-għan, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ta delega ta' setgħat lill-

Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE biex imexxi din il-kwistjoni 'l quddiem bil-ħsieb li jadotta d-deċiżjonijiet meħtieġa.

Permezz tad-Deċiżjoni Nru 4/2014 tat-23 ta' Ottubru 2014, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE awtorizza lill-Bord Eżekuttiv taċ-ĊŻI biex jieħu, b'effett immedjat, il-miżuri kollha xierqa biex iħejji għall-għeluq taċ-ĊŻI. Kif stipulat fl-artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni, il-Bord Eżekuttiv inġhata struzzjonijiet biex jikkuntratta Kuratur biex iħejji u jimplimenta pjan ta' għeluq.

Fl-aħħar ta' Ġunju 2015, il-Kuratur issottometta lill-Bord Eżekuttiv taċ-ĊŻI pjan strateġiku definittiv, b'baġit u pjan ta' ħidma, li kien jirrifletti l-eżitu tad-djalogu soċjali. Il-baġit tal-pjan strateġiku definittiv, approvat mill-Bord Eżekuttiv taċ-ĊŻI, kien il-bażi għall-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni ta' Finanzjament li ġiet adottata mill-KE fl-2015 għal ammont totali ta' EUR 18,2-il miljun. Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament imsemmija hawn fuq, f'Diċembru 2015 ġie konkluż ftehim ta' għotja bejn iċ-ĊŻI u l-Kummissjoni Ewropea li pprovda l-finanzjament meħtieġ għat-twettiq tal-assi taċ-ĊŻI u s-saldu tal-obbligazzjonijiet tiegħu. Dan il-ftehim ta' għotja beda fl-1 ta' Jannar 2016 u se jibqa' sejjer sal-31 ta' Diċembru 2017. Il-valur tal-kuntratt huwa kopert mill-impenji pendenti li għadhom mhumiex imħallsa.

## 5. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU

Id-divulgazzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tal-FEŻ huma marbutin mal-operazzjonijiet tat-teżor imwettqa mill-Kummissjoni f'isem il-FEŻ sabiex jiġu implimentati r-riżorsi tiegħu.

### 5.1. IL-POLITIKI TAL-ĠESTJONI TAR-RISKJU U L-ATTIVITAJIET TAL-IĦĦEĠĠJAR

Ir-regoli u l-prinċipji għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju tal-Fdax-il-FEŻ u fil-Ftehim Intern.

B'riżultat tar-regolament imsemmi hawn fuq, japplikaw il-prinċipji ewlenin li ġejjin:

- Il-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ jitħallsu mill-Istati Membri f'kontijiet speċjali miftuħa mal-bank tal-ħruġ ta' kull Stat Membru jew mal-istituzzjoni finanzjarja nnominata minnu. L-ammonti tal-kontribuzzjonijiet għandhom jibqgħu f'dawk il-kontijiet speċjali sakemm ikun meħtieġ li jsiru l-ħlasijiet tal-FEŻ.
- Il-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ jitħallsu mill-Istati Membri f'EUR, filwaqt li l-ħlasijiet tal-FEŻ jiġu ddenominati f'EUR u f'muniti oħrajn, inklużi dawk inqas magħrufa.
- Ma jistgħux jinġibdu flus aktar milli jkun hemm iddepożitati mill-kontijiet bankarji miftuħa mill-Kummissjoni f'isem il-FEŻ.

Minbarra l-kontijiet speċjali, jinfetħu kontijiet bankarji oħrajn mill-Kummissjoni f'isem il-FEŻ, ma' istituzzjonijiet finanzjarji (banek ċentrali u banek kummerċjali), għall-fini tal-eżekuzzjoni tal-pagamenti u sabiex jiġi riċevut dħul ieħor minbarra l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit.

L-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagamenti huma awtomatizzati ħafna u jiddependu fuq sistemi tal-informazzjoni moderni. Huma applikati proċeduri speċifiċi biex jiggarrantixxu s-sigurtà tas-sistema u jiżguraw is-segregazzjoni tad-dmirijiet skont ir-Regolament Finanzjarju, l-istandards ta' kontroll intern tal-Kummissjoni u l-prinċipji tal-awditjar.

Sett ta' linji gwida u proċeduri bil-miktub jirregolaw il-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-teżor u tal-pagamenti bil-għan li jiġi limitat ir-riskju operazzjonali u finanzjarju u jiġi żgurat livell adegwat ta' kontroll. Dawn ikopru l-oqsma differenti tal-operat u l-konformità mal-linji gwida u l-proċeduri tiġi vverifikata regolament.

## 5.2. RISKJU TAL-VALUTA

### Skopertura tal-FEŻ għar-riskju tal-valuta fi tmiem is-sena – il-pożizzjoni netta

EUR miljuni

	31.12.2016							31.12.2015						
	USD	GBP	DKK	SEK	EUR	Oħrajn	Total	USD	GBP	DKK	SEK	EUR	Oħrajn	Total
<b>Assi finanzjarji</b>														
<i>Ir-riċevibbli u r-rekuperabbli</i>	0	–	–	–	129	3	132	–	–	–	–	171	1	171
<i>Flus u ekwivalenti ta' flus</i>	2	0	–	–	678	–	680	4	0	–	–	500	–	504
<b>Total</b>	<b>2</b>	<b>0</b>	<b>–</b>	<b>–</b>	<b>807</b>	<b>3</b>	<b>812</b>	<b>4</b>	<b>0</b>	<b>–</b>	<b>–</b>	<b>671</b>	<b>1</b>	<b>675</b>
<b>Obbligazzjonijiet finanzjarji</b>														
<i>Obbligazzjonijiet finanzjarji mhux kurrenti</i>	–	–	–	–	(6)	–	(6)	0	–	–	–	(10)	–	(10)
<i>Ammonti pagabbli</i>	0	–	–	–	(495)	(54)	(549)	0	–	–	–	(473)	(47)	(520)
<b>Total</b>	<b>0</b>	<b>–</b>	<b>–</b>	<b>–</b>	<b>(501)</b>	<b>(54)</b>	<b>(555)</b>	<b>0</b>	<b>–</b>	<b>–</b>	<b>–</b>	<b>(483)</b>	<b>(47)</b>	<b>(530)</b>
<b>Total</b>	<b>2</b>	<b>0</b>	<b>–</b>	<b>–</b>	<b>306</b>	<b>(51)</b>	<b>257</b>	<b>4</b>	<b>0</b>	<b>–</b>	<b>–</b>	<b>188</b>	<b>(46)</b>	<b>145</b>

Il-kontribuzzjonijiet kollha jinżammu fl-EUR, u l-muniti l-oħrajn jinxtraw biss meta jkunu meħtieġa sabiex isiru l-ħlasijiet. B'riżultat ta' dan, l-operazzjonijiet tat-teżor tal-FEŻ mhumiex esposti għar-riskju tal-valuta.

### 5.3. RISKJU TAĊ-ĊAQLIQ FIR-RATA TAL-IMGĦAX

Il-FEŻ ma jissellifx flus u b'konsegwenza ta' dan mhuwiex espost għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax.

L-imgħax jiġi akkumulat fuq il-bilanċi li jżomm fuq il-kontijiet bankarji differenti tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni, f'isem il-FEŻ, daħħlet fis-seħħ miżuri biex tiżgura li l-imgħax iġġenerat regolarment ikun jirrifletti r-rati tal-imgħax tas-suq, kif ukoll il-varjazzjonijiet possibbli tagħhom.

Il-kontribuzzjonijiet għall-baġit tal-FEŻ jiġu kkreditati minn kull Stat Membru f'kont speċjali miftuħ mal-istituzzjoni finanzjarja mfassal minnha. Billi r-rimunerazzjoni applikata għal uħud minn dawn il-kontijiet tista' attwalment tkun negattiva, hemm fis-seħħ proċeduri ta' ġestjoni tal-flus maħsuba biex inaqqsu l-bilanċi miżmuma fil-kontijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/888, kwalunkwe rimunerazzjoni negattiva fuq dawn il-kontijiet titħallas mill-Istat Membru rilevanti.

Il-bilanċi mil-lum għall-għada miżmuma fil-kontijiet mal-banek kummerċjali jiġu remunerati kuljum. Ir-remunerazzjoni tal-bilanċi fuq dawn il-kontijiet hija bbażata fuq ir-rati varjabbli tas-suq li fuqhom jiġi applikat il-marġini kuntrattwali (pożittiv jew negattiv). Għall-biċċa l-kbira tal-kontijiet, il-kalkolu tal-imgħax huwa marbut mar-rata ta' referenza tas-suq u jiġi aġġustat sabiex ikun jirrifletti kwalunkwe varjazzjoni f'din ir-rata. B'risultat ta' dan, il-FEŻ ma jieħu l-ebda riskju li l-bilanċi tiegħu jiġu remunerati b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq.

### 5.4. IR-RISKJU TA' KREDITU (IR-RISKJU TAL-KONTROPARTI)

#### Assi finanzjarji li la jkunu skadew u lanqas huma indeboliti:

EUR miljuni

	Total	La skaduti u lanqas indeboliti	Skaduti iżda mhux indeboliti		
			< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin
<i>Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju</i>	132	93	36	4	-
<b>Total fil-31.12.2016</b>	<b>132</b>	<b>93</b>	<b>36</b>	<b>4</b>	<b>-</b>
<i>Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju</i>	171	50	120	1	-
<b>Total fil-31.12.2015</b>	<b>171</b>	<b>50</b>	<b>120</b>	<b>1</b>	<b>-</b>

#### Assi finanzjarji skont il-kategorija tar-riskju:

EUR miljuni

	31.12.2016			31.12.2015		
	Riċevibbli	Flus	Total	Riċevibbli	Flus	Total
<i>Kontropartijiet bi klassifikazzjoni tal-kreditu esterna</i>						
<i>Grad prim u għoli</i>	34	284	318	6	167	173
<i>Grad medju superjuri</i>	3	371	374	34	16	50
<i>Grad medju aktar baxx</i>	2	16	18	36	312	348
<i>Grad mhux ta' investiment</i>	1	9	10	14	9	23
<b>Total</b>	<b>40</b>	<b>680</b>	<b>720</b>	<b>90</b>	<b>503</b>	<b>593</b>
<i>Kontropartijiet bi klassifikazzjoni tal-kreditu interna</i>						
<i>Grupp 1 (debituri mingħajr inadempjenzi fil-passat)</i>	92	0	92	81	1	82
<i>Grupp 2 (debituri mingħajr inadempjenzi fil-passat)</i>	-	-	-	-	-	-
<b>Total</b>	<b>92</b>	<b>0</b>	<b>92</b>	<b>81</b>	<b>1</b>	<b>82</b>
<b>Total</b>	<b>132</b>	<b>680</b>	<b>812</b>	<b>171</b>	<b>504</b>	<b>675</b>

Il-fondi fil-kategoriji *grad mhux ta' investiment* u *grad medju aktar baxx* huma relatati prinċipalment mal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-FEŻ imħallsin fil-kontijiet speċjali miftuħa mill-Istati Membri

f'konformità mal-Artikolu 22(3) tar-RF tal-FEŻ. Skont dan ir-Regolament, l-ammont ta' tali kontribuzzjonijiet irid jibqa' f'dawn il-kontijiet speċjali sakemm ikun meħtieġ li jsiru l-pagamenti.

Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi tat-teżor tal-FEŻ jinżammu, skont ir-RF tal-FEŻ, fil-"kontijiet speċjali" miftuħa mill-Istati Membri għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tagħhom. Il-maġġoranza ta' dawn il-kontijiet jinżammu mat-teżori tal-Istati Membri jew mal-banek ċentrali nazzjonali. Dawn l-istituzzjonijiet iġorru l-aktar riskju baxx tal-kontroparti għall-FEŻ (l-iskopertura hija mal-Istati Membri tagħha).

Għall-parti tar-riżorsi tat-teżor tal-FEŻ li jinżammu mal-banek kummerċjali sabiex ikopru l-eżekuzzjoni tal-pagamenti, ir-rikostituzzjoni ta' dawn il-kontijiet issir eżatt fil-ħin u hija ġestita awtomatikament mis-sistema tal-ġestjoni tal-flus kontanti tat-teżor tal-Kummissjoni. F'kull kont jinżammu livelli minimi ta' flus, proporzjonati mal-ammont medju tal-pagamenti ta' kuljum li jsiru minnu. B'konsegwenza ta' dan, l-ammonti li jinżammu mil-lum għall-għada f'dawn il-kontijiet jibqgħu kontinwament f'livelli baxxi li jiżguraw li l-iskopertura għar-riskju tal-FEŻ tkun limitata.

Barra minn hekk, jiġu applikati linji gwida speċifiċi għall-għażla tal-banek kummerċjali sabiex ikompli jitnaqqas ir-riskju tal-kontroparti li għalih huwa espost il-FEŻ.

Il-banek kummerċjali kollha jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-offerti. Il-klassifikazzjoni tal-kreditu minima għal perjodu ta' żmien qasir meħtieġa għall-ammissjoni għall-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti hija P-1 ta' Moody's jew l-ekwivalenti (A-1 ta' S&P jew F1 ta' Fitch). Jista' jkun meħtieġ livell aktar baxx f'ċirkostanzi speċifiċi u debitament ġustifikati.

## 5.5. RISKJU TA' LIKWIDITÀ

### Analiżi tal-maturità tal-obbligazzjonijiet finanzjarji skont il-maturità kuntrattwali li jifdal

EUR miljuni

	< 1 sena	1-5 snin	> 5 snin	Total
<i>Obbligazzjonijiet finanzjarji</i>	549	6	—	555
<b>Total fil-31.12.2016</b>	<b>549</b>	<b>6</b>	<b>—</b>	<b>555</b>
<i>Obbligazzjonijiet finanzjarji</i>	520	10	—	530
<b>Total fil-31.12.2015</b>	<b>520</b>	<b>10</b>	<b>—</b>	<b>530</b>

Il-prinċipji tal-baġit applikati għall-FEŻ jiżguraw li r-riżorsi ġenerali tal-flus għall-perjodu baġitarju jkunu dejjem suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti relatati kollha. Tabilħaqq, il-kontribuzzjonijiet totali tal-Istati Membri huma daqs l-ammont globali tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-perjodu baġitarju rilevanti.

Madankollu, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-FEŻ jitħallsu fi tliet pagamenti parzjali fis-sena, filwaqt li l-ħlasijiet huma soġġetti għal ċerta staġjonalità.

Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi tat-teżor dejjem ikunu suffiċjenti sabiex ikopru l-pagamenti li jridu jiġu eżegwiti fi kwalunkwe xahar partikolari, l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tat-teżor tiġi skambjata regolarment bejn it-teżor tal-Kummissjoni u d-dipartimenti rilevanti tal-infiq sabiex jiġi żgurat li l-pagamenti eżegwiti fi kwalunkwe perjodu partikolari ma jaqbżux ir-riżorsi tat-teżor disponibbli.

Minbarra dak li ntqal hawn fuq, fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' kuljum tat-teżor tal-FEŻ, l-għodod awtomizzati tal-ġestjoni tal-flus kontanti jiżguraw li kuljum ikun hemm likwidità suffiċjenti disponibbli f'kull kont bankarju tal-FEŻ.

## 6. DIVULGAZZJONIJIET DWAR IL-PARTIJIET RELATATI

Il-partijiet relatati tal-FEŻ huma l-Fond Fiduċjarju Bêkou tal-UE u l-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika. It-tranżazzjonijiet bejn dawn l-entitajiet iseħħu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-FEŻ u minħabba li dan huwa l-każ, ma huwa meħtieġ ebda rekwiżit speċifiku ta' divulgazzjoni għal dawn it-tranżazzjonijiet f'konformità mar-regoli ta' kontabbiltà tal-UE.

Il-FEŻ ma għandu ebda ġestjoni separata minħabba li huwa ġestit mill-Kummissjoni. L-intitolamenti tal-maniġment prinċipali tal-UE, inkluża l-Kummissjoni, ġew divulgati fil-Kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea taħt l-intestatura 7.2 "Intitolamenti tal-maniġment prinċipali".

## 7. ATTIVITAJIET WARA D-DATA TAL-KARTA BILANĊJALI

Fid-data tat-trażmissjoni ta' dawn il-kontijiet, ma nġiebet ebda kwistjoni materjali għall-attenzjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-FEŻ li kienet teħtieġ divulgazzjoni separata f'din it-taqsim. Il-kontijiet annwali u n-noti relatati tħejjew bl-użu tal-aktar informazzjoni riċenti disponibbli u dan huwa rifless fl-informazzjoni ppreżentata hawn fuq.

## 8. RIKONĊILJAZZJONI TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU U R-RIŻULTAT TAL-BAĠIT

Ir-riżultat ekonomiku tas-sena jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-prinċipji kontabilistiċi abbażi tad-dovuti. Madankollu, ir-riżultat tal-baġit huwa bbażat fuq ir-regoli tal-kontabbiltà abbażi tal-ħlasijiet. Billi r-riżultat ekonomiku u r-riżultat tal-baġit it-tnejn ikopru l-istess tranżazzjonijiet operazzjonali sottostanti, dan huwa kontroll utli sabiex jiġi żgurat li huma rikonċiljabbli. It-tabella ta' hawn taħt turi din ir-rikonċiljazzjoni, billi tenfasizza l-ammonti ta' rikonċiljazzjoni ewlenin, maqsuma bejn l-entrati tad-dħul u tal-infiq.

EUR miljuni

	2016	2015
<b>RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA</b>	<b>(3 073)</b>	<b>(3 152)</b>
<b>Dħul</b>		
<i>Intitolamenti li ma jaffettwawx ir-riżultat tal-baġit</i>	(2)	(1)
<i>Intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti iżda li għadhom ma nġabru</i>	(7)	(11)
<i>Intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti</i>	16	19
<i>L-effett nett tal-prefinanzjament</i>	43	28
<i>Dħul dovut (nett)</i>	8	29
<b>Spejjeż</b>		
<i>L-ispejjeż tas-sena kurrenti li għadhom ma tħallsux</i>	63	61
<i>L-ispejjeż tas-snin preċedenti li tħallsu fis-sena kurrenti</i>	(129)	(221)
<i>Kanċellazzjoni ta' ħlasijiet</i>	22	12
<i>L-effett nett tal-prefinanzjament</i>	(459)	(53)
<i>Spejjeż dovuti (netti)</i>	168	200
<b>RIŻULTAT TAL-BAĠIT TAS-SENA</b>	<b>(3 350)</b>	<b>(3 088)</b>

### 8.1. L-ENTRATI TA' RIKONĊILJAZZJONI - DĦUL

Id-dħul baġitarju ta' sena finanzjarja jikkorrespondi mad-dħul miġbur mill-intitolamenti stabbiliti matul is-sena u l-ammonti miġbura mill-intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti.



L-intitolamenti li ma jaffettwawx ir-riżultat tal-baġit huma rreġistrati fir-riżultat ekonomiku, iżda minn perspettiva baġitarja dawn ma jistgħux jitqiesu bħala dħul, minħabba li l-ammont imsarraf jiġi ttrasferit għal riżervi u ma jistax jiġi impenjat mill-ġdid mingħajr deċiżjoni tal-Kunsill.

L-intitolamenti stabbiliti fis-sena kurrenti iżda li għadhom ma nġabrux għandhom jitnaqqsu mir-riżultat ekonomiku għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni minħabba li ma jiffurmawx parti mid-dħul baġitarju. Għall-kuntrarju, l-intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena kurrenti jridu jiżdedu mar-riżultat ekonomiku għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni.

L-effett nett tal-prefinanzjament huwa l-ikklerjar tal-ammonti ta' prefinanzjament irkuprati. Dan huwa d-dħul ta' flus li ma għandu l-ebda impatt fuq ir-riżultat ekonomiku.

Id-dħul nett dovut jikkonsisti prinċipalment f'dovuti li jkunu saru għall-finijiet ta' 'cut-off' fl-aħħar tas-sena. Huwa biss l-effett nett, jiġifieri d-dħul dovut tas-sena kurrenti nieqes it-treġġiġh lura tad-dħul dovut tas-sena preċedenti, li jittieħed f'kunsiderazzjoni.

## **8.2. ENTRATI TA' RIKONĊILJAZZJONI – L-INFIQ**

**L-ispejjeż tas-sena kurrenti li għadhom ma tħallsux** għandhom jiġu miżjuda għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni billi huma inklużi fir-riżultat ekonomiku iżda ma jiffurmawx parti min-nefqa baġitarja. Għall-kuntrarju, **l-ispejjeż tas-snin preċedenti li tħallsu fis-sena kurrenti** jridu jitnaqqsu mir-riżultat ekonomiku għall-finijiet ta' rikonċiljazzjoni billi dawn jagħmlu parti min-nefqa baġitarja tas-sena kurrenti iżda ma għandhom l-ebda effett fuq ir-riżultat ekonomiku jew inkella jnaqqsu l-ispejjeż f'każ ta' korrezzjonijiet.

Id-dħul ta' flus mill-**kanċellazzjonijiet tal-pagamenti** ma jaffettwawx ir-riżultat ekonomiku, filwaqt li jħallu impatt fuq ir-riżultat baġitarju.

**L-effett nett tal-prefinanzjament** huwa l-kombinazzjoni tal-ammonti ta' prefinanzjament ġodda mħallsin fis-sena kurrenti (rikonoxxuti bħala n-nefqa baġitarja tas-sena) u l-ikklerjar tal-prefinanzjament imħallas fis-sena kurrenti jew fis-snin preċedenti permezz tal-aċċettazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli. Dan tal-aħħar jirrappreżenta spiża f'termini ta' dovuti iżda mhux fil-kontijiet baġitarji, minħabba li l-ħlas tal-prefinanzjament inizjali diġà tqies bħala nefqa baġitarja fiż-żmien meta tħallas.

**L-ispejjeż netti dovuti** jikkonsistu prinċipalment f'dovuti li jkunu saru għall-finijiet ta' 'cut-off' fl-aħħar tas-sena, jiġifieri l-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarji tal-fondi tal-FEŻ iżda li jkunu għadhom ma ġewx irrapportati lill-FEŻ. Huwa biss l-effett nett, jiġifieri l-ispejjeż dovuti tas-sena kurrenti nieqes it-treġġiġh lura tal-ispejjeż dovuti tas-sena preċedenti, li jittieħed f'kunsiderazzjoni.

# **RAPPORTI FINANZJARJI TAL-FONDI FIDUĊJARJI TAL-UE KKONSOLIDATI FIL- FEŻ**

*Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ma taqbilx mal-għadd finali.*

## **KONTIJET ANNWALI FINALI TAL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE**

*Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ma taqbilx mal-għadd finali.*

# INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE

## Sfond ġenerali dwar il-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni

Fond fiduċjarju huwa arranġament legali bi struttura finanzjarja distinta li tiġbor flimkien il-fondi ta' diversi donaturi sabiex tiġi ffinanzjata b'mod konġunt azzjoni fuq il-bażi ta' objettivi miftiehma b'mod komuni u ta' formati tar-rapportar.

F'konformità mal-Artikolu 187(1) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (RF tal-UE) u mal-Artikolu 42 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (RF tal-FEŻ), il-Kummissjoni hija awtorizzata li toħloq Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni għal azzjonijiet esterni (EUTF). L-EUTFs jinħolqu skont ftehim konkluż ma' donaturi oħrajn sabiex jirrispondu għal emerġenza, postemerġenza jew azzjonijiet tematiċi. L-istabbiliment ta' EUTF jeħtieġ li jkun iġġustifikat, jiġifieri mill-valur miżjud tal-UE (l-objettivi tiegħu jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE milli fil-livell nazzjonali) u mill-kumplementarjetà (il-fond fiduċjarju ma għandux jiduplika l-istrumenti diġà eżistenti u strumenti simili).

L-EUTFs jinħolqu għal żmien limitat, li, flimkien mal-objettivi tiegħu, jiġu definiti mill-att kostituttiv ta' kull fond fiduċjarju. F'konformità mal-Artikolu 187 tar-RF tal-UE, l-EUTF għandu arranġamenti ta' governanza speċifiċi u l-kontribuzzjonijiet isiru barra l-baġit tal-UE. Kull EUTF għandu bord ta' tmexxija ("il-bord tal-fond fiduċjarju") ppresedut mill-Kummissjoni bir-rappreżentanza tad-donaturi u l-Istati Membri mhux kontributuri bħala osservaturi.

Il-Bord Operattiv, li huwa magħmul mir-rappreżentant tal-UE (il-"President"), il-Membri fundaturi ("Viċi Presidenti") u rappreżentanti ta' donaturi oħrajn, li kkontribwixxew mill-inqas EUR 3 miljun ("Membri"), jiddeċiedi fuq l-użu tal-fondi tal-EUTF u jivvaluta l-effettività tal-attivitajiet iffinanzjati mill-EUTF. Fuq il-livell amministrattiv, il-Bord Operattiv huwa responsabbli, fost l-oħrajn, mill-approvazzjoni tar-rapport annwali, l-awditjar tal-kontijiet annwali, il-valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern, is-segwitu tal-osservazzjonijiet minn awdituri interni u esterni, eċċ.

L-EUTFs huma ġestiti mill-Kummissjoni taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delega li jipprovdi assigurazzjoni fuq l-użu tal-fondi lill-Kummissjoni u lil donaturi terzi. Il-maniġer tal-EUTF huwa l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'sottodelega. Bħal fil-każ għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, l-uffiċjal tal-kontabbiltà ta' EUTF huwa l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, li huwa responsabbli sabiex jistabbilixxi l-proċeduri kontabilistiċi u tabella tal-kontijiet komuni għall-EUTFs kollha.

## Il-Fond Fiduċjarju Bêkou

L-ewwel Fond Fiduċjarju tal-UE b'bosta donaturi, imsejjaħ Bêkou, li tfisser "tama" fis-Sango, ġie stabbilit fil-15 ta' Lulju 2014 mill-Kummissjoni tal-UE (ir-rappreżentata mid-DGs DEVCO u ECHO, u mis-SEAE) u tlieta mill-Istati Membri tagħha (il-Ġermanja, Franza u n-Netherlands), bil-għan li jiġu promossi l-istabbilizzazzjoni u r-rikostruzzjoni tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (CAR). Huwa ġie stabbilit għal tul massimu ta' 60 xahar. Il-fond fiduċjarju huwa ġestit minn Brussell.

## Il-kontijiet annwali tal-Fond Fiduċjarju Bêkou

Skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Fond Fiduċjarju tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-"Fond Fiduċjarju Bêkou tal-UE" u l-Artikolu 11.2.1 tal-Ftehim Kostituttiv, il-kontijiet annwali huma magħmulin minn żewġ partijiet: (1) Ir-rapport finanzjarju annwali mħejji mill-maniġer tal-EUTF u (2) Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali mħejjija mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-KE, li huwa wkoll, abbażi tal-istess artikolu, l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-fond fiduċjarju.

Skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim kostituttiv, ir-rapporti finanzjarji għandhom jitħejjew f'konformità mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni (Regoli Kontabilistiċi tal-UE, EAR) li huma bbażati fuq l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS).

Il-kontijiet annwali huma soġġetti għal awditjar estern indipendenti u l-kontijiet annwali finali jiġu sottomessi mill-maniġer tal-EUTF u mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà lill-bord operattiv għall-approvazzjoni (Artikolu 8.3.4(c)).

## Il-kisbiet ewlenin tas-sena

Fl-aħħar tal-2016, kien hemm seba' donaturi li kkontribwixxew għall-Fond Fiduċjarju Bêkou: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), il-Baġit tal-UE, erba' Stati Membri (SM) u Stat terz wieħed.

Il-Fond Fiduċjarju se jiffinanzja l-attivitajiet li jkkontribwixxu biex jassistu lir-Repubblika Ċentru-Afrikana fl-irkupru tagħha mill-kriżi u fl-aspetti kollha tar-rikostruzzjoni, bl-enfasi fuq miżuri maħsuba biex:

- Is-servizzi pubbliċi essenzjali jiġu riabilitati (pereż. l-elettriku, it-trasport, l-aċċess għall-ġustizzja u l-aċċess għall-ilma) u servizzi soċjali bażiċi (is-saħħa u l-edukazzjoni) u jistabbilizzaw is-sitwazzjoni tal-ikel u tan-nutrizzjoni;
- Jirriġeneraw l-attività ekonomika;
- Jistabbilizzaw il-pajjiż u jirriabilitaw in-nisġa soċjali, b'mod partikolari permezz ta' rikonċiljazzjoni, koeżistenza paċifika bejn il-komunitajiet tas-CAR u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;
- Jistabilixxu mill-ġdid il-leġittimità, jerġgħu jibnu l-kapaċità u jirriabilitaw l-operat ta' strutturi amministrattivi lokali u nazzjonali.

Huwa se jiffinanzja wkoll attivitajiet li jkkontribwixxu biex itaffu l-impatt tal-kriżi fuq il-pajjiżi li għandhom fruntiera komuni mas-CAR u / jew li jagħtu kenn lir-refuġjati u lil dawk li jaħarbu mill-vjolenza fis-CAR.

Fl-aħħar tal-2016, il-kontribuzzjoni totali mwiegħda lill-EUTF kienet tammonta għal bejn wieħed u ieħor EUR 173 miljun: il-FEŻ bi EUR 68 miljun, il-Baġit tal-UE b'EUR 50 miljun, filwaqt li l-Istati Membri u donaturi oħrajn ħabbru wegħdiet ta' EUR 55 miljun.

B'kolloxx, ġew adottati 11-il programm għall-irkupru tal-pajjiż. Sal-aħħar tal-2016, ġie impenjat l-ammont ta' EUR 91,3 miljun fl-oqsma tas-saħħa, tas-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, tal-infrastruttura, tal-integrazzjoni tan-nisa fis-soċjetà, kif ukoll għall-għajnuna lir-refuġjati ċentru-Afrikani fil-pajjiżi tal-madwar.

## KARTA BILANĊJALI TAL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE

EUR '000

	31.12.2016	31.12.2015
<b>ASSI MHUX KURRENTI</b>		
<i>Prefinanzjament</i>	3 604	3 446
	<b>3 604</b>	<b>3 446</b>
<b>ASSI KURRENTI</b>		
<i>Prefinanzjament</i>	12 458	6 047
<i>Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju</i>	1 455	1 364
<i>Flus u ekwivalenti ta' flus</i>	43 036	52 461
	<b>56 949</b>	<b>59 873</b>
<b>ASSI TOTALI</b>	<b>60 554</b>	<b>63 319</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI</b>		
<i>Obbligazzjonijiet finanzjarji</i>	(59 339)	(63 125)
	<b>(59 339)</b>	<b>(63 125)</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI</b>		
<i>Imposti akkumulati u introjtu differit</i>	(1 215)	(193)
	<b>(1 215)</b>	<b>(193)</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI</b>	<b>(60 554)</b>	<b>(63 319)</b>
<b>ASSI NETTI</b>	-	-
<b>FONDI U RIŻERVI</b>		
<i>Eċċess akkumulat</i>	-	-
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	-	-
<b>ASSI NETTI</b>	-	-

## RAPPORT TAL-INTROJTU TAL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE

EUR '000

	2016	2015
<b>DĦUL</b>		
<b>Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju</b>		
<i>Dħul minn donazzjonijiet</i>	17 232	9 354
	<b>17 232</b>	<b>9 354</b>
<b>Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju</b>		
<i>Introjtu finanzjarju</i>	48	101
	<b>48</b>	<b>101</b>
<b>Dħul Totali</b>	<b>17 280</b>	<b>9 455</b>
<b>SPEJJEŻ</b>		
<i>Spejjeż operatorji</i>	(16 432)	(8 824)
<i>Spejjeż oħrajn</i>	(848)	(631)
<b>Spejjeż Totali</b>	<b>(17 280)</b>	<b>(9 455)</b>
<b>RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA</b>	<b>—</b>	<b>—</b>

## RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS TAL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE

EUR '000

	2016	2015
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	—	—
<b>Attivitajiet operatorji</b>		
<i>(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament</i>	(6 569)	(9 493)
<i>(Żieda)/tnaqqis fl-ammonti riċevibbli ta' skambju u fl-ammonti rekuperabbli mhux ta' skambju</i>	(91)	(1 364)
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji</i>	(3 786)	18 125
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-imposti akkumulati u fl-introjtu differit</i>	1 021	193
<b>FLUSSI TAL-FLUS NETTI</b>	<b>(9 425)</b>	<b>7 461</b>
<i>Żieda netta /tnaqqis nett fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus</i>	(9 425)	7 461
<i>Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena</i>	52 461	45 000
<i>Flus u ekwivalenti fi tmiem is-sena</i>	43 036	52 461



## DIKJARAZZJONI TAL-BIDLJET FL-ASSI NETTI TAL-FOND FIDUĊJARJU BÊKOU TAL-UE

EUR '000

	Surplus akkumulat/ (defiċit)	Riżultat ekonomiku tas-sena	Assi netti
<b>BILANĊ FIL-31.12.2015</b>	—	—	—
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	—	—	—
<b>BILANĊ FIL-31.12.2016</b>	—	—	—

## **KONTIJET ANNWALI FINALI TAL- FOND FIDUĊJARJU TAL-UE GĦALL-AFRIKA**

*Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ma taqbilx mal-għadd finali.*

## INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IL-FOND FIDUĊJARJU TAL-UE GĦALL-AFRIKA

### Sfond ġenerali dwar il-Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni

Fond fiduċjarju huwa arranġament legali bi struttura finanzjarja distinta li tiġbor flimkien il-fondi ta' diversi donaturi sabiex tiġi ffinanzjata b'mod konġunt azzjoni fuq il-bażi ta' objettivi miftiehma b'mod komuni u l-formati tar-rapportar.

F'konformità mal-Artikolu 187(1) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (RF tal-UE) u mal-Artikolu 42 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Idax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (RF tal-FEŻ), il-Kummissjoni hija awtorizzata li toħloq Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni għal azzjonijiet esterni (EUTF). L-EUTFs jinħolqu skont ftehim konkluż ma' donaturi oħrajn sabiex jirrispondu għal emerġenza, post-emerġenza jew azzjonijiet tematiċi. L-istabbiliment ta' EUTF jeħtieġ li jkun iġġustifikat, jiġifieri mill-valur miżjud tal-UE (l-objettivi tiegħu jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE milli fil-livell nazzjonali) u mill-kumplementarjetà (il-fond fiduċjarju ma għandux jidduplika l-istrumenti diġà eżistenti u strumenti simili).

L-EUTFs joffru għadd ta' vantaġġi: huma strumenti mmexxija mill-UE, li joffru koordinazzjoni aħjar mal-Istati Membri tal-UE; kontroll aħjar tal-operazzjonijiet mill-Unjoni u minn donaturi oħrajn u viżibilità tal-UE mtejba. L-EUTFs jibbenifikaw minn proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet malajr u mill-kapaċità tagħhom li jiġbru flimkien somom akbar minn sorsi differenti li jagħmluhom għodda flessibbli, proattiva u adattabbli.

L-EUTFs jinħolqu għal żmien limitat, li, flimkien mal-objettivi tagħhom, jiġu definiti mill-att kostitutiv ta' kull fond fiduċjarju. F'konformità mal-Artikolu 187 tar-RF tal-UE, l-EUTF għandu arranġamenti ta' governanza speċifiċi u l-kontribuzzjonijiet isiru barra l-baġit tal-UE. Kull EUTF għandu bord ta' tmexxija ("bord tal-fond fiduċjarju") pprevedut mill-Kummissjoni bir-rappreżentanza tad-donaturi u l-Istati Membri mhux kontributori bħala osservaturi. Il-bord tal-fond fiduċjarju jiddeċiedi fuq l-użu tal-fondi tal-EUTF.

Il-pan ta' ħidma tal-EUTF huwa approvat mill-Bord Operattiv, li huwa magħmul mir-rappreżentant tal-UE (il-"President"), il-Membri fundaturi ("Viċi Presidenti") u rappreżentanti ta' donaturi oħrajn, li kkontribwixxew mill-inqas EUR 3 miljun ("Membri") u li jivvalutaw ukoll l-effettività tal-attivitàjiet iffinanzjati mill-EUTF. Fuq il-livell amministrattiv, il-Bord Operattiv huwa responsabbli, fost l-oħrajn, mill-approvazzjoni tar-rapport annwali, il-kontijiet annwali awditjati, il-valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern, is-segwitu tal-osservazzjonijiet minn awdituri interni u esterni, eċċ.

L-EUTFs huma ġestiti mill-Kummissjoni taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delega li jipprovdi assigurazzjoni fuq l-użu tal-fondi lill-Kummissjoni u lil donaturi terzi. Il-manijer tal-EUTF huwa l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'sottodelega. Bħal fil-każ għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, l-uffiċjal tal-kontabbiltà ta' EUTF huwa l-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, li huwa responsabbli sabiex jistabbilixxi l-proċeduri kontabilistiċi u tabella tal-kontijiet komuni għall-EUTFs kollha.

### L-EUTF għall-Afrika

Il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-istabbiltà u li jindirizza l-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament tal-persuni fl-Afrika ("EUTF għall-Afrika") tnedja fit-12 ta' Novembru 2015 matul is-Summit tal-Belt Valletta dwar il-Migrazzjoni. L-objettivi ewlenin ta' dan il-fond fiduċjarju huwa li jappoġġa l-aspetti kollha tal-istabbiltà u li jikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni, kif ukoll li jindirizza l-għeruq ta' dak li jikkawża d-destabilizzazzjoni, l-ispostament sfurzati u l-migrazzjoni irregolari, b'mod partikolari billi jippromwovi r-reżiljenza, l-opportunitajiet indaq u ekonomiċi, is-sigurtà u l-iżvilupp u l-indirizzar tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-fond fiduċjarju jopera fi tliet żoni ġeografiċi ewlenin, jiġifieri r-reġjun tas-Saħel u ż-żona tal-Lag Ċad, il-Qarn tal-Afrika u t-Tramuntana tal-Afrika, madankollu, mill-proġett tal-Fond Fiduċjarju jistgħu jibbenifikaw ukoll, skont il-każ, il-pajjiżi ġirien tal-pajjiżi eliġibbli. Il-Fond Fiduċjarju huwa stabbilit għal perjodu limitat, sal-31 ta' Diċembru 2020, sabiex jipprovdi rispons fuq perjodu ta' żmien qasir u medju għall-isfidi tar-reġjuni. Il-fond fiduċjarju huwa ġestit minn Brussell.

### Il-kontijiet annwali tal-EUTF għall-Afrika

Skont l-Artikolu 7 ta' "Il-ftehim li jstabbilixxi l-fond fiduċjarju ta' emerġenza tal-Unjoni Ewropea għall-istabbiltà u li jindirizza l-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament tal-persuni fl-Afrika u r-regoli interni tiegħu" ("Ftehim kostitutiv"), il-kontijiet annwali huma magħmula minn żewġ partijiet: (1) Ir-rapport finanzjarju annwali mħejji mill-manijer tal-EUTF u (2) Id-dikjarazzjonijiet

finanzjarji annwali mħejjija mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-KE, li huwa wkoll, abbażi tal-istess artikolu, l-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-fond fiduċjarju.

Skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim kostituttiv, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji għandhom jitħejjew f'konformità mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni (Regoli Kontabilistiċi tal-UE, EAR) li huma bbażati fuq l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS).

Il-kontijiet annwali huma soġġetti għal awditjar estern indipendenti u l-kontijiet annwali finali jiġu sottomessi mill-manijer tal-EUTF u mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà lill-bord operattiv għall-approvazzjoni (Artikolu 8.3.4(c)).

L-2016 hija l-ewwel sena li fiha jinħarġu r-rapporti finanzjarji tal-EUTF għall-Afrika. Dan huwa konformi mal-Artikolu 8.3.2, li warajh, l-obbligu tal-uffiċjal tal-kontabbiltà li jħejji r-rapporti finanzjarji japplika biss fir-rigward ta' dik l-ewwel sena finanzjarja jekk il-fond fiduċjarju jkun ilu jeżisti għal aktar minn sitt xhur. It-tranżazzjonijiet tal-2015 huma riflessi fiċ-ċifri komparattivi.

### **L-aspetti ewlenin tas-sena**

Fl-aħħar tal-2016, ir-riżorsi totali mwiegħda kienu jammontaw għal EUR 2 555 miljun. Il-kontribuzzjonijiet esterni totali kienu jammontaw għal EUR 152 miljun u l-kontribuzzjonijiet mill-baġits tal-UE u tal-FEŻ kienu jammontaw għal EUR 2 403 miljun.

F'sena waħda biss, ġew approvati total ta' 106 proġetti b'valur ta' EUR 1 589 miljun għar-regġuni ta' Saħel / il-Lag Ċad, il-Qarn tal-Afrika u t-Tramuntana tal-Afrika. Il-proġetti jistgħu jinqasmu skont tieqa ġeografika kif ġej: 65 programm fir-regġun tas-Saħel/il-Lag Ċad għal ammont totali ta' EUR 918,5 miljun; 35 programm fir-regġun tal-Qarn tal-Afrika għal ammont totali ta' EUR 606 miljun u sitt programmi fir-regġun tat-Tramuntana tal-Afrika għal ammont totali ta' EUR 64,5 miljun. Il-proġetti jkopru l-oqsma ta' prijorità li ġejjin: il-benefiċċji tal-migrazzjoni għall-iżvilupp (EUR 942 miljun); il-migrazzjoni legali u l-mobilità (EUR 68 miljun); il-protezzjoni u l-asil (EUR 233 miljun); il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari; il-kuntrabandu tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin (EUR 170 miljun); ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-reintegrazzjoni (EUR 163 miljun) u oħrajn (EUR 13-il miljun). Minn fost l-ammont approvat, EUR 1 488 miljun ġew impenjati u EUR 600 miljun ingħataw b'kuntratt lis-sħab tal-implimentazzjoni.

## KARTA BILANĊJALI TAL-EUTF GĦALL-AFRIKA

EUR '000

	31.12.2016	31.12.2015
<b>ASSI MHUX KURRENTI</b>		
<i>Prefinanzjament</i>	44 854	—
	<b>44 854</b>	<b>—</b>
<b>ASSI KURRENTI</b>		
<i>Prefinanzjament</i>	70 731	—
<i>Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju</i>	9 476	—
<i>Flus u ekwivalenti ta' flus</i>	14 879	32 642
	<b>95 086</b>	<b>32 642</b>
<b>ASSI TOTALI</b>	<b>139 941</b>	<b>32 642</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI</b>		
<i>Obbligazzjonijiet finanzjarji</i>	(138 502)	(32 642)
	<b>(138 502)</b>	<b>(32 642)</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI</b>		
<i>Ammonti pagabbli</i>	(702)	—
<i>Imposti akkumulati u introjtu differit</i>	(736)	—
	<b>(1 439)</b>	<b>—</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI</b>	<b>(139 941)</b>	<b>(32 642)</b>
<b>ASSI NETTI</b>	<b>—</b>	<b>—</b>
<b>FONDI U RIŻERVI</b>		
<i>Eċċess akkumulat</i>	—	—
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	—	—
<b>ASSI NETTI</b>	<b>—</b>	<b>—</b>

## RAPPORT TAL-INTROJTU TAL-EUTF GĦALL-AFRIKA

EUR '000

	2016	2015
<b>DĦUL</b>		
<b>Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju</b>		
<i>Dħul minn donazzjonijiet</i>	52 246	—
	<b>52 246</b>	—
<b>Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju</b>		
<i>Introjtu finanzjarju</i>	54	—
<i>Dħul ieħor minn skambju</i>	43	—
	<b>97</b>	—
<b>Dħul totali</b>	<b>52 343</b>	—
<b>SPEJJEŻ</b>		
<i>Spejjeż operatorji</i>	(49 042)	—
<i>Spejjeż oħrajn</i>	(3 301)	—
<b>Spejjeż totali</b>	<b>(52 343)</b>	—
<b>RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA</b>	—	—

## RAPPORT TAL-FLUSS TAL-FLUS TAL-EUTF GĦALL-AFRIKA

EUR '000

	2016	2015
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	—	—
<b>Attivitajiet operatorji</b>		
<i>(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament</i>	(115 585)	—
<i>(Żieda)/tnaqqis fl-ammonti riċevibbli ta' skambju u fl-ammonti rekuperabbli mhux ta' skambju</i>	(9 476)	—
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji</i>	105 860	32 642
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli</i>	702	—
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-imposti akkumulati u fl-introjtu differit</i>	736	—
<b>FLUSSI TAL-FLUS NETTI</b>	<b>(17 763)</b>	<b>32 642</b>
<i>Żieda netta/tnaqqis nett fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus</i>	(17 763)	32 642
<i>Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena</i>	32 642	—
<i>Flus u ekwivalenti fi tmiem is-sena</i>	14 879	32 642

## DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI TAL-EUTF GĦALL-AFRIKA

EUR '000

	Surplus akkumulat/ (defiċit)	Riżultat ekonomiku tas-sena	Assi netti
<b>BILANĊ FIL-31.12.2015</b>	—	—	—
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	—	—	—
<b>BILANĊ FIL-31.12.2016</b>	—	—	—



# **RAPPORTI FINANZJARJI KONSOLIDATI TAL-FEŻ U TAL-FONDI FIDUĊJARJI TAL-UE**

*Ta' min jinnota li minħabba l-arrotondament taċ-ċifri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi data finanzjarja fit-tabelli ma taqbilx mal-għadd finali.*

## KARTA BILANĊJALI KONSOLIDATA

EUR miljuni

	31.12.2016	31.12.2015
<b>ASSI MHUX KURRENTI</b>		
<i>Prefinanzjament</i>	457	520
<i>Kontribuzzjonijiet għall-Fond Fiduċjarju</i>	–	–
<i>Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju</i>	–	–
	<b>457</b>	<b>520</b>
<b>ASSI KURRENTI</b>		
<i>Prefinanzjament</i>	1 455	1 151
<i>Riċevibbli ta' skambju u rekuperabbli mhux ta' skambju</i>	143	172
<i>Flus u ekwivalenti ta' flus</i>	738	589
	<b>2 336</b>	<b>1 912</b>
<b>ASSI TOTALI</b>	<b>2 794</b>	<b>2 432</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI</b>		
<i>Provvedimenti</i>	(4)	(4)
<i>Obbligazzjonijiet finanzjarji</i>	(106)	(72)
	<b>(110)</b>	<b>(76)</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI</b>		
<i>Ammonti pagabbli</i>	(549)	(520)
<i>Imposti akkumulati u introjtu differit</i>	(778)	(855)
	<b>(1 327)</b>	<b>(1 376)</b>
<b>OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI</b>	<b>(1 437)</b>	<b>(1 451)</b>
<b>ASSI NETTI</b>	<b>1 357</b>	<b>980</b>
<b>FONDI U RIŻERVI</b>		
<i>Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi</i>	42 323	38 873
<i>Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati</i>	2 252	2 252
<i>Trasferimenti ta' kapital tal-fond eżerċitat bejn FEŻ attivi</i>	–	–
<i>Riżultat ekonomiku riportat mis-snin preċedenti</i>	(40 146)	(36 994)
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	(3 073)	(3 152)
<b>ASSI NETTI</b>	<b>1 357</b>	<b>980</b>

## RAPPORT TAL-INTROJTU KONSOLIDAT

EUR miljuni

	2016	2015
<b>DĦUL</b>		
<b>Dħul minn tranżazzjonijiet mhux ta' skambju</b>		
<i>Irkupru tal-ispejjeż</i>	8	90
<i>Dħul minn donazzjonijiet tal-fondi fiduċjarji</i>	35	4
	<b>43</b>	<b>94</b>
<b>Dħul minn tranżazzjonijiet ta' skambju</b>		
<i>Introjtu finanzjarju</i>	4	8
<i>Introjtu ieħor</i>	62	42
	<b>66</b>	<b>50</b>
<b>Dħul Totali</b>	<b>108</b>	<b>144</b>
<b>SPEJJEŻ</b>		
<i>Strumenti tal-għajnuna</i>	(2 935)	(3 059)
<i>Spejjeż ta' kofinanzjament</i>	15	(69)
<i>Spejjeż finanzjarji</i>	4	(1)
<i>Spejjeż implimentati minn fondi fiduċjarji</i>	(65)	(4)
<i>Spejjeż oħrajn</i>	(200)	(163)
<b>Spejjeż Totali</b>	<b>(3 181)</b>	<b>(3 296)</b>
<b>RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA</b>	<b>(3 073)</b>	<b>(3 152)</b>

## RAPPORT TAL-FLUSSI TAL-FLUS KONSOLIDAT

EUR miljuni

	2016	2015
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	<i>(3 073)</i>	<i>(3 152)</i>
<b>Attivitajiet operatorji</b>		
<i>Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet</i>	<i>3 450</i>	<i>3 200</i>
<i>(Żieda)/tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji</i>	<i>(0)</i>	<i>39</i>
<i>(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament</i>	<i>(242)</i>	<i>204</i>
<i>(Żieda)/tnaqqis fl-ammonti riċevibbli ta' skambju u fl-ammonti rekuperabbli mhux ta' skambju</i>	<i>29</i>	<i>(43)</i>
<i>Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti</i>	<i>—</i>	<i>4</i>
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji</i>	<i>34</i>	<i>(7)</i>
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli</i>	<i>29</i>	<i>(179)</i>
<i>Żieda/(tnaqqis) fl-imposti akkumulati u fl-introjtu differit</i>	<i>(78)</i>	<i>132</i>
<b>FLUSSI TAL-FLUS NETTI</b>	<b>149</b>	<b>198</b>
<i>Żieda netta/tnaqqis nett fil-flus u fl-ekwivalenti ta' flus</i>	<i>149</i>	<i>198</i>
<i>Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena</i>	<i>589</i>	<i>391</i>
<i>Flus u ekwivalenti fi tmiem is-sena</i>	<i>738</i>	<i>589</i>

## DIKJARAZZJONI KONSOLIDATA TAL-BIDLJET FL-ASSI NETTI

	Kapital tal-fond - FEŻ attivi (A)	Fondi mhux eżerċitati - FEŻ attivi (B)	Kapital tal-fond eżerċitat - FEŻ attivi (C) = (A) - (B)	Riżervi Kumulattivi (D)	Kapital tal-fond eżerċitat minn FEŻ magħluqa riportati (E)	EUR miljuni Assi Netti Totali (C)+(D)+(E)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2014</b>	<b>45 691</b>	<b>10 018</b>	<b>35 673</b>	<b>(36 994)</b>	<b>2 252</b>	<b>932</b>
<i>Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet</i>		(4 795)	4 795	—	—	4 795
<i>Tnaqqis fil-kapital - fondi impenjati skont il-Faċilità ta' Tranżizzjoni</i>	(1 595)		(1 595)			(1 595)
<i>Rikonoxximent tal-kapital tal-Idax-il FEŻ</i>	29 367	29 367	—			—
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>	—	—	—	(3 152)	—	(3 152)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2015</b>	<b>73 464</b>	<b>34 590</b>	<b>38 874</b>	<b>(40 146)</b>	<b>2 252</b>	<b>980</b>
<i>Żieda fil-kapital - kontribuzzjonijiet</i>		(3 450)	3 450			3 450
<i>Riżultat ekonomiku tas-sena</i>			—	(3 073)		(3 073)
<b>BILANĊ FIL-31.12.2016</b>	<b>73 464</b>	<b>31 140</b>	<b>42 323</b>	<b>(43 219)</b>	<b>2 252</b>	<b>1 357</b>

# **RAPPORT TAL-FEŻ DWAR L- IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA**

## RAPPORT DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA - 2016

### NOTA TA' INTRODUZZJONI

#### FEŻ preċedenti

- Billi s-Sitt FEŻ ingħalaq fl-2006 u s-Seba' FEŻ ingħalaq fl-2008, il-kontijiet annwali ma għadx fihom it-tabelli tal-implimentazzjoni għal dawn il-FEŻ. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-bilanċi ttrasferiti tista' tinstab fid-Disa' FEŻ.
- Kif sar fis-snin li għaddew, sabiex tkun żgurata t-trasparenza fil-preżentazzjoni tal-kontijiet għall-2016, it-tabelli jippreżentaw separatament għat-Tmien FEŻ il-parti użata għall-programmazzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Lomé u l-parti użata għall-programmazzjoni skont il-Ftehim ta' Cotonou.
- F'konformità mal-Artikolu 1(2)(b) tal-Ftehim Intern tad-Disa' FEŻ, il-bilanċi u d-diżimpenji tal-FEŻ preċedenti ġew ittrasferiti għad-Disa' FEŻ u, matul il-ħajja tad-Disa' FEŻ, ġew impenjati bħala fondi tad-Disa' FEŻ.

#### L-Għaxar FEŻ

Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ffirmat fit-23 ta' Ġunju 2000 f'Cotonou mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u mill-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (l-Istati AKP) daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003. Il-Ftehim ta' Cotonou ġie emendat darbtejn, l-ewwel permezz tal-ftehim iffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005, it-tieni permezz tal-ftehim iffirmit f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE tas-27 ta' Novembru 2001 (2001/822/KE) dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej (OCT) mal-Unjoni Ewropea daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2001. Din id-Deċiżjoni ġiet emendata fid-19 ta' Marzu 2007 (id-Deċiżjoni 2007/249/KE).

Il-Ftehim Intern dwar il-finanzjament tal-għajjnuna tal-Komunità fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2008-2013 f'konformità mal-Ftehim ta' Cotonou rivedut, li ġie adottat mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunità Ewropea fis-17 ta' Lulju 2006, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008.

Skont il-Ftehim ta' Cotonou, it-tieni perjodu (2008-2013) tal-għajjnuna tal-Komunità lill-Istati AKP u lill-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej huwa ffinanzjat mill-Għaxar FEŻ għall-ammont ta' EUR 22 682 miljun, li minnhom:

- EUR 21 966 miljun huma allokat lill-pajjiżi AKP f'konformità mal-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit fl-Anness Ib tal-Ftehim ta' Cotonou rivedut, li minnhom EUR 20 466 miljun huma ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea;
- EUR 286 miljun huma allokat lill-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej f'konformità mal-Anness IIAa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill riveduta dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej mal-Komunità Ewropea, li minnhom EUR 256 miljun huma ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea;
- EUR 430 miljun huma allokat għall-Kummissjoni sabiex tiffinanzja l-ispejjeż li jirriżultaw mill-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-Għaxar FEŻ, f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Ftehim Intern.

Skont il-**"Klawżola sunset"** tal-Għaxar FEŻ (l-Artikoli 1(4) u 1(5) tal-Ftehim Intern tal-Għaxar FEŻ), ma seta' jiġi impenjat l-ebda fond wara l-31 ta' Diċembru 2013. Fondi mhux impenjati ġew ittrasferiti għar-riżerva tal-prestazzjoni tal-Fdax-il FEŻ.

## **Il-Ħdax-il FEŻ**

Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ffirmat fit-23 ta' Ġunju 2000 f'Cotonou mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u mill-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (l-Istati AKP) daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003. Il-Ftehim ta' Cotonou ġie emendat darbtejn, l-ewwel permezz tal-ftehim iffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005, it-tieni permezz tal-ftehim iffirmit f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE tas-27 ta' Novembru 2001 (2001/822/KE) dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (OCT) mal-Unjoni Ewropea daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2001. Din id-Deċiżjoni ġiet emendata fid-19 ta' Marzu 2007 (id-Deċiżjoni 2007/249/KE).

Il-Ftehim Intern dwar il-finanzjament tal-għajjnuna tal-Komunità fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2014-2020 f'konformità mal-Ftehim ta' Cotonou rivedut, adottat mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunità Ewropea f'Awwissu 2013, daħal fis-seħħ f'Marzu 2015.

Skont il-Ftehim ta' Cotonou, it-tielet perjodu (2014-2020) tal-għajjnuna tal-Komunità lill-Istati tal-AKP u lill-pajjiżi u lit-territorji extra-Ewropej huwa ffinanzjat mill-Ħdax-il FEŻ b'ammont ta' EUR 30 506 miljun, li minnhom:

- EUR 29 089 miljun huma allokati lill-pajjiżi AKP f'konformità mal-Artikolu 1(2)(a) u mal-Artikolu 2(d) tal-Ftehim Intern, li EUR 27 955 miljun minnhom huma ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea;
- EUR 364,5 miljun huma allokati lill-OCTs f'konformità mal-Artikolu 1(2)(a) u mal-Artikolu 3(1) tal-Ftehim Intern, li EUR 359,5 miljun minnhom huma ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea;
- EUR 1 052,5 miljun huma għall-Kummissjoni sabiex tiffinanzja l-ispejjeż li jirriżultaw mill-programmar u l-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-Ħdax-il FEŻ, f'konformità mal-Artikolu 1(2)(a) tal-Ftehim Intern.

### **- Fondi li jifdal fuq ir-riżervi tal-prestazzjoni mhux mobilizzabbli fil-31/12/2016**

L-ammonti diżimpenjati minn proġetti taħt id-Disa' FEŻ u l-FEŻ preċedenti huma ttrasferiti għar-riżerva tal-prestazzjoni tal-Għaxar FEŻ, bl-eċċezzjoni tal-fondi ta' Stabex.

Il-fondi diżimpenjati minn proġetti taħt l-Għaxar FEŻ huma ttrasferiti għar-riżerva tal-prestazzjoni tal-Ħdax-il FEŻ.

Matul l-2016, il-fondi kollha diżimpenjati mill-FEŻ preċedenti ġew ittrasferiti għar-riżervi rispettivi.

F'konformità mal-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern tal-Ħdax-il FEŻ u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Awwissu 2016 (2016/1337), ammont ta' fondi diżimpenjati mill-Għaxar FEŻ ġie ttrasferit għall-fini tar-rikostituzzjoni tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika għall-perjodu 2016-2018 sa massimu ta' EUR 491 miljun u sa EUR 16-il miljun għal appoġġ għan-nefqa.

	EUR miljuni
Total disponibbli fuq ir-riżervi tal-prestazzjoni mhux mobilizzabbli fil-31/12/2015	151
Total magħmul disponibbli fuq ir-riżervi tal-prestazzjoni mhux mobilizzabbli matul l-2016	534
L-ammont ittrasferit għar-rikostituzzjoni tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika fil-31/12/2016 jtnaqqas	(386)
Il-bilanċ tar-riżerva mhux mobilizzabbli (mill-fondi diżimpenjati taħt it-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar FEŻ) fil-31/12/2016	299

### **- Ir-riżerva ta' Stabex tal-Ħdax-il FEŻ**

Wara l-għeluq tal-kontijiet Stabex, il-fondi li ma jkunux intużaw / diżimpenjati jiġu ttrasferiti għar-riżerva tal-Pakkett A ta' Stabex fil-Ħdax-il FEŻ (il-Ftehim Intern tal-Għaxar FEŻ, l-Artikolu 1(4)) u mbagħad għall-programmi indikattivi nazzjonali tal-pajjiżi kkonċernati.



**- Kofinanzjamenti tal-FEŻ**

Bl-Għaxar FEŻ u l-Idax-il FEŻ, ġew iffirmati l-ftehimiet dwar it-trasferiment tal-kofinanzjamenti mill-Istati Membri u nfetħu l-appropriazzjonijiet ta' impenn għal ammont totali ta' EUR 209 miljun, filwaqt li l-appropriazzjonijiet ta' pagament infetħu biss għall-ammonti msarrfa li jammontaw għal EUR 190 miljun. Is-sitwazzjoni tal-appropriazzjonijiet tal-kofinanzjament fil-31/12/2016 hija murija fit-tabella ta' hawn taħt:

	EUR miljuni	
	Appropriazzjonijiet ta' impenji	Appropriazzjonijiet ta' pagamenti
Kofinanzjament - Pakkett A	190,0	171,3
Kofinanzjament - Intra-AKP	13,4	13,4
Kofinanzjament - Spejjeż amministrattivi	5,5	5,4
	<b>209,4</b>	<b>190,1</b>

It-tabelli li ġejjin, li jirrigwardaw l-ammonti deċiżi, konklużi b'kuntratti u mħallsa, jindikaw iċ-ċifri netti. It-tabelli li jippreżentaw is-sitwazzjoni skont l-istrument jinsabu fl-anness.

Tabella 11

It-tmien FEŻ  
EVOLUZZJON TAL-APPROPRJAZZJONIJIET: il-31 ta' Diċembru 2016  
ANALIŻI TAL-KREDITI SKONT L-ISTRUMENT

(f' miljuni ta' EUR)

STRUMENT	APPROPRJAZZJONI INIZJALI	ŻIDIET/TNAQQIS FIR-RIŻORSI KUMULATTIVI FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2015	ŻIEDA JEW TNAQQIS FIR-RIŻORSI FL-2016	Noti	LIVELL KURRENTI TAL-APPROPRJAZZJONI
<b>Lomé</b>					
<b>Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM</b>	<b>12,967</b>	<b>(3,256)</b>	<b>(15)</b>		<b>9,695</b>
Għajjnuna għar-refuġjati	120	(20)	(0)		100
Għajjnuna ta' emerġenza (Lomé)	140	(4)			136
Pajjiżi fqar b'ħafna dejn (Lomé)	0	1,060			1,060
Sussidji fuq ir-rati tal-imgħax	370	(29)	(7)		72
Kapital ta' riskju	1,000	16	(1)		1,015
Stabex	1,800	(1,077)			723
Aġġustament strutturali	1,400	97			1,497
Sysmin	575	(474)			101
Total tal-programmi indikattivi	7,562	(2,599)	(6)	(1)	4,957
L-użu tad-dħul mill-imgħax	0	35			35
<b>Cotonou</b>					
<b>Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM</b>	<b>0</b>	<b>654</b>	<b>(4)</b>		<b>650</b>
Pakkett A - Allokazzjonijiet Nazżjonali	0	418	(0)	(1)	417
Pakkett B - Allokazzjonijiet Nazżjonali	0	237	(4)	(1)	233
Imgħaxijiet u dħul ieħor	0	0			0
<b>SUBTOTAL TAL-AKP</b>					
	<b>12,967</b>	<b>(2,602)</b>	<b>(19)</b>		<b>10,346</b>
<b>Lomé</b>					
<b>Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM</b>	<b>163</b>	<b>(116)</b>	<b>(0)</b>		<b>46</b>
Sussidji fuq ir-rati tal-imgħax	9	(8)			1
Kapital tar-riskju	30	(24)			6
Stabex	6	(5)			1
Sysmin	3	(1)	(0)	(1)	2
Total tal-programmi indikattivi	115	(79)			36
<b>SUBTOTAL tal-OCT</b>					
	<b>163</b>	<b>(116)</b>	<b>(0)</b>		<b>46</b>
<b>TOTAL tat-tmien FEŻ</b>					
	<b>13,130</b>	<b>(2,718)</b>	<b>(20)</b>		<b>10,392</b>

(1) It-tnaqqis kollu jikkostitwixxi f'diżimpenji trasferiti għar-riżerva tal-prestazzjoni tal-għaxar FEŻ mhux mobilizzabbli

Tabella 12

Id-disa' FEŻ  
EVOLUZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET: il-31 ta' Diċembru 2016  
ANALIŻI TAL-KREDITI SKONT L-ISTRUMENT

(f' miljuni ta' EUR)

STRUMENT	APPROPRJAZZJONI INIZJALI	ŻIDIET/TNAQQIS FIR-RIŻORSI KUMULATTIVI FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2015	ŻIEDA JEW TNAQQIS FIR-RIŻORSI FL-2016	Noti	LIVELL KURRENTI TAL-APPROPRJAZZJONI
<b>Lomé</b>					
<b>Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM</b>	<b>0</b>	<b>689</b>	<b>(17)</b>		<b>672</b>
Trasferimenti mis-sitt FEŻ - Lomé	0	20	(0)	(1)	20
Trasferimenti mis-seba' FEŻ - Lomé	0	668	(17)	(1)	651
<b>Cotonou</b>					
<b>Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM</b>	<b>8,919</b>	<b>5,727</b>	<b>(144)</b>		<b>14,502</b>
Pakkett A - Allokazzjonijiet Nazzjonali	5,318	3,398	(79)	(1)	8,637
Pakkett B - Allokazzjonijiet Nazzjonali	2,108	(881)	(15)	(1)	1212
ĊŻI, ĊTA u Assemblea Parlamentari	164	(10)			154
Kostijiet tal-implimentazzjoni	125	52			177
Imgħaxijiet u dħul ieħor	0	63			63
Allokazzjonijiet oħra Intra-AKP	300	2,329	(15)	(1)	2,614
Faċilità għall-paċi	0	360	(6)	(1)	354
Allokazzjonijiet reġjonali	904	(105)	(29)	(1)	770
Allokazzjonijiet speċjali għar-R & Ż Kongo	0	105			105
Allokazzjoni speċjali għas-Sudan t'Isfel	0	267		(3)	267
Allokazzjoni speċjali għas-Sudan	0	110		(2)	110
Faċilità għall-paċi b'kontribuzzjoni volontarja	0	39			39
<b>SUBTOTAL TAL-AKP</b>	<b>8,919</b>	<b>6,415</b>	<b>(161)</b>		<b>15,174</b>
<b>Lomé</b>					
<b>Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM</b>	<b>0</b>	<b>3</b>	<b>(0)</b>		<b>3</b>
Trasferimenti mis-sitt FEŻ - Lomé	0	0			0
Trasferimenti mis-seba' FEŻ - Lomé	0	3	(0)	(1)	3
<b>Cotonou</b>					
<b>Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM</b>	<b>10</b>	<b>282</b>	<b>(2)</b>		<b>290</b>
Pakkett A - Allokazzjonijiet Nazzjonali	0	239	(2)	(1)	237
Pakkett B - Allokazzjonijiet Nazzjonali	0	4			4
Allokazzjonijiet reġjonali	8	40			48
Studji / Assistenza teknika tal-OCT	2	(1)			1
<b>SUBTOTAL tal-OCT</b>	<b>10</b>	<b>285</b>	<b>(2)</b>		<b>293</b>
<b>TOTAL tad-disa' FEŻ</b>	<b>8,929</b>	<b>6,701</b>	<b>(163)</b>		<b>15,467</b>

(1) It-tnaqqis kollu jikkostitwixxi f'diżimpenji trasferiti għar-riżerva tal-prestazzjoni tal-għaxar FEŻ mhux mobilizzabbli

(2) Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/406/UE żdiedu 150 miljun mir-riżerva tal-prestazzjoni mhux mobilizzabbli tal-għaxar FEŻ għas-Sudan (147 miljun lill-alkazzjoni speċjali tas-Sudan) u 3 miljuni għall-kostijiet tal-implimentazzjoni

(3) Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/315/UE żdiedu 200 miljun mir-riżerva tal-prestazzjoni mhux mobilizzabbli tal-għaxar FEŻ għas-Sudan (194 miljun għall-alkazzjoni speċjali tas-Sudan t'isfel) u 6 miljuni għall-kostijiet tal-implimentazzjoni

Tabella 13

L-għaxar FEŻ  
EVOLUZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET: il-31 ta' Diċembru 2016  
ANALIŻI TAL-KREDITI SKONT L-ISTRUMENT

(f' miljuni ta' EUR)

STRUMENT	APPROPRJAZZJONI INIZJALI	ŻIDIET/TNAQQIS FIR-RIŻORSI KUMULATTIVI FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2015	ŻIEDA JEW TNAQQIS FIR-RIŻORSI FL-2016	Noti	LIVELL KURRENTI TAL-APPROPRJAZZJONI
<b>Kontribuzzjonijiet Regolari tal-SM</b>	<b>20,896</b>	<b>9</b>	<b>223</b>		<b>21,128</b>
Pakkett A - Allokazzonijiet Nazżjonali	0	13,507	(263)	(2)	13,244
Riżerva tal-pakkett A	13,500	(13,500)			0
Pakkett B - Allokazzonijiet Nazżjonali	0	2,020	(5)	(2)	2,015
Il-Faċilità ta' valuttazzjoni rikonoxxuti b' mod wiesa' biex tiddetermina l-valur ġust ta' strumenti finanzjarji komuni u aktar sempliċi, bħal swaps tar-rata tal-imgħax u tal-valuri li jużaw biss data tas-suq osservabbli u li jirrikjedu stima u ġudizzju limitati mill-maniġment. Il-prezzijiet osservabbli u l-inputs tal-mudell ġeneralment ikunu disponibbli fis-suq tat-titoli tad-dejn u l-ekwità kkwotati, tad-derivattivi nneozzjati fil-borża u tad-derivattivi sempliċi barra l-borża, bħal swaps tar-rati tal-imgħax. Id-disponibbiltà tal-prezzijiet tas-suq osservabbli u tal-inputs tal-mudelli tnaqqas il-ħtieġa għal ġudizzju u stima mill-maniġment u tnaqqas ukoll l-inċertezza assoċjata mad-determinazzjoni tal-valuri ġusti. Id-disponibbiltà tal-prezzijiet tas-suq osservabbli u tal-inputs tvarja skont il-prodotti u s-swieq u hija suxxettibbli għal bidliet ibbażati fuq attivitajiet speċifiċi u kundizzjonijiet ġenerali fis-swieq finanzjarji.

Għal strumenti aktar kumplessi, il-Faċilità ta' valuttazzjoni proprji, li huma żviluppata minn mudelli ta' valuttazzjoni rikonoxxuti. Uħud mill-inputs sinifikanti, jew kollha kemm huma, f'dawn il-mudelli jistgħu ma jkunux osservabbli fis-suq, u jiġu derivati minn prezzijiet jew rati tas-suq jew inkella jiġu stmati abbażi ta' suppożizzjonijiet. Eżempju ta' strumenti li jinvolvu inputs mhux osservabbli sinifikanti jinkludi ċerti self u garanziji li għalihom ma jeżisti l-ebda suq attiv. Il-mudelli ta' valuttazzjoni li jużaw inputs mhux osservabbli sinifikanti jirrikjedu livell oġhla ta' ġudizzju u stima mill-maniġment sabiex jiġi stabbilit il-valur ġust. Il-ġudizzju u l-istima tal-maniġment ġeneralment ikunu meħtieġa għall-għażla tal-mudell ta' valuttazzjoni xieraq, għad-determinazzjoni tal-flussi ta' flus futuri mistennija fuq l-istrument finanzjarju li jkun qed jiġi vvalutat, għad-determinazzjoni ta' probabbiltà jew inadempjenza tal-kontroparti u l-prepagamenti u għall-għażla tar-rati ta' skont adegwati.

Il-Faċilità għandha qafas ta' kontroll stabbilit fir-rigward tal-kejl tal-valuri ġusti. Dan il-qafas jinkludi l-funzjonijiet tal-Ġestjoni tar-Riskji u l-Ġestjoni tad-Data tas-Suq tal-Bank Ewropew tal-Investment. Dawn il-funzjonijiet huma indipendenti mill-ġestjoni tal-uffiċċju tan-negozjar u huma responsabbli biex jiverifikaw il-kejl tal-valur ġust sinifikanti. Kontrolli speċifiċi jinkludu:

- Verifikazzjoni tal-prezzijiet osservabbli;
- Proċess ta' approvazzjoni u rieżami għal mudelli ta' valuttazzjoni ġodda u bidliet fil-mudelli eżistenti;
- Kalibrizzjoni u ttestjar retrospettiv ta' mudelli apparagun ta' tranżazzjonijiet tas-suq osservati;
- Analiżi u investigazzjoni ta' ċaqliq sinifikanti fil-valuttazzjoni;
- Reviżjoni ta' inputs sinifikanti mhux osservabbli u aġġustamenti fil-valuttazzjoni.

Meta tintuża informazzjoni minn partijiet terzi, bħal servizzi tal-ipprezzar jew kwotazzjonijiet tas-sensara, sabiex jitkejjel il-valur ġust, il-Faċilità tivverifika li tali valuttazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-IFRS. Dan jinkludi dawn li ġejjin:

- Id-determinazzjoni ta' fejn is-servizzi tal-ipprezzar jew tal-kwotazzjonijiet tas-sensara huma adatti;
- Il-valuttazzjoni ta' jekk servizz tal-ipprezzar jew tal-kwotazzjoni ta' sensar partikolari huwiex affidabbli;
- Il-fehim ta' kif ġie kkalkolat il-valur ġust u l-punt safejn dan jirrappreżenta t-tranżazzjonijiet tas-suq reali;
- Meta jintużaw prezzijiet għal strumenti simili sabiex jitkejjel il-valur ġust, b'liema mod dawn il-prezzijiet ġew aġġustati sabiex ikunu jirriflettaw l-karatteristiċi tal-istrument soġġett għall-kejl.

#### ▪ Telf minn indeboliment fuq self u riċevibbli

Il-Faċilità tanalizza s-self u r-riċevibbli tagħha f'kull data tar-rapportar biex tevalwa jekk għandux jiġi rreġistrat provvediment għal indeboliment fir-rapport tal-introjt u introjt ieħor komprensiv. B' mod partikolari, il-ġudizzju tal-Maniġment tal-Bank Ewropew tal-Investment huwa meħtieġ fl-istima tal-ammont u t-twaqqit tal-flussi tal-flus futuri fid-determinazzjoni tal-livell ta' provvediment meħtieġ. Tali stimuli huma bbażati fuq suppożizzjonijiet dwar għadd ta' fatturi u r-riżultati reali jistgħu jvarjaw, li jirriżulta f'bidliet futuri fil-provvediment. Minbarra l-provvedimenti speċifiċi biex jtkoprew self u r-riċevibbli individwalment sinifikanti, il-Faċilità tista' tagħmel ukoll provvediment kollettiv għal skoperturi li ma ġewx identifikati individwalment bħala indeboliti u li għandhom riskju akbar ta' inadempjenza minn meta ngħataw oriġinarjament.

Fil-prinċipju, self jitqies bħala indebolit meta l-ħlasijiet tal-imgħax u tal-kapital ikunu ilhom 90 jum jew iktar li skadew u, fl-istess fin, il-Maniġment tal-Bank Ewropew tal-Investment iqis li hemm indikazzjoni oġġettiva ta' indeboliment.

#### ▪ Provvedimenti fuq garanziji finanzjarji

Il-Faċilità tanalizza l-kuntratti tal-garanziji tagħha f'kull data tar-rapportar sabiex tevalwa jekk għandux jiġi rreġistrat provvediment fir-rapport tal-introjt u introjt ieħor komprensiv. Sabiex jiġi ddeterminat il-provvediment, huwa meħtieġ ġudizzju partikolari biex isiru stimuli u suppożizzjonijiet dwar għadd ta' fatturi, bħal:

- l-ammont u t-twaqqit tal-flussi tal-flus futuri;
- il-livell ta' utilizzazzjoni tal-garanziji;
- il-fatturi ta' skont applikati fuq il-flussi tal-flus stmati.

#### ▪ Valuttazzjoni tal-investimenti ta' ekwità mhux ikkwotati disponibbli għall-bejgħ

Il-valuttazzjoni tal-investimenti ta' ekwità mhux ikkwotati disponibbli għall-bejgħ normalment tkun ibbażata fuq waħda minn dawn li ġejjin:

- it-tranzazzjonijiet distakkati riċenti fis-suq;
- il-valur ġust kurrenti ta' strument ieħor li huwa sostanzjalment l-istess;
- il-flussi tal-flus mistennija skontati bir-rati kurrenti applikabbli għal entrati b'termini u karatteristiċi tar-riskji simili;
- il-metodu tal-assi netti aġġustati; jew
- mudelli ta' valutazzjoni oħrajn.

Id-determinazzjoni tal-flussi tal-flus u tal-fatturi ta' skont għall-investimenti ta' ekwità mhux ikkwotati disponibbli għall-bejgħ tirrikjedi stima sinifikanti. Il-Faċilità tikkalibra t-tekniki ta' valutazzjoni perjodikament u tittestja l-validità tagħhom billi tuża l-prezz minn tranżazzjonijiet tas-suq kurrenti li jistgħu jiġu osservati fl-istess strument jew inkella minn data tas-suq disponibbli oħra li tista' tiġi osservata.

#### ▪ **Indeboliment ta' assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ**

Il-Faċilità tittratta l-investimenti ta' ekwità disponibbli għall-bejgħ bħala indeboliti meta jkun hemm tnaqqis sinifikanti jew fit-tul fil-valur ġust taħt il-kost oriġinali jew fejn tkun teżisti evidenza oġġettiva oħra ta' indeboliment. Id-determinazzjoni ta' x'inhu "sinifikanti" jew "fit-tul" tirrikjedi li jsir ġudizzju. Ġeneralment, il-Faċilità tittratta "sinifikanti" bħala 30% jew aktar, u "fit-tul" bħala aktar minn 12-il xahar. Barra minn hekk, il-Faċilità tevalwa fatturi oħrajn, inklużi l-volatilità normali fil-prezz tal-ishma għall-ekwitajiet ikkwotati u l-flussi tal-flus futuri u l-fatturi ta' skont għall-ekwitajiet mhux ikkwotati.

#### ▪ **Konsolidazzjoni ta' entitajiet li l-Faċilità għandha interess fihom**

Il-Faċilità ħadet deċiżjonijiet sinifikanti li l-ebda waħda mill-entitajiet li għandha interess fihom, ma hija kkontrollata minn din il-Faċilità. Dan minħabba l-fatt li f'dawn l-entitajiet kollha, is-Soċju Solidali jew il-Maniġer tal-Fond jew il-Bord ta' Tmexxija għandhom ir-responsabbiltà unika għall-ġestjoni u l-kontroll tal-attivitajiet u l-affarijiet tas-sħubija u għandhom is-setgħa u l-awtorità li jagħmlu dak li huwa meħtieġ biex jilħqu l-iskop u l-oġġettivi tas-sħubija f'konformità mal-linji gwida tal-investment u tal-politiki.

### 2.3 Bidliet fil-politiki kontabilistiċi

Flief għall-bidliet imsemmija hawn taħt, il-Faċilità konsistentement applikat il-politiki kontabilistiċi stabbiliti fin-Nota 2.4 għall-perjodi kollha ppreżentati f'dawn ir-rapporti finanzjarji. Il-Faċilità adottat l-istandards ġodda u l-emendi għall-istandards li ġejjin.

#### **Standards adottati**

L-istandards, l-emendi għall-istandards u l-interpretazzjonijiet li ġejjin ġew adottati fit-tnejn ta' dawn ir-rapporti finanzjarji:

- Emendi għall-IAS 1 "Preżentazzjoni tar-rapporti finanzjarji" – Inizjattiva ta' divulgazzjoni;
- Titjib Annwali fiċ-Ċiklu tal-IFRSs 2012-2014 – standards varji.

Dawn il-bidliet ma kellhom ebda impatt materjali fuq ir-rapporti finanzjarji tal-Faċilità.

#### **Standards maħruġa iżda li għandhom mhumiex effettivi**

L-istandards, l-emendi għall-istandards u l-interpretazzjonijiet li ġejjin huma effettivi għal perjodi annwali li jibdew wara l-1 ta' Jannar 2016 u ma ġew applikati fit-tnejn ta' dawn ir-rapporti finanzjarji. Dawk li jistgħu jkunu rilevanti għal din il-Faċilità huma stabbiliti hawn taħt.

#### *IFRS 9 Strumenti finanzjarji*

L-aħħar parti tal-istandard inħarġet fl-24 ta' Lulju 2014 u tissostitwixxi l-gwida eżistenti fl-IAS 39 Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl. L-IFRS 9 jindirizza l-klassifikazzjoni, il-kejl u d-dekontabilizzar tal-assi finanzjarji u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji, jintroduċi mudell ġdid ta' telf ta' kreditu mistenni għal indeboliment fuq l-assi finanzjarji u jintroduċi regoli ġodda għall-kontabbiltà għall-iħħeġġjar.

L-IFRS 9 jinkludi approċċ ġdid ta' klassifikazzjoni u kejl għall-assi finanzjarji li jirrifletti l-mudell kummerċjali li fih jiġu ġestiti l-assi u l-karatteristiċi tal-fluss tal-flus tagħhom. L-IFRS 9 jinkludi tliet kategoriji ta' klassifikazzjoni prinċipali għall-assi finanzjarji: imkejla skont il-kost amortizzat, il-valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv ("FVOCI") u l-valur ġust permezz ta' profitt jew telf ("FVTPL"). L-istandard jelimina l-kategoriji eżistenti tal-IAS 39 ta' miżmuma sal-maturità, self u riċevibbli u disponibbli għall-bejgħ. Skont l-IFRS 9, qatt ma jinqasmu fi tnejn id-derivattivi inkorporati fil-kuntratti fejn l-ospitant huwa assi finanzjarju fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istandard. Minflok, l-istrument finanzjarju ibridu kollu kemm hu jiġi vvalutat għal klassifikazzjoni.

Fil-biċċa l-kbira tiegħu, I-IFRS 9 iżomm ir-rekwiżiti eżistenti fl-IAS 39 għall-klassifikazzjoni tal-obbligazzjonijiet finanzjarji. Madankollu, skont I-IAS 39, il-bidliet kollha fil-valur ġust tal-obbligazzjonijiet bħala FVTPL jiġu rikonossuti fi profitt jew telf, filwaqt li skont I-IFRS 9, dawn il-bidliet fil-valur ġust ġeneralment jiġu ppreżentati kif ġej:

- l-ammont tal-bidla fil-valur ġust li huwa attribwibbli għall-bidliet fir-riskju ta' kreditu tal-obbligazzjoni jiġi ppreżentat f'introjtu ieħor komprensiv ("OCI"); kif ukoll
- l-ammont li jfidal tal-bidla fil-valur ġust jiġi ppreżentat fi profitt jew telf.

L-IFRS 9 jissostitwixxi l-mudell ta' "telf imġarrab" fl-IAS 39 b'mudell ta' "telf ta' kreditu mistenni" (expected credit loss, "ECL") li jħares 'il quddiem. Dan se jkun jirrikjedi ġudizzju konsiderevoli dwar kif il-bidliet fil-fatturi ekonomiċi jaffettwaw l-ECLs, li se jkunu ddeterminati fuq bażi ponderata għall-probabbiltà. Il-mudell ta' indeboliment ġdid se japplika għall-assi finanzjarji mkejja skont il-kost amortizzat jew l-FVOCI, ħlief għall-investimenti fl-istrumenti ta' ekwità, u għall-assi tal-kuntratti.

Skont I-IFRS 9, il-koperturi għat-telf jitkejlu fuq waħda mill-bażijiet li ġejjin:

- ECLs ta' 12-il xahar. Dawn huma ECLs li jirriżultaw minn attivitajiet ta' inadempjenza possibbli fi żmien 12-il xahar wara d-data tar-rapportar; kif ukoll
- ECLs matul il-ħajja. Dawn huma ECLs li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' inadempjenza kollha possibbli tul il-ħajja mistennija ta' strument finanzjarju.

Il-kejl tal-ECLs matul il-ħajja japplika jekk ir-riskju ta' kreditu ta' assi finanzjarju fid-data tar-rapportar ikun żdied b'mod sinifikanti sa mir-ikonossiment inizjali u l-kejl tal-ECLs ta' 12-il xahar japplika jekk le. Entità tista' tiddetermina li r-riskju ta' kreditu ta' assi finanzjarju ma żdiedx b'mod sinifikanti jekk l-assi jkollu riskju ta' kreditu baxx fid-data tar-rapportar.

Filwaqt li l-Faċilità għadha ma wettqet ebda valutazzjoni dettaljata tal-metodoloġiji ta' indeboliment li hija se tapplika skont I-IFRS 9, hija tista' tirriżulta f'ikonossiment bikri ta' telf ta' kreditu b'volatilità ogħla.

L-IFRS 9 se jkun jirrikjedi divulgazzjonijiet ġodda estensivi, b'mod partikolari dwar ir-riskju ta' kreditu u t-telf ta' kreditu mistenni. Il-valutazzjoni preliminari tal-Faċilità kienet tinkludi analiżi li tidentifika l-lakuni fid-data apparagun tal-proċessi attwali u l-Faċilità qed tippjana li timplimenta s-sistema u li tikkontrolla l-bidliet li hija temmen li se jkunu neċessarji sabiegħ ta' id-data meħtieġa.

L-IFRS 9 kien approvat mill-UE fit-22 ta' Novembru 2016 u huwa effettiv għall-perjodi ta' rapportar annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara, u tista' ssir adozzjoni bikrija. Il-Faċilità ma għandhiex il-ħsieb li tadotta l-istandard aktar kmieni mid-data effettiva tiegħu.

Bħalissa, il-Faċilità qed twestaq valutazzjoni dettaljata tal-impatt li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-IFRS 9.

#### *L-IFRS 15 Dħul minn Kuntratti ma' Klijenti*

L-IFRS 15 jstabilixxi qafas komprensiv biex jiġi ddeterminat kemm, jekk għandux u meta d-dħul jiġi rikonossut. Dan jissostitwixxi l-gwida tar-ikonossiment tad-dħul, inkluż l-IAS 18 Dħul u l-IAS 11 Kuntratti tal-Kostruzzjoni u l-IFRIC 13 Programmi ta' Lealtà tal-Klijenti. L-istandard IFRS 15 kien approvat mill-UE fit-22 ta' Novembru 2016 u huwa effettiv għall-perjodi ta' rapportar annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara, u tista' ssir adozzjoni bikrija. Il-Faċilità għadha ma ddeterminatx il-kobor tal-impatt ta' dan l-istandard.

#### *Emenda għall-IAS 7 "Rapporti tal-flussi tal-flus" – Inizjattiva ta' divulgazzjoni*

L-emendi jirrikjedu divulgazzjonijiet li jippermettu lill-utenti tar-rapporti finanzjarji biex jevalwaw il-bidliet fl-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn attivitajiet ta' finanzjament, inklużi kemm il-bidliet li jirriżultaw minn bidliet fil-flussi ta' flus, kif ukoll dawk li ma jirrigwardawx il-flus. L-emendi huma effettivi għall-perjodi ta' rapportar annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2017 jew wara, u tista' ssir adozzjoni bikrija. L-emendi mistennija jiġu approvati mill-UE sal-aħħar tas-sena. Il-Faċilità mhijiex qed tippjana li tadotta dan l-istandard kmieni u mhijiex qed tistenna li dan jikkawża xi impatt materjali fuq ir-rapporti finanzjarji tal-Faċilità.

#### 2.4 Sommarju ta' politiki tal-kontabbiltà sinifikanti

Ir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja jirrappreżenta l-assi u l-obbligazzjonijiet f'ordni dixxendenti ta' likwidità u ma jagħmel ebda distinzjoni bejn l-entrati kurrenti u dawk li mhumiex.

##### 2.4.1 Qlib ta' munita barranija

Il-Faċilità tuża l-Euro (EUR) biex tippreżenta r-rapporti finanzjarji tagħha, li hija wkoll il-munita funzjonali. Ħlief kif indikat mod ieħor, l-informazzjoni finanzjarja ppreżentata f'EUR għet arrottondata għall-eqreb elf.

It-tranżazzjonijiet f'munita barranin jiġu kkonvertiti bir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tat-tranżazzjoni.

L-assi u l-obbligazzjonijiet monetarji ddenominati f'munita oħrajn minbarra l-Euro jiġu kkonvertiti fl-Euro bir-rata tal-kambju prevalenti fid-data tar-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja. Il-qlib jew it-telf li jirriżulta minn dan il-qlib jiġi rreġistrat fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv.

L-entrati mhux monetarji li jitkejlu f'termini tal-kost storiku f'munita barranija jinqalbu bir-rati tal-kambju fid-dati tat-tranżazzjonijiet inizjali. L-entrati mhux monetarji li jitkejlu skont il-valur ġust f'munita barranija jinqalbu bir-rati tal-kambju fid-data meta ġie stabbilit il-valur ġust.

Id-differenzi fil-kambju li jirriżultaw mis-saldu tat-tranżazzjonijiet b'rati differenti minn dawk tad-data tat-tranżazzjoni, u d-differenzi fir-rati tal-kambju mhux realizzati fuq assi u obbligazzjonijiet monetarji f'munita barranija mhux saldati, huma rikonoxxuti fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv.

L-elementi tar-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv jinqalbu f'Euro abbażi tar-rati tal-kambju li jkunu validi fid-data tat-tranżazzjoni.

#### 2.4.2 Flus u ekwivalenti ta' flus

Il-Faċilità tiddefinixxi l-flus u l-ekwivalenti ta' flus bħala kontijiet kurrenti, depożiti għal żmien qasir jew karti kummerċjali b'maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew inqas.

#### 2.4.3 Assi finanzjarji minbarra d-derivattivi

L-assi finanzjarji jiġu kontabilizzati bl-użu tal-bażi tad-data tas-saldu.

##### ▪ Valur ġust tal-istrumenti finanzjarji

Il-valur ġust huwa l-prezz li jiġi riċevut sabiex jinbiegħ assi jew li jitħallas għat-trasferiment ta' obbligazzjoni fi tranżazzjoni ordinata bejn il-partiċipanti fis-suq fid-data tal-kejl fis-suq prinċipali, jew fin-nuqqas tiegħu, l-aktar suq vantaġġjuż li l-Faċilità għandha aċċess għalih f'dik id-data.

Meta applikabbli, il-BEI f'isem il-Faċilità jkejjel il-valur ġust ta' strument billi juża l-prezz ikkwotat f'suq attiv għal dak l-istrument. Suq jitqies bħala attiv jekk it-tranżazzjonijiet għall-assi jew għall-obbligazzjoni jseħħu bi frekwenza u volum suffiċjenti li jipprovdu informazzjoni dwar l-ipprezzar fuq bażi kontinwa.

Meta il-valuri ġusti tal-assi finanzjarji u tal-obbligazzjonijiet finanzjarji rreġistrati fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja ma jistgħux jirriżultaw minn swieq attivi, dawn jiġu ddeterminati bl-użu ta' varjetà ta' tekniki ta' valutazzjoni li jinkludu l-użu ta' mudelli matematiċi. L-input għal dawn il-mudelli jittieħed minn swieq osservabbli, fejn ikun possibbli, iżda fejn dan ma jkunx possibbli, ikun meħtieġ ċertu livell ta' ġudizzju sabiex jiġu stabbiliti l-valuri ġusti. It-teknika ta' valutazzjoni magħżula tinkorpora l-fatturi kollha li l-partiċipanti fis-suq jikkunsidraw fl-ipprezzar tat-tranżazzjoni.

Il-BEI jkejjel il-valuri ġusti billi juża din il-ġerarkija tal-valur ġust li tirrifletti s-sinifikat tal-inputs użati biex isir il-kejl:

- Livell 1: inputs li huma prezzijiet tas-suq ikkwotati mhux aġġustati fi swieq attivi għal strumenti identiċi li l-Faċilità għandha aċċess għalihom.
- Livell 2: inputs għajr il-prezzijiet ikkwotati inklużi fil-Livell 1 li jkunu osservabbli direttament (jiġifieri bħala prezzijiet) jew indirettament (jiġifieri derivati mill-prezzijiet). Din il-kategorija tinkludi strumenti valwati bl-użu tal-prezzijiet tas-suq ikkwotati fi swieq attivi għal strumenti simili, il-prezzijiet ikkwotati għal strumenti identiċi jew simili fi swieq meqjusa bħala inqas minn attivi jew tekniki ta' valutazzjoni oħrajn fejn l-inputs sinifikanti kollha jkunu direttament jew indirettament osservabbli mid-data tas-suq.
- Livell 3: inputs li ma jkunux osservabbli. Din il-kategorija tinkludi l-istrumenti kollha fejn it-teknika ta' valutazzjoni tinkludi l-inputs mhux ibbażati fuq *data* osservabbli u l-inputs mhux osservabbli li għandhom effett sinifikanti fuq il-valutazzjoni tal-istrument. Din il-kategorija tinkludi strumenti li huma vvalutati abbażi tal-prezzijiet ikkwotati għal strumenti simili fejn huma meħtieġa aġġustamenti jew suppożizzjonijiet mhux osservabbli sinifikanti sabiex ikunu jirriflettu d-differenzi bejn l-istrumenti.

Il-Faċilità tirikonoxxi t-trasferimenti bejn il-livelli tal-ġerarkija tal-valur ġust fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportar li matulu tkun seħħet il-bidla.

##### ▪ Assi finanzjarji miżmuma sal-maturità

L-assi finanzjarji miżmuma sal-maturità ikkwotati jinkludu bonds bl-intenzjoni li jinżammu sal-maturità, u karti kummerċjali b'maturitajiet oriġinali ta' aktar minn tliet xhur.

Dawk il-bonds u l-karti kummerċjali inizjalment jiġu rreġistrati skont il-valur ġust tagħhom flimkien ma' kwalunkwe kost tat-tranżazzjoni direttament attribwibbli. Id-differenza bejn il-prezz tad-dħul u l-valur tal-fidwa tiġi amortizzata f'konformità mal-metodu tal-imgħax effettiv matul il-perjodu ta' haġja li jifdal tal-istrument.



Il-Faċilità tivvaluta f'kull data tar-rapport tal-introjtu jekk hemmx evidenza oġġettiva li assi finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji huma indeboliti. Assi finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji jitqiesu bħala indeboliti jekk, u biss jekk, ikun hemm evidenza oġġettiva ta' indeboliment bħala riżultat ta' attività waħda jew aktar li jkunu seħħew wara r-rikonnoxximent inizjali tal-assi ("attività ta' telf" imġarrab) u li dik l-attività ta' telf (jew attività) ikollha impatt fuq l-istima tal-flussi tal-flus futuri tal-assi finanzjarju jew tal-grupp ta' assi finanzjarji li jistgħu jiġu stmati b'mod affidabbli. It-telf minn indeboliment jiġi rikonnoxxut fir-rapport tal-introjtu u l-ammont tat-telf jitkejjel bħala d-differenza bejn il-valur riportat u l-valur preżenti tal-istima tal-flussi tal-flus futuri skontati bir-rata effettiva tal-imġax oriġinali tal-istrument.

- **Self**

Is-self li jkun oriġina mill-Faċilità jiġi rikonnoxxut fl-assi tal-Faċilità meta l-flus jiġu avvanzati lill-mutwatarji. Inizjalment, dan is-self jiġi rreġistrat skont il-kost (l-ammonti netti żborżati), li huwa l-valur ġust tal-flus mogħtija biex jinbeda s-self, inkluż kwalunkwe kost tat-tranżazzjoni, u sussegwentement jitkejjel skont il-kost amortizzat, bl-użu tal-metodu tar-rendiment effettiv, nieqes kwalunkwe provvedimenti għal indeboliment jew l-impossibbiltà ta' ġbir.

- **Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ**

L-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma dawk li huma indikati bħala tali jew li ma jikkwalifikawx sabiex jiġu kklassifikati bħala indikati skont il-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, miżmuma sal-maturità, jew self u riċevibbli. Huma jinkludu l-investimenti azzjonarji diretti u l-investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju u inizjalment jiġu rreġistrati skont il-valur ġust flimkien mal-ispejjeż tat-tranżazzjoni.

Wara l-kejl inizjali, l-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ sussegwentement jiġu riportati skont il-valur ġust tagħhom. Innota d-dettalji li ġejjin għall-kejl tal-valur ġust tal-investimenti ta' ekwità, li ma jistgħux ikunu derivati mis-swieq attivi:

- a. **Fondi ta' kapital ta' riskju**

Il-valur ġust ta' kull fond ta' kapital ta' riskju huwa bbażat fuq l-aħħar Valur Nett tal-Assi (NAV) disponibbli, irrapportat mill-fond, jekk jiġi kkalkolat abbażi tal-linji gwida internazzjonali dwar il-valutazzjoni rikonnoxxuti li huma konformi mal-IFRS (pereżempju: il-linji gwida Internazzjonali dwar il-Valutazzjoni tal-Ekwità Privata u l-Kapital tar-Riskju, il-Linji Gwida IPEV, kif ippubblikati mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kapital tar-Riskju). Madankollu, il-Faċilità tista' tiddeċiedi li taġġusta l-NAV irrapportat mill-fond jekk ikun hemm kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-valutazzjoni.

- b. **Investimenti Azzjonarji Diretti**

Il-valur ġust tal-investiment huwa bbażat fuq l-aħħar sett ta' rapporti finanzjarji disponibbli, bl-użu mill-ġdid, jekk applikabbli, tal-istess mudell bħal dak użat fl-akkwist tal-parteċipazzjoni.

Qligħ u telf mhux realizzati fuq il-fondi ta' kapital tar-riskju u l-investimenti azzjonarji diretti jiġu rrapportati fir-riżorsi tal-kontributori sakemm dawn l-investimenti jinbiegħu, jinġabru jew wieħed jiddisponi minnhom, jew sakemm jiġi stabbilit li dawn l-investimenti huma indeboliti. Jekk jiġi stabbilit li investiment disponibbli għall-bejgħ huwa indebolit, il-qligħ jew it-telf kumulattiv mhux realizzati li qabel ikun ġie rikonnoxxut fl-ekwità jiġi trasferit fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv.

Għall-investimenti mhux ikkwotati, il-valur ġust jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni ta' teknika ta' valutazzjoni rikonnoxxuta (pereżempju, assi netti aġġustati, il-flussi tal-flus skontati jew multipli). Dawn l-investimenti jiġu kontabilizzati skont il-kost meta l-valur ġust ma jkunx jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Ta' min jinnota li fl-ewwel sentejn tal-investimenti, dawn jiġu rikonnoxxuti skont il-kost.

Il-parteċipazzjonijiet akkwistati mill-Faċilità tipikament jirrappreżentaw investimenti f'fondi ta' ekwità privata jew kapital ta' riskju. Skont il-prattika tal-industrija, dawn l-investimenti ġeneralment ikunu investimenti sottoskritti b'mod konġunt minn għadd ta' investituri, li ħadd minnhom ma huwa f'pożizzjoni li individwalment jinfluwenza l-operazzjonijiet ta' kuljum u l-attività ta' investiment ta' dan il-fond. Bħala konsegwenza, kull sħubija minn investitur f'korp ta' tmexxija ta' tali fond fil-prinċipju ma tagħtix id-dritt lil tali investitur li jinfluwenza l-operazzjonijiet ta' kuljum tal-fond. Barra minn hekk, l-investituri individwali f'ekwità privata jew fond ta' kapital ta' riskju ma jiddeterminawx il-politiki ta' fond, bħal politiki ta' distribuzzjoni fuq id-dividendi jew distribuzzjonijiet oħrajn. Tali deċiżjonijiet ġeneralment jittieħdu mill-maniġment ta' fond abbażi tal-ftehim tal-azzjonisti li jirregola d-drittijiet u l-obbligi tal-maniġment u tal-azzjonisti kollha tal-fond. Il-ftehim tal-azzjonisti ġeneralment iwaqqaf wkoll lill-investituri individwali milli jeżegwixxu bilateralment tranżazzjonijiet materjali mal-fond, ibiddu l-persunal maniġerjali jew jiksbu aċċess privileġġat għal informazzjoni teknika essenzjali. L-investimenti tal-Faċilità huma esegwiti skont il-prattika tal-industrija ddikjarata hawn fuq, li tiżgura li l-Faċilità la tikkontrolla u lanqas teżerċita xi forma ta' influwenza sinifikanti fis-sens tal-IFRS 10 u l-IAS 28 fuq xi wieħed minn dawn l-investimenti, inklużi dawk l-investimenti fejn il-Faċilità għandha aktar minn 20 % tad-drittijiet tal-vot.

- **Garanziji**

Il-kuntratti ta' garanziji finanzjarji huma kuntratti li jirrikjedu li l-Faċilità tagħmel pagamenti speċifikati biex tirrimborża lid-detentur għal telf li jgħarrab minħabba li debitur speċifiku jonqos milli jagħmel pagamenti meta dovuti f'konformità mat-termini ta' strument ta' dejn.

Skont ir-regoli eżistenti, dawn il-garanziji ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' kuntratt ta' assigurazzjoni (IFRS 4 Kuntratti ta' Assigurazzjoni) u jiġu kontabilizzati taħt IAS 39 Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl, bħala "Derivattivi" jew bħala "Garanziji Finanzjarji", skont l-aspetti u l-karatteristiċi tagħhom kif definiti permezz ta' IAS 39.

Il-politika kontabilistika għad-derivattivi hija divulgata taħt in-Nota 2.4.5.

Mar-rikonoxximent inizjali, il-garanziji finanzjarji jiġu rikonoxxuti skont il-valur ġust li jikkorrispondi għall-Valur Preżenti Nett (VPN) tal-influssi ta' primjums mistennija u t-telf inizjali mistenni. Dan il-kalkolu jsir fid-data tal-bidu ta' kull tranżazzjoni u jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu bħala "Garanziji finanzjarji" taħt "assi oħrajn" u "obbligazzjonijiet oħrajn".

Sussegwentement għar-rikonoxximent inizjali, l-obbligazzjonijiet tal-Faċilità taħt dawn il-garanziji jitkejlu skont l-oġġla minn:

- L-ammont inizjalment rikonoxxut nieqes, fejn ikun jixraq, l-amortizzament kumulattiv rikonoxxut f'konformità mal-IAS 18 Dħul, kif ukoll
- L-aħjar stima tan-nefqa meħtieġa għas-saldu ta' kwalunkwe obbligu finanzjarju preżenti li jirriżulta mill-garanzija, f'konformità mal-IAS 37 Provvedimenti, Obbligazzjonijiet Kontinġenti u Assi Kontinġenti.

L-aħjar stima tan-nefqa tiġi ddeterminata f'konformità mal-IAS 37. Il-provvedimenti tal-garanziji finanzjarji jikkorrispondu għall-kost tas-saldu tal-obbligu, li huwa t-telf mistenni, stmat fuq il-bażi tal-fatturi kollha rilevanti u l-informazzjoni eżistenti fid-data tar-rapport tal-introjtu.

Meta operazzjoni ta' garanzija finanzjarja mkejla taħt I-AS 39 tiġi dekontabilizzata u ttrattata taħt I-AS 37, il-valur tagħha preċedentement irreġistrat taħt "Obbligazzjonijiet oħrajn" jiġi ttrasferit għad-didaskalija "Provvedimenti għall-garanziji maħruġa" fir-rapport tal-introjtu.

Il-provvediment għall-garanziji finanzjarji (kif imkejjel skont I-AS 37) jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt "Bidla fil-provvedimenti għall-garanziji, netti mit-treġġiġh lura".

Il-primjum riċevut jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt "Introjtu mill-miżati u l-kummissjonijiet" fuq il-bażi ta' skeda ta' amortizzament f'konformità mal-IAS 18 matul il-ħajja tal-garanzija finanzjarja.

Minbarra dan, meta jiġi ffirmat ftehim ta' garanzija, huwa jiġi ppreżentat bħala obbligazzjoni kontinġenti għall-Faċilità u meta l-garanzija tintuża, bħala impenn għall-Faċilità.

#### 2.4.4 Indeboliment tal-assi finanzjarji

F'kull data tar-rapport tal-introjtu, il-Faċilità tivvaluta jekk hemmx xi evidenza oġġettiva li assi finanzjarju huwa indebolit. Assi finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji jitqies bħala indebolit jekk, u biss jekk, ikun hemm evidenza oġġettiva ta' indeboliment li jirriżulta minn attività waħda jew aktar li jkun seħħew wara r-rikonoxximent inizjali tal-assi ("attività ta' telf" imġarrab) u jekk din l-attività ta' telf ikollha impatt fuq l-istima tal-flussi tal-flus futuri tal-assi finanzjarju jew tal-grupp ta' assi finanzjarji li jista' jiġi stmat b'mod affidabbli. L-evidenza ta' indeboliment tista' tinkludi indikazzjonijiet li l-mutwatarju, jew grupp ta' mutwatarji, ikun qed jesperjenza diffikultà finanzjarja sinifikanti, inadempjenza jew delinkwenza fil-pagamenti tal-imgħax jew tal-kapital, il-probabbiltà li jfalli jew li jidhul f'riorganizzazzjoni finanzjarja oħra u fejn data osservabbli tindika tnaqqis li jista' jitkejjel fl-istima tal-flussi tal-flus futuri, bħal bidliet fl-arretrati jew kundizzjonijiet ekonomiċi li jikkorrelataw mal-inadempjenzi.

Għas-self pendenti fl-aħħar tas-sena finanzjarja u riportat bil-kost amortizzat, l-indebolimenti jseħħu meta tiġi ppreżentata evidenza oġġettiva tar-riskji tan-nuqqas ta' rkupru tal-ammonti kollha, jew ta' parti minnhom, skont it-termini kuntrattwali oriġinali jew il-valur ekwivalenti. Jekk ikun hemm evidenza oġġettiva li jkun seħħ telf minn indeboliment, l-ammont tat-telf jitkejjel bħala d-differenza bejn l-ammont riportat tal-assi u l-valur preżenti tal-istima tal-flussi tal-flus futuri. L-ammont riportat tal-assi jitnaqqas permezz tal-użu ta' kont ta' provvediment u l-ammont tat-telf jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv. L-introjtu mill-imgħax ikompli jiġi akkumulat fl-ammont riportat imnaqqas ibbażat fuq ir-rata effettiva tal-imgħax tal-assi. Is-self flimkien mal-provvediment assoċjat jitħassru meta ma jkunx hemm prospett realistiku ta' rkupru fil-futur. Jekk, f'sena sussegwenti, l-ammont stmat tat-telf minn indeboliment jiżdied jew jonqos minħabba attività li sseħħ wara li jkun ġie rikonoxxut l-indeboliment, it-telf minn indeboliment rikonoxxut qabel, jiżdied jew jitnaqqas bl-aġġustament tal-kont ta' provvediment.

Il-Faċilità twettaq valutazzjonijiet tar-riskju ta' kreditu bbażati fuq kull operazzjoni individwali u ma tikkunsidrax indeboliment kollettiv.

Għall-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, il-Faċilità tivvaluta f'kull data tar-rapport tal-introjtu jekk hemmx evidenza oġġettiva li investiment huwa indebolit. L-evidenza oġġettiva tinkludi tnaqqis sinifikanti jew fit-tul fil-valur ġust tal-investiment taħt il-kostijiet tiegħu. Fejn ikun hemm evidenza ta' indeboliment, it-telf kumulattiv (imkejjel bħala d-differenza bejn il-kost tal-akkwiżizzjoni u l-valur ġust kurrenti, nieqes kwalunkwe telf minn indeboliment fuq dak l-investiment rikonoxxut qabel fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv) jitnaqqas mir-riżorsi tal-kontributori u jiġi rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv. It-telf minn indeboliment fuq l-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ ma jitreġġax lura permezz tar-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv; iż-żidiet fil-valur ġust tagħhom wara l-indeboliment jiġu rikonoxxuti direttament fir-riżorsi tal-kontributori.



Il-Ġestjoni tar-Riskji tal-Bank Ewropew tal-Investment tanalizza l-assi finanzjarji għal indeboliment mill-inqas darba fis-sena. L-aġġustamenti li jirriżultaw jinkludu t-tnaqqis tal-iskont fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv matul il-ħajja tal-assi, u kwalunkwe aġġustament meħtieġ fir-rigward tal-valutazzjoni mill-ġdid tal-indeboliment inizjali.

#### 2.4.5 Strumenti finanzjarji derivattivi

Id-derivattivi jinkludu swaps bejn il-muniti, swaps tar-rati tal-imgħax bejn il-muniti, swaps bejn il-muniti għal żmien qasir ("FX swaps") u swaps tar-rati tal-imgħax.

Fil-proċess normali tal-attività tagħha, il-Faċilità tista' tidħol f'kuntratti ta' swaps bil-ħsieb li tiħħeġġja operazzjonijiet speċifiċi ta' għoti b'self jew f'kuntratt forward tal-muniti sabiex tiħħeġġja l-pożizzjonijiet tagħha fil-muniti, iddenominati f'muniti oħrajn li jkunu nnegozjati b'mod attiv, minbarra l-Euro, sabiex jiġi paċut kwalunkwe qligħ jew telf ikkawżat minn fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju.

Il-Faċilità ma tuża l-ebda waħda mill-possibiltajiet tal-iħħeġġjar imsemmija taħt l-IAS 39. Id-derivattivi kollha jitkejlu skont il-valur ġust permezz ta' profitt jew telf u dawn jiġu rrapportati bħala strumenti finanzjarji derivattivi. Il-valuri ġusti huma derivati primarjament minn mudelli ta' flussi tal-flus skontati, minn mudelli ta' pprezzar tal-opzjonijiet u minn kwotazzjonijiet ta' partijiet terzi.

Id-derivattivi jiġu rreġistrati skont il-valur ġust u rportati bħala assi meta l-valur ġust tagħhom ikun pożittiv u bħala obligazzjonijiet meta l-valur ġust tagħhom ikun negattiv. Il-bidliet fil-valur ġust tal-istrumenti finanzjarji derivattivi huma murija fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt "Bidla fil-valur ġust tal-istrumenti finanzjarji derivattivi".

Id-derivattivi huma inizjalment rikonoxxuti bl-użu tal-bażi tad-data tan-negozju.

#### 2.4.6 Kontribuzzjonijiet

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jiġu rikonoxxuti bħala riċevibbli fir-rapport tal-introjtu fid-data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja li trid tiħallas mill-Istati Membri lill-Faċilità.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin u konsegwentement jiġu kklassifikati bħala ekwità:

- kif ġie definit fil-ftehim dwar il-kontribuzzjonijiet, huma jagħtu d-dritt lill-Istati Membri sabiex jiddeċiedu dwar l-użu tal-assi netti tal-Faċilità f'każ li jkun hemm likwidazzjoni tal-Faċilità;
- huma jaqgħu fil-klassi tal-istrumenti li hija subordinata għall-klassijiet l-oħrajn kollha tal-istrumenti;
- l-istrumenti finanzjarji kollha li jaqgħu fil-klassi tal-istrumenti li huma subordinati għall-klassijiet l-oħrajn kollha tal-istrumenti għandhom karatteristiċi identiċi;
- l-istrument ma jinkludi l-ebda karatteristika li tkun tirrikjedi li jiġi kklassifikat bħala obligazzjoni; kif ukoll
- il-flussi tal-flus totali mistennija attribwiti għall-istrument matul il-ħajja tal-istrument huma bbażati sostanzjalment ibbażati fuq il-profitt jew it-telf, it-tidbil fl-assi netti rikonoxxuti jew it-tidbil fil-valur ġust tal-assi netti rikonoxxuti u mhux rikonoxxuti tal-Faċilità matul il-ħajja tal-istrument.

#### 2.4.7 Introjtu mill-imgħax fuq self

L-imgħax fuq self li ġej mill-Faċilità jiġi rreġistrat fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv ("limgħaxijiet u introjtu simili") u fir-rapport tal-introjtu ("Self u riċevibbli") fuq il-bażi tad-dovuti bl-użu tar-rata effettiva tal-imgħax, li hija r-rata li tiskonta eżattament il-ħlas fi flus stmat fil-futur jew id-dħul matul il-ħajja mistennija tas-self għall-ammont nett rportat tas-self. Ladarba l-valur irreġistrat ta' self jitnaqqas minħabba indeboliment, l-introjtu mill-imgħax ikompli jiġi rikonoxxut bl-użu tar-rata effettiva tal-imgħax oriġinali applikata għall-ammont rportat ġdid.

It-tariffi ta' impenn huma differiti u rikonoxxuti bħala introjtu bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv fuq il-perjodu mill-iżborż sal-ħlas lura tas-self relat, u huma ppreżentati fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv f'imgħax u introjtu simili.

#### 2.4.8 Sussidji fuq l-imgħax u assistenza teknika

Bħala parti mill-attività tagħha, il-Faċilità tiġġestixxi s-sussidji fuq l-imgħax u l-għajnuna teknika f'isem l-Istati Membri.

Il-parti tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri allokati għall-ħlas tas-sussidji fuq l-imgħax u l-AT ma tiġix kontabilizzata fir-riżorsi tal-kontributori tal-Faċilità, iżda hija kklassifikata bħala ammonti dovuti lil partijiet terzi. Il-Faċilità topera l-iżborż lill-benefiċjarji finali u mbagħad tnaqqas l-ammonti dovuti lil partijiet terzi.

Meta l-ammonti kkontribwiti fir-rigward tas-sussidji fuq l-imgħax u l-AT ma jingħatawx kompletament, huma jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala kontribuzzjoni lill-Faċilità.

#### 2.4.9 Dħul mill-imgħax fuq flus u ekwivalenti ta' flus

L-introjtu mill-imgħax fuq flus u ekwivalenti ta' flus huwa rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv tal-Faċilità abbażi tad-dovuti.

#### 2.4.10 Tariffi, kummissjonijiet u dividendi

Tariffi riċevuti fir-rigward ta' servizzi pprovduti fuq perjodu ta' żmien huma rikonoxxuti bħala introjtu hekk kif is-servizzi jiġu pprovduti, filwaqt li t-tariffi li jinkisbu mal-eżekuzzjoni ta' att sinifikanti jiġu rikonoxxuti bħala introjtu meta l-att sinifikanti jitlesta. Dawn it-tariffi huma ppreżentati fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt l-introjtu minn tariffi u kummissjonijiet.

Id-dividendi relatati ma' assi finanzjarji li huma disponibbli għall-bejgħ huma rikonoxxuti meta jiġu riċevuti u ppreżentati fir-rapport tal-introjtu u introjtu ieħor komprensiv taħt il-qliġ nett realizzat fuq l-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

### 2.5 Tassazzjoni

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jistipula li l-assi, l-introjti u proprjetà oħra tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni huma eżenti mit-taxxi diretti kollha.

### 3 Ġestjoni tar-Riskju

Din in-nota tippreżenta informazzjoni dwar l-iskopertura tal-Faċilità għar-riskji ta' kreditu u finanzjarji u dwar il-ġestjoni u l-kontroll tagħhom, b'mod partikolari r-riskji primarji assoċjati mal-użu tal-istrumenti finanzjarji minnha. Dawn huma:

- riskju ta' kreditu – ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn inadempjenza ta' klijent jew kontroparti u li jinħoloq minn skopertura ta' kreditu fil-forom kollha, inkluż ir-riskju ta' saldu;
- riskju ta' likwidità – ir-riskju li entità ma tkunx tista' tiffinanzja ż-żidiet fl-assi u tissodisfa l-obbligi hekk kif isuru dovuti, mingħajr ma ggarab telf inaċċettabbli;
- ir-riskju tas-suq – ir-riskju li bidliet fil-prezzijiet tas-suq u r-rati, bħalma huma r-rati tal-imgħax, il-prezzijiet tal-ekwità u r-rati tal-kambju se jaffettwaw l-introjtu tal-entità jew il-valur tal-parteċipazzjonijiet tagħha fi strumenti finanzjarji.

#### 3.1 Organizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju

Il-Bank Ewropew tal-Investment jadatta l-ġestjoni tar-riskji tiegħu fuq bażi kontinwa.

Il-Ġestjoni tar-Riskji tal-BEI tidentifika, tivvaluta, timmonitorja u tirrapporta indipendentement ir-riskji li l-Faċilità hija skoperta għalihom. F'qafas fejn is-segregazzjoni tad-dmirijiet hija ppreservata, il-Ġestjoni tar-Riskji hija indipendenti mill-uffiċċju tan-negozjar. Fil-livell tal-BEI d-Direttur Ġenerali tal-Ġestjoni tar-Riskju jagħmel rapporti dwar il-kwistjonijiet tar-riskju, lill-Viċi President magħżul għall-ġestjoni tar-riskji. Il-Viċi President maħtur huwa responsabbli biex jissorvelja r-rapportar tar-riskji lill-Kumitat ta' Tmexxija u lill-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ewropew tal-Investment.

#### 3.2 Riskju ta' kreditu

Ir-riskju ta' kreditu huwa t-telf potenzjali li jista' jirriżulta minn inadempjenza ta' klijent jew kontroparti u li jinħoloq fl-iskopertura tal-kreditu fil-forom kollha, inkluż is-saldu.

##### 3.2.1 Politika dwar ir-riskju ta' kreditu

Fit-tweġiq tal-analiżi tal-kreditu fuq self tal-kontroparti, il-BEI jivvaluta r-riskju ta' kreditu u t-telf mistenni bil-għan li jikkwantifikah u jipprezzah. Il-BEI żviluppa Metodoloġija tal-Klassifikazzjoni Interna (Internal Rating Methodology, IRM) li tiddetermina l-Klassifikazzjonijiet Interni tal-kontropartijiet mutwatarji/garanti tagħha li huma rilevanti għall-kreditu. Il-metodoloġija hija bbażata fuq sistema ta' karti ta' punteġġi mfasla għal kull tip ta' kontroparti tal-kreditu magħguri (pereżempju, Kumpaniji, Banek, Entitajiet tas-Settur Pubbliku, eċċ.). Meta jitqiesu t-tnejn li huma, jiġifieri l-Aħjar Prattika Bankarja u l-prinċipji stabbiliti skont il-Ftehim dwar il-Kapital Internazzjonali ta' Basel (Basel II), il-kontropartijiet kollha li huma importanti għall-profil tal-kreditu ta' tranżazzjoni speċifika jiġu kklassifikati fil-kategoriji ta' klassifikazzjoni interna bl-użu tal-IRM għat-tip ta' kontroparti speċifika. Kull kontroparti hija assenjata Klassifikazzjoni Interna li tirrifletti l-probabbiltà tal-inadempjenza tal-munita barranija wara analiżi fil-fond tal-profil tar-riskju tal-operat u dak finanzjarju tal-kontroparti u l-kuntest operatorju tar-riskju tal-pajjiż.

Il-valutazzjoni tal-kreditu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-proġetti u ta' operazzjonijiet strutturati oħrajn ta' rikors limitat qed tuża għodod tar-riskju ta' kreditu rilevanti għas-settur, prinċipalment iffokati fuq id-disponibbiltà tal-fluss tal-flus u l-kapaċità li jitħallas id-dejn. Dawn l-għodod jinkludu l-analiżi ta' qafas kuntrattwali tal-proġetti, analiżi tal-kontroparti u simulazzjonijiet tal-flussi tal-flus. Bl-istess mod għal kumpaniji u istituzzjonijiet finanzjarji, kull proġett huwa assenjat klassifikazzjoni ta' riskju.

Il-klassifikazzjonijiet interni kollha huma mmonitorjati matul il-ħajja tas-self, u aġġornati perjodikament.

L-operazzjonijiet mhux sovrani (jew mhux sovrani garantiti/assimilati) kollha huma soġġetti għal limiti speċifiċi fil-livell tat-tranżazzjonijiet u tad-daqs tal-kontroparti. Il-limiti tal-kontroparti huma stabbiliti fil-livell tal-iskopertura tal-grupp konsolidat, fejn applikabbli. Limiti bħal dawn tipikament jirriflettu pereżempju id-daqs tal-fondi proprji tal-kontropartijiet.

Sabiex itaffi r-riskju ta' kreditu, il-BEI juża, fejn ikun xieraq u skont il-każ, diversi mezzi ta' titjib tal-kreditu, li huma:

- Titoli relatati ma' kontroparti jew proġett (pereżempju, pleġġ fuq l-ishma; pleġġ fuq l-assi; ċessjoni ta' drittijiet; pleġġ fuq il-kontijiet); u/jew
- garanziji, ġeneralment ipprovduti mill-isponsor tal-proġett iffinanzjat (pereżempju, garanziji tat-tlestija, garanziji tal-ewwel domanda jew garanziji bankarji.

Il-Faċilità ma tuża l-ebda derivattivi ta' kreditu sabiex itaffi r-riskju ta' kreditu.

3.2.2 L-iskopertura massima għar-riskju ta' kreditu mingħajr ma jittieħed f'kunsiderazzjoni l-ebda kollateral u titjib ieħor tal-kreditu

It-tabella li ġejja turi l-iskopertura massima għal riskju ta' kreditu għall-komponenti tar-rapport tal-introjtu, inklużi derivattivi. L-iskopertura massima hija murija gross, qabel l-effett tal-mitigazzjoni permezz tal-użu tal-kollateral.

Esponiment massimu (f'EUR'000)	31.12.2016	31.12.2015
<b>ASSI</b>		
Flus u ekwivalenti ta' flus	360 817	448 995
Strumenti finanzjarji derivattivi	6 920	311
Self u riċevibbli	1 729 380	1 460 057
Ammonti riċevibbli mingħand il-kontributori	86 395	-
Assi finanzjarji li huma miżmuma sal-maturità	169 398	228 521
Assi oħrajn	345	27
<b>Assi totali</b>	<b>2 353 255</b>	<b>2 137 911</b>
<b>MA JIDHIRX FUQ IL-KARTA BILANĊJALI</b>		
Obbligazzjonijiet kontinġenti		
- Garanziji ffirmati mhux maħruġa	35 337	10 000
Impenji		
- Self mhux żborżat	901 899	1 189 564
- Garanziji maħruġa	8 627	798
<b>Total li ma jidherx fuq il-karta bilanċjali</b>	<b>945 863</b>	<b>1 200 362</b>
<b>Skopertura ta' kreditu totali</b>	<b>3 299 118</b>	<b>3 338 273</b>

3.2.3 Riskju ta' kreditu fuq self u riċevibbli

3.2.3.1 Kejl tar-riskju ta' kreditu għal self u riċevibbli

Kull tranżazzjoni ta' self jew garanzija mwettqa mill-Faċilità tibbenifika minn valutazzjoni komprensiva tar-riskju u kwantifikazzjoni tal-istimi tat-telf mistenni li huma riflessi fi Klassifikazzjoni tas-Self (Loan Grading, "LG"). L-operazzjonijiet taħt l-IFE (kif deskritti fin-Nota 23), bl-eċċezzjoni tas-self intermedjat, mhumiex soġġetti għal-Linji Gwida tal-Politika dwar ir-Riskju ta' Kreditu u minflok huma soġġetti għal proċedura differenti. L-LGs jiġu stabbiliti skont kriterji aċċettati b'mod ġenerali, abbażi tal-kwalità tal-mutwatarju, il-maturità tas-self, il-garanzija u, fejn xieraq, il-garanti.

Is-sistema tal-klassifikazzjoni tas-self (LG) tinkludi l-metodoloġiji, il-proċessi, il-bażijiet ta' data u s-sistemi tal-IT li jappoġġjaw il-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu fl-operazzjonijiet tal-għoti b'self u l-kwantifikazzjoni tal-istimi tat-telf mistenni. Hija tiġbor fil-qosor ammont kbir ta' informazzjoni bil-għan li toffri klassifikazzjoni relattiva tar-riskji tal-kreditu tas-self. L-LGs jirriflettu l-valur preżenti tal-livell stmat tat-"telf mistenni", b'dan ikun il-prodott tal-probabbiltà ta' inadempjenza tad-debituri prinċipali, l-iskopertura għar-riskju u s-severità tat-telf fil-każ ta' inadempjenza. L-LGs jintużaw għall-iskopijiet li ġejjin:

- bħala għajnuna għal valutazzjoni ifjen u aktar kwantitattiva tar-riskji tas-self mogħti;
- bħala għajnuna fid-distribuzzjoni tal-isforzi tal-monitoraġġ;
- bħala deskrizzjoni tal-kwalità tal-portafoll tas-self f'data partikolari;
- bħala input wieħed fid-deċiżjonijiet tal-ipprezzar tar-riskju fuq it-telf mistenni.

Il-fatturi li ġejjin jidhru fid-determinazzjoni ta' LG:

- L-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju: Il-ġestjoni tar-riskju tanalizza indipendentement lil mutwatarji u tivvaluta l-affidabbiltà kreditizja tagħhom abbażi ta' metodoloġiji interni u ta' data esterna. Skont l-Approċċ Avvanzat ta' Basel II magħżul, il-Bank żviluppa metodoloġija ta' klassifikazzjoni interna (internal rating methodology, IRM) li tiddetermina l-klassifikazzjonijiet interni tal-mutwatarji u tal-garanti. Din hija bbażata fuq sett ta' folji ta' punteġġi speċifiċi għat-tipi ta' kontropartijiet definiti.

- ii) Il-korrelazzjoni tal-inadempjenza: tikkwantifika l-possibilitajiet ta' diffikultajiet finanzjarji simultanji li jirriżultaw kemm għall-mutwatarju kif ukoll għall-garanti. Aktar ma tkun għolja l-korrelazzjoni bejn il-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-mutwatarju u tal-garanti, aktar ikun baxx il-valur tal-garanzija u, għalhekk, aktar tkun baxxa l-LG.
- iii) Il-valur tal-istrumenti ta' garanzija u tat-titoli: dan il-valur jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-kombinazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-emittent u t-tip ta' strument użat.
- iv) Il-qafas kuntrattwali: qafas kuntrattwali sod iżid il-kwalità tas-self u jtejjeb il-klassifikazzjoni interna tiegħu.
- v) It-tul tas-self: jekk kollox jibqa' l-istess, aktar ma jkun twil il-perjodu tas-self, aktar ikun għoli r-riskju li wieħed jiltaqa' ma' diffikultajiet biex iħallas lura s-self.

It-telf mistenni tas-self jiġi kkomputat billi jiġu kkombinati l-ħames elementi diskussi hawn fuq. Skont il-livell ta' dan it-telf, is-self jiġi assenjat għal waħda mill-klassijiet ta' LG segwenti elenkati hawn taħt:

- A Self ta' kwalità prima: hemm tliet subkategoriji. A tinkludi r-riskji sovrani kollha tal-UE, jiġifieri self mogħti lil jew kompletament, espliċitament u inkondizzjonalment garantit mill-Istati Membri, fejn ma jkunux mistennija diffikultajiet fil-ħlas lura u li għalih jiġi allokat telf mhux mistenni ta' 0 %. A+ tindika self mogħti lil (jew garantit minn) entitajiet oħrajn għajr l-Istati Membri, mingħajr ebda aspettattiva ta' deterjorament matul il-perjodu tas-self. A- tinkludi dawk l-operazzjonijiet ta' għoti b'self fejn ikun hemm xi dubju dwar iż-żamma tal-istatus attwali tagħhom (pereżempju, minħabba maturità twila, jew għall-volatilità għolja tal-prezz futur ta' kollateral altrimenti eċċellenti), iżda fejn kull ċaqliq 'l isfel mistenni jkun pjuttost limitat.
- B Self ta' kwalità għolja: dan it-tip ta' self jirrappreżenta klassi ta' assi li magħha l-bank iħossu komdu, għalkemm mhuwiex eskluż li fil-ġejjieni jista' jkun hemm deterjorament żgħir. B+ u B- jintużaw biex jindikaw il-probabbiltà relattiva tal-possibbiltà li jseħħ tali deterjorament.
- C Self ta' kwalità tajba: eżempju ta' dan jista' jkun self mhux garantit lil banek u kumpaniji solidi b'saldu uniku ta' 7 snin, jew amortizzament ekwivalenti, bl-iżborżar mal-maturità.
- D Din il-kategorija ta' klassifikazzjoni tirrappreżenta l-limitu bejn self ta' "kwalità aċċettabbli" u dak li esperjenza xi diffikultajiet. Dan il-punt fil-klassifikazzjoni tas-self jiġi stabbilit b'mod aktar preċiż mis-subklassifikazzjonijiet D+ u D-. Is-self ikklassifikat bħala D- jeħtieġ monitoraġġ elevat.
- E Din il-kategorija ta' LG tinkludi self bi profil ta' riskju akbar minn dak aċċettat b'mod ġenerali. Hija tinkludi wkoll self li matul haġtu esperjenza problemi serji u li wieħed ma jistax jeskludi li jsib ruħu f'sitwazzjoni ta' telf. Għal din ir-raġuni, is-self huwa soġġett għal monitoraġġ mill-qrib u għoli. Is-subklassijiet E+ u E- jiddifferenzjaw l-intensità ta' dan il-proċess ta' monitoraġġ speċjali, b'dawk l-operazzjonijiet ikklassifikati bħala E- ikunu f'pożizzjoni fejn hemm possibbiltà qawwija li d-dejn ma jkunx jista' jitħallas lura f'waqtu u għalhekk tkun meħtieġa xi forma ta' ristrutturar tad-dejn, possibbilment li twassal għal telf minn indeboliment.
- F F (falliment) huwa self li jirrappreżenta riskji inaċċettabbli. Is-self ikklassifikat bħala F jista' jirriżulta biss minn tranżazzjonijiet pendenti li jkunu esperjenzaw, wara l-iffirmar, ċirkostanzi avversi drammatiċi, eċċezzjonali u mhux previsti. L-operazzjonijiet kollha fejn ikun hemm telf ta' kapital għall-Faċilità jiġu kklassifikati bħala F u jiġi applikat provvediment speċifiku.

Ġeneralment, is-self ikklassifikat internament bħala D- jew inqas jitqiegħed fil-Lista ta' Osservazzjoni. Madankollu, jekk self kien oriġinarjament approvat bi profil ta' riskju ta' D- jew inqas, dan jitqiegħed biss fuq il-Lista ta' Osservazzjoni bħala riżultat ta' attività materjali ta' kreditu li tikkawża deterjorament ulterjuri fil-klassifikazzjoni tal-LG tiegħu.

It-tabella fit-taqsimha 3.2.3.3 turi analiżi tal-kwalità kreditizja tal-portafoll tas-self tal-Faċilità abbażi tad-diversi klassijiet ta' LG kif deskritt hawn fuq.

3.2.3.2 Analiżi tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tas-self mogħti

It-tabella li ġejja turi l-iskopertura massima għar-riskju ta' kreditu fuq self iffirmit u żborżat skont it-tip ta' mutwatarju b'kunsiderazzjoni tal-garanziji pprovduti mill-garanti:

<b>Fil-31.12.2016</b>	<b>Garantiti</b>	<b>Titjibiet oħra tal-kreditu</b>	<b>Mhux garantiti</b>	<b>Total</b>	<b>% tat-Total</b>
<b>F'EUR'000</b>					
Banek	22 691	34 597	933 609	<b>990 897</b>	<b>57%</b>
Kumpaniji	110 849	97 213	320 406	<b>528 468</b>	<b>31%</b>
Istituzzjonijiet pubbliċi	38 330	-	-	<b>38 330</b>	<b>2%</b>
Stati	-	3,764	167 921	<b>171 685</b>	<b>10%</b>
<b>Total żborżat</b>	<b>171 870</b>	<b>135 574</b>	<b>1 421 936</b>	<b>1 729 380</b>	<b>100%</b>
<b>Iffirmit iżda mhux żborżat</b>	<b>94 976</b>	<b>-</b>	<b>806 923</b>	<b>901 899</b>	

  

<b>Fil-31.12.2015</b>	<b>Garantiti</b>	<b>Titjibiet oħra tal-kreditu</b>	<b>Mhux garantiti</b>	<b>Total</b>	<b>% tat-Total</b>
<b>F'EUR'000</b>					
Banek	18 964	73 670	758 412	<b>851 046</b>	<b>58%</b>
Kumpaniji	37 431	89 170	272 186	<b>398 787</b>	<b>27%</b>
Istituzzjonijiet pubbliċi	37 112	-	14	<b>37 126</b>	<b>3%</b>
Stati	-	4 295	168 803	<b>173 098</b>	<b>12%</b>
<b>Total żborżat</b>	<b>93 507</b>	<b>167 135</b>	<b>1 199 415</b>	<b>1 460 057</b>	<b>100%</b>
<b>Iffirmit iżda mhux żborżat</b>	<b>135 821</b>	<b>-</b>	<b>1 053 743</b>	<b>1 189 564</b>	

Id-Direttorat tal-Ġestjoni u tar-Ristrutturar tat-Tranżazzjoni huwa responsabbli mill-monitoraġġ tal-mutwatarju u tal-garanti, kif ukoll mill-monitoraġġ finanzjarju u kuntrattwali relatati mal-proġett. B'hekk, l-affidabbiltà kreditizja tas-self tal-Faċilità, tal-mutwatarji u l-garanti jiġu mmonitorjati kontinwament, mill-inqas darba fis-sena, iżda aktar ta' spiss skont kemm ikun meħtieġ u bħala funzjoni ta' attivitajiet ta' kreditu li jkunu qed iseħħu. B'mod partikolari, id-Direttorat tal-Ġestjoni u r-Ristrutturar tat-Tranżazzjoni jagħmel rieżami ta' jekk id-drittijiet kuntrattwali humiex issodisfati u, f'każ ta' deterjorament tar-rata u/jew inadempjenza kuntrattwali, tittieħed azzjoni ta' rimedju. Kull fejn ikun meħtieġ, jittieħdu miżuri ta' mitigazzjoni f'konformità mal-linji gwida tar-riskju tal-kreditu. Barra minn hekk, f'każ ta' tiġdid tal-garanziji bankarji riċevuti fuq is-self tagħha, jiġi żgurat li dawn jinbidlu jew li tittieħed azzjoni f'waqtha.

3.2.3.3 Analiżi tal-kwalità kreditizja skont it-tip ta' mutwatarju

It-tabelli ta' hawn taħt juru l-analiżi tal-kwalità kreditizja tal-portafoll tas-self tal-Faċilità fil-31 ta' Diċembru 2016 u fil-31 ta' Diċembru 2015 mill-applikazzjonijiet tal-Klassifikazzjoni tas-Self, abbażi tal-iskopertura ffirmata (żborżat u mhux żborżat).

Fil-31.12.2016		Grad għoli	Grad Standard	Aċċettazzjoni Minima Riskju	Riskju għoli	L-ebda klassifikazzjoni	Total	% tat-Total
F'EUR'000								
		A sa B-	Ċ	D+	D- u inqas			
Mutwatarju	Banek	94,081	53,970	315,524	1,038,705	126,951	<b>1,629,231</b>	<b>62%</b>
	Kumpaniji	125 810	-	19 389	393 877	152 355	<b>691 431</b>	<b>26%</b>
	Istituzzjonijiet pubbliċi	-	-	38 330	-	-	<b>38 330</b>	<b>1%</b>
	Stati	-	-	18 131	254 156	-	<b>272 287</b>	<b>11%</b>
<b>Total</b>		<b>219 891</b>	<b>53 970</b>	<b>391 374</b>	<b>1 686 738</b>	<b>279 306</b>	<b>2 631 279</b>	<b>100 %</b>

Fil-31.12.2015		Grad għoli	Grad Standard	Aċċettazzjoni Minima Riskju	Riskju għoli	L-ebda klassifikazzjoni	Total	% tat-Total
F'EUR'000								
		A sa B-	Ċ	D+	D- u inqas			
Mutwatarju	Banek	92 260	31 558	326 635	990 971	245 160	<b>1 686 584</b>	<b>64 %</b>
	Kumpaniji	125 963	-	12 493	450 045	-	<b>588 501</b>	<b>22%</b>
	Istituzzjonijiet pubbliċi	-	-	37 112	40 014	-	<b>77 126</b>	<b>3 %</b>
	Stati	-	-	9 277	288 133	-	<b>297 410</b>	<b>11 %</b>
<b>Total</b>		<b>218 223</b>	<b>31 558</b>	<b>385,517</b>	<b>1 769 163</b>	<b>245 160</b>	<b>2 649 621</b>	<b>100 %</b>

3.2.3.4 Konċentrazzjonijiet tar-riskju ta' self u riċevibbli

3.2.3.4.1 Analiżi ġeografika

Abbażi tal-pajjiż tal-mutwatarju, il-portafoll tas-self tal-Faċilità jista' jiġi analizzat skont ir-reġjuni ġeografiċi li ġejjin (f'EUR'000):

<b>Pajjiż tal-mutwatarju</b>	<b>31.12.2016</b>	<b>31.12.2015</b>
Il-Kenja	341 805	192 945
In-Niġerja	241 547	195 290
L-Uganda	175 424	178 515
It-Tanzanija	115 239	56 367
Il-Ġamajka	90 237	85 278
Il-Burundi	87 373	40
Il-Mawritanja	85 008	94 123
Ir-Repubblika Dominicana	81 230	72 474
It-Togo	64 605	75 387
L-Etjopja	59 837	67 589
Il-Kongo (Ir-Repubblika Demokratika)	47 122	39 766
Il-Ghana	45 715	40 439
Il-Kamerun	41 255	51 930
Mauritius	31 518	18 882
Ir-Rwanda	29 918	20 466
Cape Verde	23 029	24 623
Il-Mozambique	22 389	25 124
Il-Polineżja Franċiża	21 387	22 095
Is-Senegal	18 544	10 991
AKP-Reġjonali	15 640	111 103
Il-Malawi	11 493	13 030
Il-Gżejjer Cayman	11 221	-
Iż-Żambja	11 079	8 733
Il-Botswana	7 889	6 605
Il-Haiti	6 879	7 071
Barbados	6 809	-
Samoa	6 356	6 267
Il-Mali	6 159	6 688
Il-Burkina Faso	4 480	5 967
Il-Kongo	3 460	5 189
Vanuatu	2 470	2 772
New Caledonia	2 191	2 705
Is-Seychelles	2 058	468
Palau	1 929	2 197
Il-Liberja	1 759	921
L-Afrika t'Isfel	1 336	-
Il-Mikroneżja	1 088	1 169
Trinidad u Tobago	528	1 010
In-Niġer	523	1 372
Saint Lucia	392	2 671
Il-Bahamas	392	-
Tonga	46	54
L-Angola	19	-
Sint Maarten	2	6
Grenada	-	1 735
<b>Total</b>	<b>1 729 380</b>	<b>1 460 057</b>



3.2.3.4.2 Analiżi tas-settur tal-industrija

It-tabella ta' hawn taħt tanalizza l-portafoll tas-self tal-Faċilità skont is-settur tal-industrija tal-mutwatarju. L-operazzjonijiet li l-ewwel ikunu żborżati lil intermedjarju finanzjarju qabel ma jkunu żborżati lill-benefiċjarju finali jiġu rreġistrati taħt is-self globali (f'EUR'000):

<b>Is-settur tal-industrija tal-mutwatarju</b>	<b>31.12.2016</b>	<b>31.12.2015</b>
Self globali u ftehimiet ta' aġenzija	987 242	658 098
L-elettriku, il-faħam u oħrajn	277 524	197 547
L-iżvilupp urban, ir-rinnovazzjoni u t-trasport	203 094	207 773
Materjal bażiku u tħaffir fil-minjieri	78 849	88 615
Terzjarji u oħrajn	67 590	201 361
It-toroq u l-awtostradi	48 600	48 165
L-ajruporti u s-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru	38 330	37 126
Il-katina alimentari	13 178	7 643
L-irkupru tal-iskart	7 988	4
l-proċessar tal-materjali, kostruzzjoni	6 964	13 719
It-telekomunikazzjoni	21	6
<b>Total</b>	<b>1 729 380</b>	<b>1 460 057</b>

3.2.3.5 Arretrati fuq self u indebolimenti

L-ammonti farretrati jiġu identifikati, immonitorjati u rrapportati skont il-proċeduri definiti fil-“Proċeduri u Linji Gwida għall-Monitoraġġ Finanzjarju” tal-bank. Dawn il-proċeduri huma konformi mal-aħjar prattiki bankarji u huma adottati għas-self kollu ġestit mill-BEI.

Il-proċess ta' monitoraġġ jiġi strutturat sabiex jiġi żgurat li (i) l-arretrati potenzjali jiġu identifikati u rrapportati lis-servizzi kkonċernati b'dewmien minimu; (ii) il-każijiet kritiċi jiġu eskalati mill-ewwel fil-livell ġust operazzjonali u tad-deċiżjonijiet; (iii) isir rapportar regolari lill-maniġment tal-BEI u lill-Istati Membri fuq l-istatus kumplessiv tal-arretrati u fuq il-miżuri ta' rkupru diġà meħuda jew li se jittieħdu.

L-arretrati u l-indebolimenti fuq is-self jistgħu jiġu analizzati kif ġej (f'EUR'000):

		Self u riċevibbli 31.12.2016	Self u riċevibbli 31.12.2015
<b>Ammont riportat</b>	<b>Noti</b>	<b>1 729 380</b>	<b>1 460 057</b>
<b>Indeboliti individwalment</b>			
Ammont gross		119 381	214 232
Provvediment għal indeboliment	7	-117 640	-191 046
<b>Ammont riportat indebolit individwalment</b>		<b>1 741</b>	<b>23 186</b>
<b>Indeboliti b'mod kollettiv</b>			
Ammont gross		-	-
Provvediment għal indeboliment		-	-
<b>Ammont riportat indebolit b'mod kollettiv</b>		<b>-</b>	<b>-</b>
<b>Skaduti iżda mhux indeboliti</b>			
<b>Skaduti jinkludi</b>			
0-30 jum		1 620	1 521
30-60 jum		30	15
60-90 jum		-	-
90-180 jum		-	-
aktar minn 180 jum		1	13
<b>Ammont riportat li jkun skada iżda mhux indebolit</b>		<b>1 651</b>	<b>1 549</b>
<b>Ammont riportat li la jkun skada u lanqas huwa indebolit</b>		<b>1 725 988</b>	<b>1 435 322</b>
<b>Total tal-ammont riportat ta' self u riċevibbli</b>		<b>1 729 380</b>	<b>1 460 057</b>

3.2.3.6 Negozjar mill-ġdid u tolleranza tas-self

Il-Faċilità tqis is-self bħala mraġġan jekk, b'rispons għal bidliet avversi fil-pożizzjoni finanzjarja ta' mutwatarju, il-Faċilità tinneogzja mill-ġdid it-termini oriġinali tal-arranġamenti kuntrattwali ma' dan il-mutwatarju li jaffettwaw direttament il-flussi tal-flus futuri tal-istrument finanzjarju u li jistgħu jirriżultaw f'telf għall-Faċilità. Madankollu, l-impatt finanzjarju tal-attivitajiet ta' ristrutturatur huwa, b'mod ġenerali, limitat għat-telf minn indeboliment, jekk ikun hemm, minħabba li n-newtralità finanzjarja tkun ġeneralment applikata mill-Faċilità u riflessa fil-kundizzjonijiet tal-ipprezzar innegożjati mill-ġdid tal-operazzjonijiet ristrutturati.

Fil-proċess normali tan-negożju, il-Klassifikazzjoni tas-Self (Loan Grading, LG) rigward is-self inkwistjoni tkun iddeterjorat, u s-self ikun għe inkluż fil-Lista ta' Osservazzjoni qabel in-negożjar mill-ġdid. Ladarba s-self jiġi nnegożjat mill-ġdid, il-Faċilità tkompli timmonitorja dan is-self mill-qrib. Jekk it-termini tal-ħlas innegożjati mill-ġdid ma jirkuprawx l-ammont riportat oriġinali tal-assi, dan jittqies bħala indebolit. It-telf minn indeboliment korrispondenti jiġi kkalkolat abbażi tal-flussi tal-flus imbassra skontati bir-rata effettiva tal-imgħax oriġinali. Il-ħtieġa ta' indeboliment għas-self kollu li l-LG tiegħu tkun iddeterjorat għal E- tiġi vvalutata regolarment; is-self kollu b'LG ta' F jirrikjedi indeboliment. Ladarba l-Klassifikazzjoni ta' Self tkun tjebet b'mod suffiċjenti, tali self jitneħħa mil-Lista ta' Osservazzjoni skont il-proċeduri tal-Faċilità.

Il-miżuri u l-prattiki ta' tolleranza mwettqa mit-tim tar-ristrutturatur tal-Faċilità matul il-perjodu tar-rapportar jinkludu l-estensjoni tal-maturità, id-differiment ta' kapital biss, id-differiment tal-kapital u tal-imgħax u l-kapitalizzazzjoni tal-arretrati. Tali miżuri ta' tolleranza ma jwasslux għall-irtirar tar-rikonossiment tal-operazzjoni sottostanti.

L-iskoperturi soġġetti għal bidliet fit-termini kuntrattwali li ma jaffettwawx il-flussi tal-flus futuri, bħal kollateral jew arranġamenti ta' titoli oħrajn, jew ir-rinunzja ta' drittijiet kuntrattwali taħt patt, ma jittqisux bħala mraġġna u, b'hekk, dawn l-attivitajiet weħidhom ma jittqisux bħala suffiċjenti sabiej jindikaw indeboliment.

L-operazzjonijiet soġġetti għal miżuri ta' tolleranza jiġu rrapportati bħala tali fit-tabella ta' hawn taħt:

F'EUR'000	31.12.2016	31.12.2015
L-għadd ta' operazzjonijiet soġġetti għal Prattiki ta' tolleranza	22	16
Valuri riportati	171 135	225 631
li minnhom: indeboliti	124 250	204 711
Indeboliment rikonossut	113 052	188 197
Introjtu mill-imgħax fir-rigward tal-operazzjonijiet imraġġna	19 877	14 262
Skoperturi mħassra (wara t-terminazzjoni/il-bejgħ tal-operazzjoni)	31 298	-

Miżuri ta' tolleranza

F'EUR'000	31.12.2015	Estensjoni tal-maturitajiet	Differiment ta' kapital biss	Differiment ta' kapital u imgħax	Oħrajn	Ripagament u terminazzjoni kuntrattwali <sup>(1)</sup>	31.12.2016
Banek	17 891	-	-	12 150	8 062	-827	37 276
Kumpaniji	207 740	-	-	-	26 203	-100 084	133 859
<b>Total</b>	<b>225 631</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>12 150</b>	<b>34 265</b>	<b>-100 911</b>	<b>171 135</b>

(1) It-tnaqqis huwa spjegat mill-ħlas lura tal-kapital li seħħ matul is-sena fuq operazzjonijiet diġà meqjusa bħala mraġġna fil-31 ta' Diċembru 2015 u mit-terminazzjoni matul is-sena.

3.2.4 Riskju ta' kreditu fuq flus u ekwivalenti ta' flus

Il-fondi disponibbli jiġu investiti f'konformità mal-iskeda tal-Faċilità tal-obbligi ta' żborż kuntrattwali. Sa mill-31 ta' Diċembru 2016 u l-31 ta' Diċembru 2015, l-investimenti kienu fil-forma ta' depożiti bankarji, ċertifikati ta' depożiti u karti kummerċjali.

L-entitajiet awtorizzati għandhom klassifikazzjoni simili għall-klassifikazzjonijiet għal perjodu ta' żmien qasir u twil, li huma meħtieġa għall-pjazzamenti tat-teżor tal-BEI stess. Il-klassifikazzjoni minima għal perjodu ta' żmien qasir meħtieġa mill-entitajiet awtorizzati hija P-1/A-1/F1 (Moody's, S&P, Fitch). F'każ li jingħataw klassifikazzjonijiet differenti minn aktar minn aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu waħda, tgħodd l-aktar klassifikazzjoni baxxa. Il-limitu massimu awtorizzat għal kull bank awtorizzat bħalissa huwa EUR 50 000 000 (ħamsin miljun euro). Eċċezzjoni għal din ir-regola ngħatat lil Societe Generale, fejn il-Faċilità għandha l-kontijiet tal-flus operazzjonali tagħha. Il-limitu tal-kreditu għal perjodu ta' żmien qasir għal Societe Generale sal-31 ta' Diċembru 2016 u l-31 ta' Diċembru 2015 jammonta għal EUR 110 000 000 (mija u għaxar miljun euro). Il-limitu miżjud japplika għas-somma ta' flus miżmuma fil-kontijiet tal-flus operazzjonali u l-istrumenti maħruġa minn din il-kontroparti u miżmuma mill-portafoll tat-teżor.

L-investimenti kollha saru ma' entitajiet awtorizzati b'maturità massima ta' tliet xhur mid-data tal-valur u sal-limitu tal-iskopertura tal-kreditu. Sal-31 ta' Diċembru 2016 u l-31 ta' Diċembru 2015, id-depożiti kollha għal żmien fiss, il-karti kummerċjali u l-flus fl-idejn miżmuma mill-portafoll tat-teżor tal-Faċilità kellhom klassifikazzjoni minima ta' P-1 (l-ekwivalenti ta' Moody's) fil-jum tas-saldu.

It-tabella li ġejja turi s-sitwazzjoni tal-flus u tal-ekwivalenti ta' flus, inkluż l-imgħax dovut (f'EUR'000):

Klassifikazzjoni minima għal perjodu ta' żmien qasir (It-terminu ta' Moody's)	Klassifikazzjoni minima għal perjodu ta' żmien twil (It-terminu ta' Moody's)		31.12.2016		31.12.2015
P-1	Aaa	37 949	10 %	49 999	11 %
P-1	Aa2	46 963	13 %	26	0 %
P-1	Aa3	40 436	11 %	-	0 %
P-1	A1	100 012	28 %	115 705	26 %
P-1	A2	135 457	38 %	283 265	63 %
<b>Total</b>		<b>360 817</b>	<b>100 %</b>	<b>448 995</b>	<b>100 %</b>

3.2.5 Ir-riskju ta' kreditu fuq id-derivattivi

3.2.5.1 Il-politika dwar ir-riskju ta' kreditu tad-derivattivi

Ir-riskju ta' kreditu fir-rigward tad-derivattivi huwa rrappreżentat mit-telf li parti speċifika tkun għarrbet, fejn il-kontroparti l-oħra fil-ftehim ma tkunx tista' tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha. Ir-riskju ta' kreditu assoċjat mad-derivattivi jvarja skont għadd ta' fatturi (bħar-rati tal-imgħax u r-rati tal-kambju) u ġeneralment ikun jikkorrispondi biss għal porzjon żgħir tal-valur nozzjonali tagħhom.

Matul il-kors normali tal-attività tagħha, il-Faċilità tista' tidħol f'kuntratti ta' swaps, bil-ħsieb li tiñhegġja operazzjonijiet speċifiċi ta' self, jew inkella f'kuntratti forward ta' kambju, bil-ħsieb li tiñhegġja l-pożizzjonijiet tal-munita tagħha denominati f'munita oħrajn innegożjati b'mod attiv, għajr il-Euro. L-iswaps kollha jiġu eżegwiti mill-Bank Ewropew tal-Investment ma' kontroparti esterna. Is-swaps jiġu rranġati mill-istess Ftehimiet Prinċipali tas-Swaps u l-Annessi għall-Appoġġ tal-Kreditu ffirmati bejn il-Bank Ewropew tal-Investment u l-kontropartijiet esterni tiegħu.

3.2.5.2 Il-kejl tar-riskju ta' kreditu għad-derivattivi

Is-swaps kollha eżegwiti mill-Bank Ewropew tal-Investment li huma relatati mal-Faċilità jiġu ttrattati fl-istess qafas kuntrattwali u metodoloġiji applikati għad-derivattivi nnegożjati mill-Bank Ewropew tal-Investment għall-finijiet tiegħu stess. B'mod partikolari, l-eliġibbiltà tal-kontropartijiet tas-swaps tiġi ddeterminata mill-Bank Ewropew tal-Investment abbażi tal-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà applikati għall-finijiet tal-iswaps ġenerali tiegħu.

Il-Bank Ewropew tal-Investment ikejjel l-iskopertura għar-riskju ta' kreditu relatata ma' tranżazzjonijiet ta' swaps u derivattivi bl-użu tal-approċċ tal-iskopertura tas-Suq Nett (Net Market Exposure, NME) u tal-iskopertura Futura Potenzjali (Potential Future Exposure, PFE) għar-rapportar u l-monitoraġġ tal-limiti. L-NME u l-PFE jinkludu b'mod sfiñ id-derivattivi relatati mal-Faċilità tal-Investment.

- It-tabella li ġejja turi l-maturitajiet ta' swaps tar-rati tal-imgħax bejn il-valuti, subdiviżi skont l-ammont nozzjonali u l-valur ġust tagħhom:

<b>Kuntratti ta' swaps fil-31.12.2016</b>	<b>inqas minn</b>	<b>sena</b>	<b>5 snin</b>	<b>aktar minn</b>	<b>Total għall-</b>
<b>F'EUR'000</b>	<b>sena</b>	<b>sa 5 snin</b>	<b>sa 10 snin</b>	<b>sa 10 snin</b>	<b>2016</b>
Ammont nozzjonali	-	7 430	-	-	<b>7 430</b>
Il-valur ġust (jiġifieri l-valur nett skontat)	-	-3 051	-	-	<b>-3 051</b>

<b>Kuntratti ta' swaps fil-31.12.2015</b>	<b>inqas minn</b>	<b>sena</b>	<b>5 snin</b>	<b>aktar minn</b>	<b>Total għall-</b>
<b>F'EUR'000</b>	<b>sena</b>	<b>sa 5 snin</b>	<b>sa 10 snin</b>	<b>sa 10 snin</b>	<b>2015</b>
Ammont nozzjonali	-	9 589	-	-	<b>9 589</b>
Il-valur ġust (jiġifieri l-valur nett skontat)	-	-3 835	-	-	<b>-3 835</b>

- Il-Faċilità tidħol f'kuntratti ta' swaps tal-valuti skont ir-rata tal-kambju ("swaps FX") għal perjodu ta' żmien qasir sabiex tiġi r-riskju tal-valuta fuq l-iżborżamenti ta' self f'muniti għajr l-EUR. Is-swaps FX għandhom maturità massima ta' tliet xhur u jiġu riportati regolarment. L-ammont nozzjonali ta' swaps FX kien ta' EUR 1 611,0 miljun fil-31 ta' Diċembru 2016 apparagun ta' EUR 1 400,0 miljun fil-31 ta' Diċembru 2015. Il-valur ġust ta' swaps FX jammonta għal EUR -15,3 miljun fil-31 ta' Diċembru 2016 apparagun ta' EUR -3,7 miljun fil-31 ta' Diċembru 2015.
- Il-Faċilità tidħol f'kuntratti ta' swaps tar-rata tal-imgħax sabiex tiġi r-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax fuq self żborżat. Mill-31 ta' Diċembru 2016 hemm żewġ swaps tar-rata tal-imgħax pendenti b'ammont nozzjonali ta' EUR 41,2 miljun (2015: EUR 44,9 miljun) u valur ġust ta' EUR 0,1 miljun (2015: EUR -0,3 miljun).

### 3.2.6 Ir-riskju ta' kreditu fuq assi finanzjarji miżmuma sal-maturità

It-tabella li ġejja turi s-sitwazzjoni tal-portafoll miżmum sal-maturità magħmul kompletament minn kambjali tat-teżor maħruġa mill-Italja, mill-Portugal u minn Spanja b'maturitajiet li jifdal ta' inqas minn tliet xhur. L-Istati Membri tal-UE huma l-emittenti eliġibbli. Il-limitu massimu awtorizzat għal kull emittent awtorizzat huwa EUR 50 000 000 (ħamsin miljun euro). L-investimenti f'bonds għal perjodu ta' żmien medju u twil jistgħu jkunu wkoll eliġibbli, skont il-linji gwida għall-investiment u skont ir-rekwiżiti tal-likwidità:

<b>Klassifikazzjoni minima għal perjodu ta' żmien qasir (It-terminu ta' Moody's)</b>	<b>Klassifikazzjoni minima għal perjodu ta' żmien twil (It-terminu ta' Moody's)</b>	<b>31.12.2016</b>		<b>31.12.2015</b>	
P-1	Aa2	18 012	10 %	-	0 %
P-1	A1	30 002	18 %	10 000	4 %
P-1	A2	-	0 %	69 502	31 %
P-2	Baa2	-	0 %	50 007	22 %
P-2	Mhux Ikklassifikata	20 025	12 %	-	0 %
P-3	Baa3	-	0 %	50,012	22 %
NP	Ba1	50 005	30 %	49 000	21 %
Mhux Ikklassifikata	Baa2	51 354	30 %	-	0 %
<b>Total</b>		<b>169 398</b>	<b>100 %</b>	<b>228 521</b>	<b>100 %</b>

### 3.3 Riskju ta' likwidità

Riskju ta' likwidità jirreferi għall-kapaċità ta' entità li tiffinanzja ż-żidiet fl-assi u tissodisfa l-obbligi hekk kif isiru dovuti, mingħajr ma ggarabb telf inaċċettabbli. Jista' jinqasam bejn ir-riskju tal-likwidità tal-iffinanzjar u r-riskju tal-likwidità tas-suq. Ir-riskju tal-likwidità tal-iffinanzjar huwa r-riskju li entità ma tkunx kapaċi tissodisfa b'mod effiċjenti l-ħtiġijiet tal-likwidità kurrenti u futuri kemm mistennija kif ukoll mhux mistennija mingħajr ma taffettwa l-operazzjonijiet ta' kuljum tagħha jew il-kundizzjoni finanzjarja tagħha. Ir-riskju ta' likwidità tas-suq huwa r-riskju li entità ma tkunx tista' tpaċi jew telimina faċilment pożizzjoni bil-prezz tas-suq minħabba l-kobor inadegwat tas-suq jew it-tfixkil fis-suq.

#### 3.3.1 Għestjoni tar-riskju ta' likwidità

Il-Faċilità hija primarjament iffinanzjata minn kontribuzzjonijiet annwali mill-Istati Membri, kif ukoll minn fondi minn operazzjonijiet preċedenti li għejjin mill-operazzjonijiet tal-Faċilità. Il-Faċilità tiġġestixxi r-riskju ta' likwidità tal-finanzjament tagħha primarjament permezz tal-ippjanar tal-ħtiġijiet netti tal-likwidità tagħha u l-kontribuzzjonijiet annwali tal-Istati Membri meħtieġa.

Sabiex jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet annwali tal-Istati Membri, l-istruttura tal-iżborż tal-portafoll eżistenti u ta' dak ippjanat tiġi analizzata u segwita matul is-sena. Jiġu kkunsidrati attivitajiet speċjali, bħal rimborżi kmieni, bejgħ ta' ishma jew każijiet ta' inadempjenza, sabiex jiġu kkoreġuti r-rekwiżiti annwali tal-likwidità.

Biex ikompli jtnaqqas ir-riskju tal-likwidità, il-Faċilità żżomm riżerva ta' likwidità suffiċjenti biex tkopri f'kull ħin l-iżborżamenti ta' flus previsti, kif ikkomunikati perjodikament mid-Dipartiment tal-Għoti b'Self tal-BEI. Il-fondi jiġu investiti fis-suq tal-flus u fis-swieg tal-bonds fil-forma ta' depożiti interbankarji u strumenti finanzjarji oħrajn għal perjodu ta' żmien qasir billi jitqiesu l-obbligi tal-iżborż tal-flus tal-Faċilità. L-assi likwidi tal-Faċilità jiġu għestiti mid-Dipartiment tat-Teżor tal-Bank bil-ħsieb li jżomm likwidità xierqa biex jippermetti lill-Faċilità tissodisfa l-obbligi tagħha.

F'konformità mal-prinċipju tas-segregazzjoni tad-dmirijiet bejn l-Uffiċċju tan-Negożjar (Front Office) u l-Uffiċċju Amministrattiv (Back Office), l-operazzjonijiet ta' saldu relatati mal-investment ta' dawn l-assi jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tad-Dipartiment tal-Ippjanar u s-Saldu tal-Operazzjonijiet tal-BEI. Barra minn hekk, l-awtorizzazzjoni tal-kontropartijiet u l-limiti għal investimenti tat-teżor, kif ukoll il-monitoraġġ ta' tali limiti, huma r-responsabbiltà tad-Direttorat tal-Għestjoni tar-Riskji tal-Bank.

#### 3.3.2 Kejl tar-riskju tal-likwidità

Il-tabelli f'din it-taqsimha janalizzaw l-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-Faċilità skont il-maturità abbażi tal-perjodu li jkun baqa' bejn id-data tal-karta bilanċjali u d-data tal-maturità kuntrattwali (abbażi tal-flussi tal-flus mhux skontati).

F'termini ta' obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi, il-Faċilità għandha impenji fil-forma ta' porzjonijiet mhux żborżati tal-kreditu skont il-ftehimiet ta' self iffirmati, ta' porzjonijiet mhux żborżati tal-ftehimiet ta' sottoskrizzjoni ta' kapital jew ta' investment iffirmati, ta' garanziji tas-self mogħtija jew ta' sussidji impenjati fuq l-imgħax u ta' AT.

Is-self permezz tal-FI għandu skadenza ta' żborżament. Madankollu, l-iżborżamenti jsiru f'ħinijiet u f'ammonti li jirriflettu l-progress tal-proġetti ta' investment sottostanti. Barra minn hekk, is-self tal-FI jikkostitwixxi tranżazzjonijiet imwettqa f'ambjent operatorju relattivament volatili, sabiex b'hekk l-iskeda ta' żborż tagħhom tkun soġġetta għal livell sinifikanti ta' inċertezza.

Investimenti kapitali jsiru dovuti meta u hekk kif il-manigġers tal-fondi tal-ekwità joħroġu sejħiet validi għall-kapital, u dan jirrifletti l-progress fl-attivitajiet ta' investment tagħhom. Il-perjodu ta' prelevament ġeneralment ikun ta' tliet snin, li ta' spiss ikollu jitwal b'sena jew sentejn. Ċerti impenji ta' żborż ġeneralment jissopravvivo sa tmiem il-perjodu tal-prelevament sad-disponiment sħiħ tal-investimenti sottostanti tal-fond, hekk kif il-likwidità tal-fond tista' ma tkunx biżżejjed minn żmien għal żmien biex tissodisfa l-obbligi tal-ħlas li jirriżultaw fir-rigward ta' tariffi jew spejjeż oħrajn.

Il-garanziji mħumiex soġġetti għal impenji speċifiċi ta' żborż sakemm ma tiġix eżerċitata garanzija. L-ammont tal-garanziji pendenti jtnaqqas flimkien mal-iskeda ta' ħlas lura tas-self garantit.

Is-sussidji impenjati fuq l-imgħax tal-flussi tal-ħruġ tal-flus iseħħu fil-każ tas-self issussidjat iffinanzjat minn riżorsi proprji tal-Bank. Għalhekk, il-flussi tal-ħruġ irrapportati jirrappreżentaw biss l-impenji relatati ma' dan is-self aktar milli l-ammont totali ta' sussidji impenjati fuq l-imgħax mhux żborżati. Bħal fil-każ tas-self, l-iskeda tal-iżborż tagħhom hija inċerta.

"Flus ta' ħruġ nominali gross" ta' AT impenjata fit-tabella "Profil tal-maturità ta' obbligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi" tirreferi għall-porzjon totali mhux żborżat fil-kuntratti AT iffirmati. L-iskeda taż-żmien tal-iżborż hija soġġetta għal livell sinifikanti ta' inċertezza. Il-flussi tal-ħruġ ta' flus ikklassifikati fit-taqsimha "tliet xhur jew inqas" jirrappreżentaw l-ammont ta' fatturi pendenti riċevuti sad-data tar-rapporart.

L-impenji għal obligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi li għalihom ma hemm ebda data tal-maturità kuntrattwali definita huma kklassifikati taħt "Maturità Mhux Definita". L-impenji, li għalihom hemm irreġistrata talba għal żborż ta' flus fid-data tar-rapportar, huma kklassifikati fil-perjodu ta' żmien relevanti.

F'termini tal-obbligazzjonijiet finanzjarji ta' derivattivi, il-profil tal-maturità jirrappreżenta l-flussi ta' flus kuntrattwali gross mhux skontati ta' kuntratti ta' swaps, inklużi swaps bejn il-valuti (CCS), swaps tar-rati tal-imgħax bejn il-valuti (CCIRS), swaps ta' valuti għal perjodu ta' żmien qasir u swaps tar-rati tal-imgħax.

Profil tal-maturità ta' obligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi	Tliet xhur jew inqas	Aktar minn 3 xhur sa sena	Aktar minn sena sa 5 snin	Aktar minn 5 snin	Maturità Mhux Definita	Fluss ta' ħruġ nominali gross
<b>F'EUR'000 fil-31.12.2016</b>						
Flussi ta' ħruġ ta' self impenjat iżda mhux żborżat	82 405	-	-	-	819 494	901 899
Flussi ta' ħruġ ta' fondi ta' investiment impenjati u sottoskrizzjoni tal-ishma	4 592	-	-	-	239 458	244 050
Oħrajn (garanziji ffirmati mhux maħruġa, garanziji maħruġa)	-	-	-	-	43 964	43 964
Flussi ta' ħruġ ta' sussidji fuq l-imgħax impenjati	-	-	-	-	275 917	275 917
Flussi ta' ħruġ għal AT impenjata	2 671	-	-	-	24 807	27 478
<b>Total</b>	<b>89 668</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>1 403 640</b>	<b>1 493 308</b>

Profil tal-maturità ta' obligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi	Tliet xhur jew inqas	Aktar minn 3 xhur sa sena	Aktar minn sena sa 5 snin	Aktar minn 5 snin	Maturità Mhux Definita	Fluss ta' ħruġ nominali gross
<b>F'EUR'000 fil-31.12.2015</b>						
Flussi ta' ħruġ għal self impenjat iżda mhux żborżat	41 028	-	-	-	1 148 536	1 189 564
Flussi ta' ħruġ ta' fondi ta' investiment impenjati u sottoskrizzjoni tal-ishma	23 371	-	-	-	274 984	298 355
Oħrajn (garanziji ffirmati mhux maħruġa, garanziji maħruġa)	-	-	-	-	10 798	10 798
Flussi ta' ħruġ għal sussidji impenjati fuq l-imgħax	-	-	-	-	281 682	281 682
Flussi ta' ħruġ għal AT impenjata	811	-	-	-	28 072	28 883
<b>Total</b>	<b>65 210</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>-</b>	<b>1 744 072</b>	<b>1 809 282</b>

Profil tal-maturità ta' obligazzjonijiet finanzjarji derivattivi	Tliet xhur jew inqas	Aktar minn 3 xhur sa sena	Aktar minn sena sa 5 snin	Aktar minn 5 snin	Influss/fluss ta' ħruġ nominali gross
<b>F'EUR'000 fil-31.12.2016</b>					
CCS u CCIRS – Influssi	3	2 409	5 222	-	7 634
CCS u CCIRS – Flussi ta' ħruġ	-	-3 688	-7 377	-	-11 065
Swaps tal-valuti għal perjodu ta' żmien qasir - Influssi	1 611 000	-	-	-	1 611 000
Swaps tal-valuti għal perjodu ta' żmien qasir - Flussi ta' ħruġ	-1 636 001	-	-	-	-1 636 001
Swaps tar-Rati tal-Imgħax - Influssi	411	1 234	5 529	1 550	8 724
Swaps tar-Rati tal-Imgħax - Flussi ta' ħruġ	-	-1 962	-5 316	-1 329	-8 607
<b>Total</b>	<b>-24 587</b>	<b>-2 007</b>	<b>-1 942</b>	<b>221</b>	<b>-28 315</b>

Profil tal-maturità ta' obligazzjonijiet finanzjarji derivattivi	Tliet xhur jew inqas	Aktar minn 3 xhur sa sena	Aktar minn sena sa 5 snin	Aktar minn 5 snin	Influss/flussi ta' ħruġ nominali gross
<b>F'EUR'000 fil-31.12.2015</b>					
CCS u CCIRS – Influssi	5	2 307	7 671	-	9 983
CCS u CCIRS – Flussi ta' ħruġ	-	-3 571	-10 714	-	-14 285
Swaps tal-valuti għal perjodu ta' żmien qasir - Influssi	1 400 000	-	-	-	1 400 000
Swaps tal-valuti għal perjodu ta' żmien qasir - Flussi ta' ħruġ	-1 407 763	-	-	-	-1 407 763
Swaps tar-Rati tal-Imgħax - Influssi	383	1 269	6 059	2 524	10 235
Swaps tar-Rati tal-Imgħax - Flussi ta' ħruġ	-	-2 145	-6 127	-2,206	-10 478

<b>Total</b>	<b>-7 375</b>	<b>-2 140</b>	<b>-3 111</b>	<b>318</b>	<b>-12 308</b>
--------------	---------------	---------------	---------------	------------	----------------



3.3.3 Assi u obligazzjonijiet finanzjarji għal perjodu ta' żmien twil

It-tabella li ġejja tistabbilixxi l-ammonti riportati ta' assi u obligazzjonijiet finanzjarji mhux derivattivi li mistennija jiġu rkuprati jew saldati aktar minn 12-il xahar wara d-data tar-rapportar.

<b>F'EUR'000</b>	<b>31.12.2016</b>	<b>31.12.2015</b>
<b>Assi finanzjarji:</b>		
Self u riċevibbli	1 692 867	1 423 368
Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ	516 884	419 353
Assi oħrajn	141	-
<b>Total</b>	<b>2 209 892</b>	<b>1 842 721</b>
<b>Obligazzjonijiet finanzjarji:</b>		
Provedimenti għall-garanziji maħruġa	497	-
Ammont dovut lil partijiet terzi	69 960	57 346
<b>Total</b>	<b>70 457</b>	<b>57 346</b>

### 3.4 Riskju tas-suq

Ir-riskju tas-suq jirrappreżenta r-riskju li bidliet fil-prezzijiet tas-suq u r-rati, bħalma huma r-rati tal-imgħax, il-prezzijiet tal-ekwità u r-rati tal-kambju jaffettwaw id-dħul tal-entità jew il-valur tal-parteċipazzjonijiet tagħha fi strumenti finanzjarji.

#### 3.4.1 Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

Ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li jinholq mill-volatilità fil-valur ekonomiku tal-pożizzjonijiet li jgħorru rati tal-imgħax jew fl-introjt derivat minnhom minħabba ċaqliq avvers fir-rati tal-imgħax.

Il-faċilità mhijiex milquta direttament mill-bidla fil-valur ekonomiku tagħha jew għal diskrepanzi bejn prezzijiet differenti ta' assi, obbligazzjonijiet u strumenti ta' kopertura għaliex (i) hija ma għandha l-ebda kost tas-self dirett jew obbligazzjonijiet li jgħorru rata tal-imgħax u (ii) taċċetta l-impatt ta' flutwazzjonijiet fir-rati tal-imgħax fuq id-dħul mill-investimenti tagħha.

Il-Faċilità tkejjel is-sensittività tal-portafoll tas-self tagħha u l-iswaps ta' mikroifhēggjar għall-flutwazzjonijiet fir-rati tal-imgħax permezz ta' kalkolu tal-Valur tal-Punt Bażi (Basis Point Value, BPV).

Il-BPV ikejjel il-qliq jew it-telf fil-valur nett preżenti tal-portafoll rilevanti, dovut għal żieda ta' punt bażi wieħed (0,01 %) fil-livelli tar-rati tal-imgħax li jvarjaw f'perjodu ta' żmien speċifikat ta' "suq tal-flus – sa sena", "qasir ħafna – minn sentejn sa tliet snin", "qasir – minn erba' snin sa sitt snin", "medju – minn seba' snin sa ħdax-il sena", "twil – minn tna sena sa għoxrin sena" jew "twil ħafna – aktar minn wieħed u għoxrin sena".

Sabiex tiddetermina l-valur preżenti nett (VPN) tal-flussi ta' flus denominati f'EUR, il-Faċilità tuża l-kurva tal-finanzjament bażi f'EUR tal-BEI (il-kurva tal-iswaps tal-EUR aġġustata bil-firxa tal-finanzjament globali tal-BEI). Il-kurva tal-finanzjament f'USD tal-BEI tintuża għall-kalkolu tal-VPN tal-flussi tal-flus tas-self denominati f'USD. Il-VPN tal-flussi tal-flus tas-self denominati f'muniti li għalihom ma hemmx disponibbli kurva kredibbli u kompleta biżżejjed tal-iskont, jiġi stabbilit bl-użu ta' kurva ta' finanzjament bażi f'EUR tal-BEI bħala indikatur.

Sabiex tikkalkula l-valur nett preżenti tal-iswaps ta' mikroifhēggjar, il-faċilità tuża l-kurva tal-iswaps tal-EUR għal flussi ta' flus denominati f'EUR u l-kurva tal-iswaps tal-USD għal flussi ta' flus denominati f'USD.

Kif muri fit-tabella li ġejja, il-valur nett preżenti tal-portafoll tas-self, inklużi l-iswaps tal-mikroifhēggjar sal-31 ta' Diċembru 2016, se jonqos b'EUR 516k (fil-31 ta' Diċembru 2015: tnaqqis b'EUR 532k) jekk il-kurvi tar-rati tal-imgħax rilevanti kollha jżiedu fl-istess ħin b'mod parallel b'punt bażi wieħed.

Valur ta' punt bażi F'EUR'000	Flus Suq	Qasir Ħafna	Qasir	Medju	Twil	Twil Ħafna	Total
Fil-31.12.2016	sena	bejn sentejn u 3 snin	bejn 4 u 6 snin	bejn 7 snin u 11-il sena	bejn 12-il sena u 20 sena	21 sena	
Sensittività totali ta' self u swaps tal- mikroifhēggjar	-46	-101	-164	-175	-30	-	-516

  

Valur ta' punt bażi F'EUR'000	Flus Suq	Qasir Ħafna	Qasir	Medju	Twil	Twil Ħafna	Total
Fil-31.12.2015	sena	bejn sentejn u 3 snin	bejn 4 u 6 snin	bejn 7 snin u 11-il sena	bejn 12-il sena u 20 sena	21 sena	
Sensittività totali ta' self u swaps tal- mikroifhēggjar	-37	-72	-252	-139	-32	-	-532

### 3.4.2 Riskju tal-kambju

Ir-riskju tal-kambju ("FX") għall-FI huwa r-riskju ta' telf fil-qligħ jew valur ekonomiku minħabba ċaqliq avvers fir-rati tal-FX.

Fil-każ ta' munita tal-kontabbiltà ta' referenza (EUR għall-FI), il-Faċilità hija esposta għar-riskju FX kull meta jkun hemm diskrepanza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet denominati f'munita tal-kontabbiltà mhux ta' referenza. Ir-riskju FX jinkludi wkoll l-effett ta' bidliet fil-valur ta' flussi futuri ta' flus denominati f'munita tal-kontabbiltà ta' referenza, pereż. l-imgħax u ħlasijiet ta' dividendi minħabba l-fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju.

#### 3.4.2.1 Ir-riskju tal-kambju u l-assi tat-teżor

L-Assi tat-Teżor tal-FI huma denominati f'EUR jew USD.

Ir-riskju FX huwa kopert permezz ta' spot FX ta' bejn il-valuti jew tranżazzjonijiet forward, swaps FX jew swaps bejn il-valuti. Id-Dipartiment tat-Teżor tal-BEI jista', fejn jitqies neċessarju u xieraq, juża kwalunkwe strument ieħor, skont il-politika tal-Bank, li jipprovi protezzjoni kontra r-riskji tas-suq imgħarba fir-rigward tal-attivitàjiet finanzjarji tal-FI.

#### 3.4.2.2 Ir-riskju tal-kambju u l-operazzjonijiet iffinanzjati jew garantiti mill-FI

Il-kontribuzzjonijiet tal-FI tal-Istati Membri jaslu f'EUR. L-operazzjonijiet iffinanzjati jew garantiti mill-FI kif ukoll is-sussidji tal-imgħax jistgħu jkunu denominati f'EUR, USD jew kwalunkwe munita oħra awtorizzata.

Tinħoloq skopertura għar-riskju tal-kambju (apparagun tal-munita ta' referenza EUR) kull meta t-tranżazzjonijiet denominati f'muniti oħrajn minbarra l-EUR jitħallew mhux iħħeġġjati. Il-linji gwida għall-iħħeġġjar tar-riskju tal-kambju tal-FI huma stabbiliti hawn taħt.

##### 3.4.2.2.1. Iħħeġġjar ta' operazzjonijiet denominati f'USD

Ir-riskju tal-FX ġġenerati mill-operazzjonijiet tal-FI denominati f'USD għandhom ikunu koperti fuq bażi aggregata permezz ta' swaps FX USD/EUR, riportati u aġġustati f'termini ta' ammont fuq bażi perijodika. L-użu ta' swaps FX iservi skop doppju. Fuq naħa waħda tiġi ġġenerata l-likwidità neċessarja għal żborżi ġodda (self u ekwità) u fuq in-naħa l-oħra jinżamm il-makro-iħħeġġjar tal-FX.

Fil-bidu ta' kull perjodu, il-flussi ta' flus li jridu jiġu rċevuti jew jitħallsu f'USD matul il-perjodu li jmiss għandhom jiġu kkalkolati abbażi tar-rimborżi/żborżi pjanati jew mistennija. Sussegwentement, l-iswaps FX li jimaturaw għandhom jiġu riportati, bl-ammont tagħhom jiġi aġġustat sabiex ikopri mill-inqas il-ħtiġijiet ta' likwidità f'USD ipproġettati matul il-perjodu li jmiss.

- Fuq bażi ta' kull xahar, il-pożizzjoni tal-FX f'USD għandha tiġi ħħeġġjata, jekk taqbeż il-limiti rilevanti, permezz ta' operazzjoni spot jew forward.
- F'perjodu ta' riportament, id-defiċits tal-likwidità f'USD mhux mistennija għandhom ikunu koperti permezz ta' operazzjonijiet ta' swaps FX *ad hoc*, filwaqt li l-eċċessi tal-likwidità għandhom jiġu investiti f'assi tat-teżor jew inkella jiġu kkonvertiti f'EUR jekk iseħħu minn żieda fil-pożizzjoni tal-FX.

##### 3.4.2.2.2. Operazzjonijiet ta' ħħeġġjar denominati f'muniti oħrajn minbarra EUR jew USD

- L-operazzjonijiet tal-FI denominati f'muniti oħrajn minbarra l-EUR u l-USD għandhom jiġu koperti permezz ta' kuntratti ta' swaps bejn il-valuti bl-istess profil finanzjarju bħas-Self sottostanti, sakemm suq tal-iswaps ikun operazzjonali.
- Il-FI għandha operazzjonijiet denominati f'muniti li għalihom il-possibiltajiet tal-iħħeġġjar jew mhumiex disponibbli b'mod effiċjenti jew inkella huma disponibbli b'kost għoli. Dawn l-operazzjonijiet huma denominati fil-munita lokali (LCs) iżda mħallsa f'EUR jew USD. Il-qafas tar-riskju finanzjarju tal-FI, li ġie approvat mill-Kumitat tal-FI fit-22 ta' Jannar 2015, joffri l-possibiltà li wieħed jħheggja skopertura tal-FX fil-LCs li juru korrelazzjoni pożittiva sinifikanti mal-USD sintetikament permezz ta' derivattivi denominati f'USD. L-LCs iħħeġġjati sintetikament ma' derivattivi denominati f'USD huma rrapportati fit-tabella fit-taqsim 3.4.2.2.3 hawn taħt, taħt l-entrata "Muniti lokali (taħt ħeġġ sintetiku)", filwaqt li l-LCs mhux iħħeġġjati sintetikament b'USD huma rrapportati fl-istess tabella taħt l-entrata "Muniti lokali (mhux taħt ħeġġ sintetiku)".

3.4.2.2.3 Pożizzjoni tal-kambju (f'EUR'000)

It-tabelli ta' din in-nota juru l-pożizzjoni tal-kambju tal-Faċilità.

Il-pożizzjoni tal-kambju hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt f'konformità mal-Politiki tar-Riskju tal-FI (kif deskritti fil-qafas tar-riskju finanzjarju tal-FI). Il-pożizzjoni tal-FX skont il-Politiki tar-Riskju hija bbażata fuq ċifri tal-kontabbiltà u definita bħala l-bilanċ bejn assi u obligazzjonijiet magħżulin. L-assi u l-obbligazzjonijiet definiti fil-pożizzjoni tal-FX skont il-Politiki ta' Riskju huma magħżula sabiex jiġi żgurat li l-qligħ jista' biss jiġi konvertit fil-munita tar-rapportar (EUR) meta jiġi riċevut.

